WERREJ

PREAMBOLU

PARTI I

TITOLU I - TIFSIR U GĦANIJIET TA' L-UNJONI

TITOLU II - DRITTIJIET FUNDAMENTALI U Ċ-ĊITTADINANZA TA' L-UNJONI

TITOLU III - KOMPETENZI TA' L-UNJONI

TITOLU IV - ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI
KAPITOLU I - IL-QAFAS ISTITUZZJONALI
KAPITOLU II - L-ISTITUZZJONIJIET L-OHRA U L-KORPI KONSULTATTIVI TA' L-UNJONI

TITOLU V - EŻERĊIZZJU TAL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI
KAPITOLU I - DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI
KAPITOLU II - DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI
KAPITOLU III - KOPERAZZJONI MSAĦĦA

TITOLU VI - ĦAJJA DEMOKRATIKA TA' L-UNJONI

TITOLU VII - FINANZI TA' L-UNJONI

TITOLU VIII - L-UNJONI U L-GIRIEN TAGHHA

TITOLU IX - SĦUBIJA FL-UNJONI

PARTI II: IL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TA' L-UNJONI

PREAMBOLU

TITOLU I - DINJITÀ

TITOLU II - LIBERTAJIET

TITOLU III - UGWALJANZA

TITOLU IV - SOLIDARJETÀ

TITOLU V - ĊITTADINANZA

TITOLU VI - ĠUSTIZZJA

TITOLU VII - DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JIRREGOLAW L-INTERPRETAZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA

PARTI III: POLITIKA U FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

TITOLU I - DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

TITOLU II - NON-DISKRIMINAZZJONI U ĊITTADINANZA

TITOLU III - POLITIKA U AZZJONIJIET INTERNI

KAPITOLU I - SUQ INTERN

Sezzjoni 1 - Stabbiliment u funzjonament tas-Suq Intern

Sezzjoni 2 - Moviment liberu ta' persuni u ta' servizzi

Subsezzjoni 1 - Ħaddiema

Subsezzjoni 2 - Libertà ta' stabbiliment

Subsezzjoni 3 - Libertà tal-provvista ta' servizzi

Sezzjoni 3 - Moviment liberu tal-merkanzija

Subsezzjoni 1 - Unjoni Doganali

Subsezzjoni 2 - Koperazzjoni doganali

Subsezzjoni 3 - Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi

Sezzjoni 4 - Kapital u pagamenti

Sezzjoni 5 - Regoli dwar il-kompetizzjoni

Subsezzjoni 1 - Regoli li japplikaw għal impriżi

Subsezzjoni 2 - Għajnuniet mill-Istati Membri

Sezzjoni 6 - Disposizzjonijiet fiskali

Sezzjoni 7 - Disposizzjonijiet komuni

KAPITOLU II - POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA

Sezzjoni 1 - Politika ekonomika

Sezzjoni 2 - Politika monetarja

Sezzjoni 3 - Disposizzjonijiet istituzzjonali

Sezzjoni 4 - Disposizzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

Sezzjoni 5 - Disposizzjonijiet transitorji

KAPITOLU III - POLITIKA F'OQSMA OĦRA

Sezzjoni 1 - Impjieg

Sezzjoni 2 - Politika soċjali

Sezzjoni 3 - Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

Sezzjoni 4 - Agrikoltura u sajd

Sezzjoni 5 - Ambjent

Sezzjoni 6 - Protezzjoni tal-konsumatur

Sezzjoni 7 - Trasport

Sezzjoni 8 - Rettikolati trans-Ewropej

Sezzjoni 9 - Riċerka u żvilupp teknoloġiku, u l-Ispazju

Sezzjoni 10 - Enerġija

KAPITOLU IV - ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Sezzjoni 1 - Disposizzjonijiet ġenerali

Sezzjoni 2 - Politika dwar kontrolli fuq il-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni

Sezzjoni 3 - Koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

Sezzjoni 4 - Koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

Sezzjoni 5 - Koperazzjoni tal-pulizija

KAPITOLU V - OQSMA FEJN L-UNJONI TISTA' TIDDEĊIEDI LI TIEĦU AZZJONI TA' SOSTENN, TA' KORDINAZZJONI JEW KUMPLIMENTARI

Sezzjoni 1 - Saħħa pubblika

Sezzjoni 2 - Industrija

Sezzjoni 3 - Kultura

Sezzjoni 4 - Turiżmu

Sezzjoni 5 - Edukazzjoni, żgħażagħ, sport u formazzjoni professjonali

Sezzjoni 6 - Protezzjoni ċivili

Sezzjoni 7 - Koperazzjoni amminstrattiva

TITOLU IV - ASSOĊJAZZJONI TAL-PAJJIŻI U T-TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ

TITOLU V - AZZJONI ESTERNA TA' L-UNJONI

KAPITOLU I - DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

KAPITOLU II - POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

Sezzjoni 1 - Disposizzjonijiet komuni

Sezzjoni 2 - Politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni

Sezzjoni 3 - Disposizzjonijiet finanzjarji

KAPITOLU III - POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

KAPITOLU IV - KOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI U GĦAJNUNA UMANITARJA

Sezzjoni 1 - Koperazzjoni għall-iżvilupp

Sezzjoni 2 - Koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi

Sezzjoni 3 - Għajnuna umanitarja

KAPITOLU V - MIŻURI RESTRITTIVI

KAPITOLU VI - FTEHIM INTERNAZZJONALI

KAPITOLU VII - RELAZZJONIJIET TA' L-UNJONI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U MA' PAJJIŻI TERZI U DELEGAZZJONIJIET TA' L-UNJONI

KAPITOLU VIII - IMPLIMENTAZZJONI TAL-KLAWŻOLA TA' SOLIDARJETÀ

TITOLU VI - IL-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

KAPITOLU I -DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

Sezzjoni 1 - L-istituzzjonijiet

Subsezzjon 1 - Il-Parlament Ewropew

Subsezzjon 2 - Il-Kunsill Ewropew

Subsezzjoni 3 - Il-Kunsill tal-Ministri

Subsezzjoni 4 - Kummissjoni Ewropea

Subsezzjoni 5 - Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea

Subsezzjoni 6 - Il-Bank Ċentrali Ewropew

Subsezzjoni 7 - Il-Qorti ta' l-Awdituri

Sezzjoni 2 - Korpi konsultattivi ta' l-Unjoni

Subsezzjoni 1 - Il-Kumitat tar-Reġjuni

Subsezzjoni 2 - Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Sezzjoni 3 - Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment

Sezzjoni 4 - Disposizzjonijiet komuni għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni

KAPITOLU II - DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

Sezzjoni 1 - Il-Qafas finanzjarju pluriennali

Sezzjoni 2 - Il-*Budget* annwali ta' l-Unjoni

Sezzjoni 3 - Implimentazzjoni tal-*budget* u kwittanza

Sezzjoni 4 - Disposizzjonijiet komuni

Sezzjoni 5 - Ġlieda kontra l-frodi

Kapitolu III - KOPERAZZJONI MSAĦĦA

TITOLU VII: DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

PARTI IV: DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

# TRATTAT LI JISTABBILIXXI

# KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

# PREAMBOLU

IL-MAESTÀ TIEGĦU IR-RE TAL-BELĠJANI, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAD-DANIMARKA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA, L-MAESTÀ TIEGĦU IR-RE TA' SPANJA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA, L-PRESIDENT TA' L-IRLANDA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TALJANA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, L-ALTEZZA RJALI TIEGĦU L-GRAN DUKA TAL-LUSSEMBURGU, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA, L-PRESIDENT TA' MALTA, L-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TA' L-OLANDA, L-PRESIDENT FEDERALI TAR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA, L-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA, L-GVERN TAR-RENJU TA' L-ISVEZJA, L-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

ISPIRATI mill-patrimonju kulturali, religjuż u umanist ta' l-Ewropa, li minnu żviluppaw il-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem li ma jistgħux jiġu vjolati u lanqas aljenati, l-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-prinċipju ta' l-istat tad-dritt;

BILLI JEMMNU li l-Ewropa, maqgħuda mill-ġdid wara esperjenzi koroh, bi ħsiebha tkompli ssegwi t-triq taċ-ċiviltà, l-progress u l-prosperità, għall-ġid ta' l-abitanti kollha tagħha, inklużi dawk l-iktar dgħajfin u l-iktar nieqsin; li tixtieq tibqa' kontinent miftuħ għall-kultura, t-tagħlim u l-progress soċjali; u li tixtieq issaħħaħ in-natura demokratika u trasparenti tal-ħajja pubblika tagħha, u li taħdem għall-paċi, l-ġustizzja u s-solidarjetà fid-dinja;

PERSWAŻI li l-popli ta' l-Ewropa, filwaqt li jibqgħu kburin bl-identità u bl-istorja nazzjonali tagħhom, huma determinati li jittraxxendu d-diviżjonijiet ta' qabel tagħhom, u, maqgħudin dejjem aktar, isawru destin komuni;

PERSWAŻI li, għaldaqstant "Maqgħuda fid-diversità", l-Ewropa toffri lill-popli ta' l-Ewropa l-aħjar opportunità, fir-rispett tad-drittijiet ta' kull individwu u fl-għarfien tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġenerazzjonijiet futuri u lejn il-pjaneta, li jsegwu l-avventura kbira li tagħmilha spazju privileġġjat ta' tama ta' l-umanità;

DETERMINATI li jkomplu x-xogħol li diġà sar fil-qafas tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, billi jiżguraw il-kontinwità ta' l-*acquis* tal-Komunità;

GRATI LEJN il-membri tal-Konvenzjoni Ewropea talli ppreparaw l-abbozz ta' din il-Kostituzzjoni għan-nom taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa,

INNOMINAW BĦALA PLENIPOTENZJARJI TAGĦHOM:

IL-MAESTÀ TIEGĦU R-RE TAL-BELĠJANI,

Guy VERHOFSTADT
Prim Ministru

Karel DE GUCHT
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ĊEKA,

Stanislav GROSS
Prim Ministru

Cyril SVOBODA
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAD-DANIMARKA,

Anders Fogh RASMUSSEN
Prim Ministru

Per Stig MØLLER
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

Gerhard SCHRÖDER
Kanċillier Federali

Joseph FISCHER
Ministru Federali ta' l-Affarijiet Barranin u Deputat Kanċillier Federali

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

Juhan PARTS
Prim Ministru

Kristina OJULAND
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

Kostas KARMANLIS
Prim Ministru

Petros G. MOLYVIATIS
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-MAESTÀ TIEGĦU IR-RE TA' SPANJA,

José Luis RODRÍGUEZ ZAPATERO
President tal-Gvern

Miguel Angel MORATINOS CUYAUBÉ
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kooperazzjoni

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

Jacques CHIRAC
President

Jean-Pierre RAFFARIN
Prim Ministru

Michel BARNIER
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TA' L-IRLANDA,

Bertie AHERN
Prim Ministru (Taoiseach)

Dermot AHERN
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TALJANA,

Silvio BERLUSCONI
Prim Ministru

Franco FRATTINI
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

Tassos PAPADOPOULOS
President

George IACOVOU
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

Vaira VĪĶE FREBERGA
President

Indulis EMSIS
Prim Ministru

Artis PABRIKS
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

Valdas ADAMKUS
President

Algirdas Mykolas BRAZAUSKAS
Prim Ministru

Antanas VALIONIS
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

L-ALTEZZA RJALI TIEGĦU L-GRAN DUKA TAL-LUSSEMBURGU,

Jean-Claude JUNCKER
Prim Ministru, Ministru ta' l-Istat

Jean ASSELBORN
Viċi-Prim Ministru, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Immigrazzjoni

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

Ferenc GYURCSÁNY
Prim Ministru

László KOVÁCS
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TA' MALTA,

L-Onor. Lawrence Gonzi
Prim Ministru

L-Onor. Michael Frendo
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TA' L-OLANDA,

Dott. J. P. BALKENENDE
Prim Ministru

Dott. B. R. BOT
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT FEDERALI TAR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

Dott. Wolfgang SCHÜSSEL
Kanċillier Federali

Dott. Ursula PLASSNIK
Ministru Federali ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

Marek BELKA
Prim Ministru

Włodzimiez CIMOSZEWICZ
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

Pedro Miguel DE SANTANA LOPES
Prim Ministru

Victor MARTINS MONTEIRO
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u tal-Komunitajiet Portugiżi Barra mill-Pajjiż

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

Anton ROP
President tal-Gvern

Ivo VAJGL
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

Mikuláš DZURINDA
Prim Ministru

Eduard KUKAN
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

Matti VANHANEN
Prim Ministru

Erkki TUOMIOJA
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-GVERN TAR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

Göran PERSSON
Prim Ministru

Laila FREIVALDS
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Wisq Onor. Tony BLAIR
Prim Ministru

Il-Wisq Onor Jack STRAW
Segretarju ta' l-Istat ta' Affarijiet Barranin u tal-*Commonwealth*

Li, wara li skambjaw il-pjeni poteri tagħhom, li kienu fil-forma tajba u dovuta, qablu kif ġej:

# PARTI I

## TITOLU I

## TIFSIR U GĦANIJIET TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU I-1

### Stabbiliment ta' l-Unjoni

1. Ispirata mir-rieda taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa li jibnu l-futur tagħhom komuni, din il-Kostituzzjoni tistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, li lilha l-Istati Membri jikkonferixxu kompetenzi sabiex jintlaħqu l-għanijiet komuni. L-Unjoni għandha tikkordina l-politika li biha l-Istati Membri għandhom il-ħsieb li jilħqu dawn l-għanijiet, u għandha teżerċita fuq bażi Komunitarja l-kompetenzi li jikkonferixxu lilha.

2. L-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri tagħha u li jimpenjaw ruħhom li jippromwovuhom flimkien.

## ARTIKOLU I-2

### Valuri ta' l-Unjoni

L-Unjoni hija mibnija fuq il-valuri ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, ta' libertà, ta' demokrazija, ta' ugwaljanza, ta' l-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà karatterizzata mill-pluraliżmu, n-non-diskriminazzjoni, t-tolleranza, l-ġustizzja, s-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

## ARTIKOLU I-3

### Għanijiet ta' l-Unjoni

1. L-iskop primarju ta' l-Unjoni hu li tippromwovi l-paċi, l-valuri tagħha u l-ġid tal-popli tagħha.

2. L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, u suq intern fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux distorta.

3. L-Unjoni għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa mibni fuq it-tkabbir ekonomiku bilanċjat u fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet, fuq ekonomija soċjali tas-suq b'kompetittività għolja, li jimmira li kulħadd jaħdem u għall-progress soċjali, b'livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità ta' l-ambjent. Għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku.

Għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

Għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika u għandha tiżgura li l-patrimonju kulturali Ewropew jiġi mħares u żviluppat.

4. Fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha ssostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha. Għandha tikkontribwixxi għall-paċi, s-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, s-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, l-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għall-osservanza stretta u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

5. L-Unjoni għandha ssegwi l-għanijiet tagħha b'mezzi approprjati, fuq bażi tal-kompetenzi rilevanti li huma kkonferiti lilha fil-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU I-4:

Libertajiet fundamentali u n-non-diskriminazzjoni

1. Il-moviment liberu ta' persuni, ta' servizzi, ta' merkanzija u ta' kapitali, u l-libertà ta' stabbiliment għandhom ikunu garantiti mill-Unjoni u fi ħdanha, skond il-Kostituzzjoni.

2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi tagħha, kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità għandha tkun projbita.

ARTIKOLU I-5

Relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri

1. L-Unjoni għandha tirrispetta l-ugwaljanza ta' l-Istati Membri quddiem il-Kostituzzjoni kif ukoll l-identitajiet nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi fundamentali politiċi u kostituzzjonali tagħhom, inklużi dawk tal-gvern awtonomu reġjonali u lokali. Għandha tirrispetta l-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż dawk li jiżguraw l-integrità territorjali ta' l-Istat, il-manteniment ta' l-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

2. Skond il-prinċipju ta' koperazzjoni leali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, b'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tal-kompiti li huma tagħhom b'riżultat tal-Kostituzzjoni.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżura xierqa, ġenerali jew partikolari, sabiex jiżguraw li l-obbligi li joħorġu mill-Kostituzzjoni jew li jirriżultaw mill-atti ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jiġu mwettqa.

L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-Unjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed fil-periklu lill-Unjoni milli tikseb l-għanijiet tagħha.

ARTIKOLU I-6

Dritt ta' l-Unjoni

Il-Kostituzzjoni u l-liġijiet adottati mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi konferiti lilha għandhom jipprevalu fuq id-dritt ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU I-7

### Personalità Ġuridika

L-Unjoni għandha personalità ġuridika.

## ARTIKOLU I-8

### Simboli ta' l-Unjoni

Il-bandiera ta' l-Unjoni għandha tkun ċirku ta' tnax-il stilla tad-deheb fuq sfond blu.

L-innu ta' l-Unjoni huwa bbażat fuq "Odi lil Hena" mid-Disa' Sinfonija ta' Ludwig van Beethoven.

Il-*motto* ta' l-Unjoni hu: "Maqgħuda fid-diversità".

Il-munita ta' l-Unjoni hija l-euro.

Jum l-Ewropa jiġi ċċelebrat fid-9 ta' Mejju fl-Unjoni kollha.

# TITOLU II

# DRITTIJIET FUNDAMENTALI U Ċ-ĊITTADINANZA TA' L-UNJONI

## ARTIKOLU I-9

### Drittijiet fundamentali

1. L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji dikjarati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li tikkostitwixxi l-Parti II.

2. L-Unjoni taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-adeżjoni m'għandhiex timmodifika l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti fil-Kostituzzjoni.

3. Id-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u kif żviluppaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jagħmlu parti mid-dritt ta' l-Unjoni bħala prinċipji ġenerali.

## ARTIKOLU I-10

### Ċittadinanza ta' l-Unjoni

1. Kull ċittadin ta' Stat Membru għandu jkun ċittadin ta' l-Unjoni. Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni għandha tkun addizzjonali għaċ-ċittadinanza nazzjonali u m'għandhiex tissostitwiha.

2. Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom igawdu d-drittijiet u jintrabtu bid-dmirijiet previsti fil-Kostituzzjoni. Għandhom:

a) id-dritt ta' moviment liberu u d-dritt ta' residenza libera fit-territorju ta' l-Istati Membri;

b) id-dritt tal-vot u d-dritt li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn huma jirrisjedu, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat;

ċ) id-dritt li jgawdu, fit-territorju ta' pajjiż terz fejn l-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini ma jkunx rappreżentat, mill-protezzjoni ta' l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kull Stat Membru, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat;

d) id-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew, id-dritt li jagħmlu rikors lill-Ombudsman Ewropew, u d-dritt li jindirizzaw lill-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi ta' l-Unjoni fi kwalunkwe lingwa tal-Kostituzzjoni u d-dritt li jirċievu tweġiba bl-istess lingwa.

Dawn id-drittijiet għandhom ikunu eżerċitati skond il-kondizzjonijiet u l-limiti mfissra mill-Kostituzzjoni u permezz tal-miżuri adottati taħtha.

# TITOLU III

# KOMPETENZI TA' L-UNJONI

## ARTIKOLU I-11

### Prinċipji fundamentali

1. Il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni huma regolati mill-prinċipju tal-konferiment. L-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni hu regolat mill-prinċipju ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

2. Skond il-prinċipju tal-konferiment, l-Unjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lilha mill-Istati Membri fil-Kostituzzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni. Il-kompetenzi li mhumiex konferiti mill-Kostituzzjoni lill-Unjoni jibqgħu għand l-Istati Membri.

3. Skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà, f'dawk l-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss, jekk, u sa fejn, l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali jew lokali, iżda jistgħu, minħabba fl-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell ta' l-Unjoni.

L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom japplikaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Il-Parlamenti nazzjonali għandhom jiżguraw il-ħarsien ta' dan il-prinċipju skond il-proċedura indikata f'dak il-Protokoll.

4. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-kontenut u l-forma ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Kostituzzjoni.

L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

ARTIKOLU I-12

Kategoriji ta' kompetenza

1. Meta l-Kostituzzjoni tikkonferixxi fuq l-Unjoni kompetenza esklużiva f'qasam speċifiku, l-Unjoni biss tista' tilleġisla u tadotta atti li jorbtu legalment, u l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu dan huma biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni, jew biex jimplimentaw l-atti ta' l-Unjoni.

2. Meta l-Kostituzzjoni tikkonferixxi lill-Unjoni kompetenza li tinqasam ma' l-Istati Membri f'qasam speċifiku, l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jilleġislaw u jadottaw atti li jorbtu legalment f'dak il-qasam. L-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sa fejn l-Unjoni ma eżerċitatx, jew iddeċidiet li ma tkomplix teżerċita, l-kompetenza tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jikkordinaw il-politika ekonomika u ta' l-impjieg tagħhom skond il-modalitajiet previsti fil-Parti III, li l-Unjoni għandha l-kompetenza li tipprovdi.

4. L-Unjoni għandha l-kompetenza li tiddefinixxi u timplimenta politika estera u ta' sigurtà komuni, inkluża d-definizjoni progressiva ta' politika ta' difiża komuni.

5. F'ċerti oqsma u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni, l-Unjoni għandha l-kompetenza li tieħu azzjonijiet biex tagħti sostenn, tikkordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri, mingħajr b'daqshekk ma tissostitwihom fil-kompetenza tagħhom f'dawn l-oqsma.

Atti ta' l-Unjoni li jorbtu legalment adottati fuq bażi tad-disposizzjonijiet fil-Parti III li jirrelataw għal dawn l-oqsma ma jfissrux l-armonizzazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi ta' l-Istati Membri.

6. Il-kamp ta' l-applikazzjoni tal-kompetenzi ta' l-Unjoni u l-modalitajiet ta' l-eżerċizzju tagħhom għandhom jiġu determinati mid-disposizzjonijiet li jirrigwardaw kull qasam fil-Parti III.

ARTIKOLU I-13

Oqsma ta' kompetenza esklużiva

1. L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fl-oqsma li ġejjin:

a) l-unjoni doganali;

b) l-istabbiliment tar-regoli tal-kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern;

ċ) il-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;

d) il-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skond il-politika komuni tas-sajd;

e) il-politika kummerċjali komuni.

2. L-Unjoni għandha wkoll kompetenza esklużiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun stipulata f'att leġislattiv ta' l-Unjoni, jew tkun meħtieġa sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita l-kompetenza interna tagħha, jew safejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom.

## ARTIKOLU I-14

### Oqsma ta' kompetenza kondiviża

1. L-Unjoni għandha kompetenza kondiviża ma' l-Istati Membri fejn il-Kostituzzjoni tikkonferixxi lilha kompetenza li ma tirrigwardax l-oqsma previsti fl-Artikoli I-13 u I-17.

2. Kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tapplika fl-oqsma prinċipali li ġejjin:

a) is-suq intern;
b) il-politika soċjali, għall-aspetti definiti fil-Parti III;
ċ) il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
d) l-agrikoltura u s-sajd, eskluża l-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
e) l-ambjent;
f) il-protezzjoni tal-konsumatur;
g) it-trasport;
h) ir-rettikolati trans-Ewropej;
i) l-enerġija;
j) l-oqsma ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja;
k) l-interessi komuni ta' sigurtà f'materji ta' saħħa pubblika, għall-aspetti definiti fil-Parti III.

3. Fl-oqsma tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju, l-Unjoni għandha l-kompetenza biex twettaq attivitajiet, b'mod partikolari li tiddefinixxi u timplimenta programmi; iżda, l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza m'għandux iwassal biex iżomm lill-Istati Membri mill-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom.

4. Fl-oqsma tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja, l-Unjoni għandha l-kompetenza biex twettaq attivitajiet u tikkonduċi politika komuni; iżda, l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza m'għandux iwassal biex iżomm lill-Istati Membri mill-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom.

ARTIKOLU I-15

Kordinazzjoni tal-politika ekonomika u ta' l-impjieg

1. L-Istati Membri għandhom jikkordinaw il-politika ekonomika tagħhom fi ħdan l-Unjoni. Għal dan il-għan, il-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta miżuri, b'mod partikolari linji gwida wiesa' għal din il-politika.

Disposizzjonijiet speċifiċi għandhom japplikaw għal dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. L-Unjoni għandha tieħu miżuri sabiex tiżgura l-kordinazzjoni tal-politika ta' l-impjieg ta' l-Istati Membri, partikolarment billi tiddefinixxi linji gwida għal din il-politika.

3. L-Unjoni tista' tieħu inizjattivi biex tiżgura l-kordinazzjoni tal-politika soċjali ta' l-Istati Membri.

ARTIKOLU I-16

Politika estera u ta' sigurtà komuni

1. Il-kompetenza ta' l-Unjoni f'materji ta' politika estera u ta' sigurtà komuni għandha tkopri l-oqsma kollha tal-politika estera u l-kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' l-Unjoni, inkluża d-definizjoni progressiva ta' politika ta' difiża komuni, li tista' twassal għal difiża komuni.

2. L-Istati Membri għandhom attivament u mingħajr riżervi jagħtu sostenn lill-politika estera u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni, fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka u għandhom jirrispettaw l-azzjoni ta' l-Unjoni f'dan il-qasam. Għandhom jastjenu minn azzjonijiet li jmorru kontra l-interessi ta' l-Unjoni jew li x'aktarx ifixklu l-effikaċja tagħha.

## ARTIKOLU I-17

### Oqsma ta' azzjoni ta' sostenn, ta' kordinazzjoni jew kumplimentari

L-Unjoni għandha kompetenza li tieħu azzjoni ta' sostenn jew ta' kordinazzjoni jew azzjoni kumplimentari. Fil-livell Ewropew, l-oqsma għal din l-azzjoni għandhom ikunu:

a) il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem;

b) l-industrija;

ċ) il-kultura;

d) it-turiżmu;

e) l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, l-isport, u l-formazzjoni professjonali;

f) il-protezzjoni ċivili;

g) il-koperazzjoni amministrattiva;

## ARTIKOLU I-18

### Klawżola ta' flessibilità

1. Jekk jirriżulta neċessarju li l-Unjoni tieħu azzjoni, fil-qafas tal-politika definita fil-Parti III sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni, u l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet is-setgħat meħtieġa, l-Kunsill tal-Ministri, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-miżuri xierqa.

2. Billi tuża l-proċedura għall-kontroll tal-prinċipju ta' sussidjarjetà previst fl-Artikolu I-11(3), il-Kummissjoni Ewropea għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Parlamenti nazzjonali għall-proposti bbażati fuq dan l-Artikolu.

3. Il-miżuri bbażati fuq dan l-Artikolu m'għandhomx jinvolvu l-armonizzazzjoni ta' liġijiet u ta' regolamenti ta' l-Istati Membri f'każijiet fejn il-Kostituzzjoni teskludi din l-armonizzazzjoni.

# TITOLU IV

# ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I

## IL-QAFAS ISTITUZZJONALI

### ARTIKOLU I-19

### L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni

1. L-Unjoni għandha qafas istituzzjonali mmirat biex:

- jippromwovi l-valuri tagħha,
- javvanza l-għanijiet tagħha,
- jaqdi l-interessi tagħha, dawk taċ-ċittadini tagħha u dawk ta' l-Istati Membri,
- jiżgura l-konsistenza, l-effikaċja u l-kontinwità tal-politika u l-azzjonijiet tagħha.

Dan il-qafas istituzzjonali huwa magħmul minn:

- il-Parlament Ewropew,
- il-Kunsill Ewropew,

- il-Kunsill tal-Ministri, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kunsill"),

- il-Kummissjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Kummissjoni"),

- il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Kull Istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat konferiti lilha mill-Kostituzzjoni, u skond il-proċeduri u l-kondizzjonijiet stabbiliti fiha. L-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw koperazzjoni leali.

ARTIKOLU 1-20

Il-Parlament Ewropew

1. Il-Parlament Ewropew għandu, flimkien mal-Kunsill, jeżerċita funzjonijiet leġislattivi u ta' *budget.* Għandu jeżerċita funzjonijiet ta' kontroll politiku u ta' konsultazzjoni skond il-kondizzjonijiet previsti fil-Kostituzzjoni. Għandu jeleġġi l-President tal-Kummissjoni.

2. Il-Parlament Ewropew għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti taċ-ċittadini ta' l-Unjoni. In-numru tagħhom ma jistax jaqbeż is-seba' mija u ħamsin fin-numru. Ir-rappreżentanza taċ-ċittadini hi garantita b'mod proporzjonali digressiv, b'limitu minimu ta' sitt membri għal kull Stat Membru. L-ebda Stat Membru m'għandu jingħata iktar minn sitta u disgħin siġġu.

Il-Kunsill Ewropew għandu jadotta b'mod unanimu, fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u bil-kunsens tiegħu, deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-komposizzjoni tal-Parlament Ewropew, li tirrispetta l-prinċipji previsti fl-ewwel subparagrafu.

3. Il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu eletti b'mandat ta' ħames snin b'vot dirett universali liberu u sigriet.

4. Il-Parlament Ewropew għandu jeleġġi l-President u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu.

ARTIKOLU I-21

Il-Kunsill Ewropew

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jipprovdi l-Unjoni bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha u għandu jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha. Huwa ma jeżerċitax funzjonijiet leġislattivi.

2. Il-Kunsill Ewropew għandu jikkonsisti mill-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern ta' l-Istati Membri, flimkien mal-President tiegħu u mal-President tal-Kummissjoni. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jieħu sehem fil-ħidma tiegħu.

3. Il-Kunsill Ewropew għandu jiltaqa' kull tliet xhur, fuq sejħa mill-President tiegħu. Meta l-aġenda titlob hekk, il-membri tal-Kunsill Ewropew jistgħu jiddeċiedu kull wieħed li jkunu assistiti minn ministru u, fil-każ tal-President tal-Kummissjoni, minn membru tal-Kummissjoni. Meta s-sitwazzjoni tirrikjedi hekk, il-President għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew.

4. Ħlief fejn il-Kostituzzjoni tipprovdi mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom jittieħdu b'*consensus*.

ARTIKOLU I-22

Il-President tal-Kunsill Ewropew

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jeleġġi l-President tiegħu, b'maġġoranza kwalifikata, għal perjodu ta' sentejn u nofs, li jista' jiġi mġedded darba. F'każijiet ta' impediment jew mġieba ħażina gravi, l-Kunsill Ewropew jista' jittermina l-mandat tiegħu jew tagħha skond l-istess proċedura.

2. Il-President tal-Kunsill Ewropew:

a) jippresjedi u jmexxi 'l quddiem ix-xogħol tal-Kunsill;

b) jiżgura l-preparazzjoni u l-kontinwità tax-xogħol tal-Kunsill Ewropew b'koperazzjoni mal-President tal-Kummissjoni, u fuq il-bażi tax-xogħol tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali;

ċ) jipprova jiffaċilita l-koeżjoni u l-*consensus* fi ħdan il-Kunsill Ewropew;

d) jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew wara kull waħda mil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew.

Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu, fil-livell tiegħu u fil-kapaċità tiegħu, jiżgura r-rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

3. Il-President tal-Kunsill Ewropew ma jistax jeżerċita kariga nazzjonali.

## ARTIKOLU I-23

### Il-Kunsill tal-Ministri

1. Il-Kunsill, flimkien mal-Parlament Ewropew, jeżerċita funzjonijiet leġislattivi u ta' *budget*. Jeżerċita funzjonijiet ta' tfassil ta' politika u ta' kordinazzjoni skond il-kondizzjonijiet previsti fil-Kostituzzjoni.

2. Il-Kunsill jikkonsisti minn rappreżentant ta' kull Stat Membru fuq livell ministerjali, li jista' jorbot lill-gvern ta' l-Istat Membru in kwistjoni u jeżerċita d-dritt tal-vot.

3. Ħlief fejn il-Kostituzzjoni tipprovdi mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata.

## ARTIKOLU I-24

### Il-formazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri

1. Il-Kunsill jiltaqa' f'formazzjonijiet differenti.

2. Il-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali għandu jiżgura l-konsistenza fil-ħidma tal-formazzjonijiet differenti tal-Kunsill.

Għandu jipprepara u jiżgura s-segwitu għal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew, flimkien mal-President tal-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni.

3. Il-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin għandu jelabora l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni fuq bażi ta' linji gwida strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, u jiżgura li l-azzjoni ta' l-Unjoni hi konsistenti.

4. Il-Kunsill Ewropew għandu jadotta b'maġġoranza kwalifikata deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-lista tal-formazzjonijiet oħra tal-Kunsill.

5. Kumitat ta' Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandu jkun responsabbli biex iħejji l-ħidma tal-Kunsill.

6. Il-Kunsill għandu jiltaqa' fil-pubbliku meta jiddelibera u jivvota fuq abbozz ta' att leġislattiv. Għal dan l-għan, kull laqgħa tal-Kunsill għandha tkun maqsuma f'żewġ partijiet, li jittrattaw rispettivament id-deliberazzjonijiet dwar l-atti legislattivi ta' l-Unjoni u l-attivitajiet mhux leġislattivi ta' l-Unjoni.

7. Il-Presidenza tal-formazzjonijiet tal-Kunsill, minbarra dik ta' l-Affarijiet Barranin, għandha tkun eżerċitata minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill skond sistema ta' rotazzjoni ugwali, u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minn deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

## ARTIKOLU I-25

### Definizjoni ta' maġġoranza kwalifikata fi ħdan il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill

1. Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill, li jinkludu mill-inqas ħmistax minnhom u li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas erba' membri tal-Kunsill, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta l-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jew tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, l-maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-Kunsill Ewropew meta jkun qed jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

4. Fil-Kunsill Ewropew, il-President tiegħu u l-President tal-Kummissjoni m'għandhomx jieħdu sehem fil-vot.

ARTIKOLU I-26

Il-Kummissjoni Ewropea

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippromwovi l-interess ġenerali ta' l-Unjoni u tieħu l-inizjattivi xierqa għal dan il-għan. Għandha tiżgura l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, u l-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet taħt il-Kostituzzjoni. Għandha tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Għandha teżegwixxi l-*budget* u tamministra l-programmi. Għandha teżerċita funzjonijiet ta' kordinazzjoni, eżekuzzjoni u amministrazzjoni, skond il-kondizzjonijiet previsti fil-Kostituzzjoni. Bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, u ta' każijiet oħra previsti mill-Kostituzzjoni, għandha tiżgura r-rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni. Għandha tieħu l-inizjattiva għall-programmazzjoni annwali u pluriennali ta' l-Unjoni biex jintlaħqu ftehim interistituzzjonali.

2. L-atti leġislattivi ta' l-Unjoni ma jistgħux jiġu adottati ħlief fuq bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, minbarra fejn il-Kostituzzjoni tiddisponi mod ieħor. L-atti l-oħra għandhom jiġu adottati fuq bażi ta' proposta mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprevedi hekk.

3. Il-mandat tal-Kummissjoni għandu jkun ta' ħames snin.

4. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jintgħażlu fuq bażi tal-kompetenza ġenerali tagħhom u ta' l-impenn Ewropew tagħhom, minn fost il-persunalitajiet li dwar l-indipendenza tagħhom ma hemm l-ebda dubju.

5. L-ewwel Kummissjoni maħtura skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni għandha tkun komposta minn ċittadin wieħed minn kull Stat Membru, inklużi l-President tagħha u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni li għandu jkun wieħed mill-Viċi-Presidenti tagħha.

6. Mat-tmiem tal-mandat tal-Kummissjoni prevista fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tkun komposta minn għadd ta' membri, inklużi l-President tagħha u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li jikkorrispondi għal żewġ terzi ta' l-għadd ta' Stati Membri, sakemm il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu, ma jiddeċidix li jbiddel dan l-għadd.

Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jiġu magħżula minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri fuq bażi ta' sistema ta' rotazzjoni ugwali bejn l-Istati Membri. Din is-sistema għandha tiġi stabbilita b'deċiżjoni Ewropea adottata b'mod unanimu mill-Kunsill Ewropew u fuq bażi tal-prinċipji li ġejjin:

a) L-Istati Membri għandhom jiġu trattati b'ugwaljanza stretta fir-rigward tad-determinazzjoni tas-sekwenza, u taż-żmien fil-kariga, taċ-ċittadini tagħhom bħala membri tal-Kummissjoni; b'konsegwenza, d-differenza bejn l-għadd totali ta' perijodi ta' mandati ta' ċittadini ta' kwalunkwe żewġ Stati Membri partikolari qatt ma tista' tkun ta' aktar minn wieħed;

b) bla ħsara għall-punt (a), kull Kummissjoni suċċessiva għandha tkun komposta b'tali mod li tirrifletti b'mod sodisfaċenti l-firxa demografika u ġeografika ta' l-Istati Membri kollha.

7. Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha, l-Kummissjoni għandha tkun kompletament indipendenti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu I-28(2), il-membri tal-Kummissjoni la għandhom ifittxu u lanqas għandhom jieħdu istruzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi istituzzjoni, korp jew entità oħra. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li ma tkunx kompatibbli mal-funzjonijiet tagħhom jew ma' l-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom.

8. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli kolleġġjalment lejn il-Parlament Ewropew. Bi qbil ma' l-Artikolu III-340, il-Parlament Ewropew jista' jivvota fuq mozzjoni ta' ċensura tal-Kummissjoni. Jekk tali mozzjoni tkun adottata, l-membri tal-Kummissjoni għandhom jirriżenjaw kollettivament u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirriżenja mill-funzjonijiet li jeżerċita fil-Kummissjoni.

## ARTIKOLU I-27

### Il-President tal-Kummissjoni Ewropea

1. Waqt li jitqiesu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u wara konsultazzjonijiet xierqa, l-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġgoranza kwalifikata, jipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għall-President tal-Kummissjoni. Dan il-kandidat għandu jkun elett mill-Parlament Ewropew b'maġgoranza tal-membri tiegħu. Jekk dan ma jiksibx il-maġġoranza meħtieġa, l-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu fi żmien xahar jipproponi kandidat ġdid li għandu jiġi elett mill-Parlament Ewropew skond l-istess proċedura.

2. Il-Kunsill, bi ftehim komuni mal-President elett, għandu jadotta l-lista tal-persuni l-oħra li l-Kunsill jipproponi li jaħtar bħala membri tal-Kummissjoni. Huma għandhom jiġu magħżula, fuq bażi tas-suġġerimenti magħmula mill-Istati Membri, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu I-26(4) u (6) it-tieni subparagrafu.

Il-President, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni għandhom ikunu kolleġġjalment suġġetti għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew. Fuq bażi ta' din l-approvazzjoni l-Kummissjoni għandha tinħatar mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

3. Il-President tal-Kummissjoni għandu:

a) jistabbilixxi l-linji gwida li fuqhom għandha taħdem il-Kummissjoni;

b) jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni, sabiex jiżgura li taġixxi b'mod koerenti, effikaċji u b'mod kolleġġjali;

ċ) jaħtar Viċi-Presidenti, barra l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, minn fost il-membri tal-Kummissjoni.

Membru tal-Kummissjoni għandu jirriżenja jekk jiġi mitlub jagħmel hekk mill-President. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirriżenja, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu I-28(1), jekk il-President jitlob hekk.

ARTIKOLU I-28

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni

1. Il-Kunsill Ewropew, b'maġġoranza kwalifikata, bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni, għandu jaħtar il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jista' jtemm l-mandat tiegħu bl-istess proċedura.

2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jmexxi l-politika estera u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni. Hu għandu jikkontribwixxi bi proposti tiegħu għall-iżvilupp ta' dik il-politika, li hu għandu jwettaq skond il-mandat tal-Kunsill. L-istess għandu japplika għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.

3. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jippresjedi fuq il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin.

4. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jkun wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-Kummissjoni. Hu għandu jiżgura l-koerenza ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Għandu jkun responsabbli fi ħdan il-Kummissjoni għar-responsabbiltajiet tagħha fir-relazzjonijiet esterni u għall-kordinazzjoni ta' aspetti oħra ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Fl-eżerċizzju ta' dawn ir-responsabbiltajiet fi ħdan il-Kummissjoni, u għal dawn ir-responsabbiltajiet biss, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jkun marbut bil-proċeduri tal-Kummissjoni sakemm dan ikun konsistenti mal-paragrafi 2 u 3.

ARTIKOLU I-29

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tinkludi l-Qorti tal-Ġustizzja, l-Qorti Ġenerali u l-qrati speċjalizzati. Għandha tiżgura li d-dritt ikun osservat fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu rimedji li huma suffiċjenti sabiex jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tkun komposta minn imħallef wieħed minn kull Stat Membru. Għandha tkun assistita minn avukati-ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali għandha tinkludi mill-inqas imħallef wieħed minn kull Stat Membru.

L-imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandhom jintgħażlu minn fost persuni li dwar l-indipendenza tagħhom ma hemm l-ebda dubju u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli III-355 sa III-356. Għandhom jinħatru bi ftehim komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri għal sitt snin. L-imħallfin u l-avukati Ġenerali li l-mandat tagħhom ikun spiċċa jistgħu jinħatru mill-ġdid.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha skond id-disposizzjonijiet tal-Parti III**:**

a) tiddeċiedi dwar rikorsi miġjuba minn Stat Membru, istituzzjoni jew persuna fiżika jew ġuridika;

b) tagħti deċiżjonijiet preliminari, fuq talba tal-qrati ta' l-Istati Membri, fuq l-interpretazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni jew fuq il-validità ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet;

ċ) tiddeċiedi f'każijiet oħra kif previst mill-Kostituzzjoni.

## KAPITOLU II

## L-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA U L-KORPI KONSULTATTIVI TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU I-30

### Il-Bank Ċentrali Ewropew

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew, flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, jikkostitwixxu s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Il-Bank Ċentrali Ewropew, flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u li jikkostitwixxu l-Ewrosistema għandhom imexxu l-politika monetarja ta' l-Unjoni.

2. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun iggvernata mill-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew. L-għan prinċipali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandu jkun li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għal dan il-għan, għandha tagħti s-sostenn tagħha lill-politika ġenerali ekonomika fl-Unjoni biex tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' l-Unjoni. Għandha tmexxi kompiti oħrajn tal-Bank Ċentrali skond il-Parti III u għall-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa istituzzjoni. Għandu personalità ġuridika. Hu biss jista' jawtorizza l-ħruġ tal-euro. Għandu jkun indipendenti fl-eżerċizzju tal-poteri tiegħu u fl-amministrazzjoni tal-finanzi tiegħu. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jirrispettaw dik l-indipendenza.

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta l-miżuri li huma meħtieġa sabiex jeżegwixxi l-kompiti tiegħu skond l-Artikoli III-185 sa III-191 u l-Artikolu III-196, u skond il-kondizzjonijiet previsti fl-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Skond dawn l-istess Artikoli, dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, u l-banek ċentrali tagħhom, għandhom iżommu l-kompetenza tagħhom fil-kamp monetarju.

5. Fl-oqsma tas-setgħat tiegħu, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi konsultat fuq kull proġettazzjoni ta' l-Unjoni, kif ukoll fuq kull proġett ta' regolamentazzjoni fuq livell nazzjonali, u jista' jagħti l-opinjoni tiegħu.

6. Il-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-komposizzjoni tagħhom u l-metodi tal-ħidma tagħhom huma stabbiliti fl-Artikoli III-382 u III-383, kif ukoll fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## ARTIKOLU I-31

### Il-Qorti ta' l-Awdituri

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija istituzzjoni. Għandha tiżgura l-verifika ta' kontijiet ta' l-Unjoni.

2. Għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-ħruġ kollu ta' l-Unjoni, u għandha ukoll tiżgura amministrazzjoni finanzjarja tajba.

3. Għandha tkun komposta minn ċittadin wieħed ta' kull Stat Membru. Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-membri tagħha għandhom ikunu kompletament indipendenti, fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU I-32

Il-Korpi konsultattivi ta' l-Unjoni

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu assistiti minn Kumitat tar-Reġjuni u minn Kumitat Ekonomiku u Soċjali, li jeżerċitaw funzjonijiet konsultattivi.

2. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli lejn assemblea eletta.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jkun kompost minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, ta' impjegati, u ta' partijiet oħra li jirappreżentaw is-soċjetà ċivili, speċjalment fl-oqsma soċjo-ekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali.

4. Il-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m'għandhom ikunu marbuta minn ebda istruzzjonijiet obbligatorji. Għandhom ikunu kompletament indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom, fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni.

5. Ir-regoli dwar il-komposizzjoni ta' dawn il-Kumitati, l-għażla tal-membri tagħhom, is-setgħat u l-funzjonijiet tagħhom huma stabbiliti fl-Artikoli III-386 sa III-392.

Ir-regoli previsti fil-paragrafi 2 u 3 dwar in-natura tal-komposizzjoni tagħhom għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mill-Kunsill sabiex jieħdu in kunsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u demografiċi fi ħdan l-Unjoni. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej għal dan l-effett.

# TITOLU V

# EŻERĊIZZJU TAL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

### ARTIKOLU I-33

### Atti ġuridiċi ta' l-Unjoni

1. Biex jeżerċitaw il-kompetenzi ta' l-Unjoni l-istituzzjonijiet għandhom jużaw bħala strumenti legali, skond il-Parti III, il-liġi Ewropea, l-liġi kwadru Ewropea, r-regolament Ewropew, id-deċiżjoni Ewropea, r-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet.

Liġi Ewropea hija att leġislattiv ta' applikazzjoni ġenerali. Għandha torbot fl-intier tagħha u hija direttament applikabbli f'kull Stat Membru.

Liġi kwadru Ewropea hija att leġislattiv li jorbot lil kull Stat Membru destinatarju, fir-rigward tar-riżultat mistenni, iżda tħalli l-għażla tal-forma u l-metodi lill-awtoritajiet nazzjonali.

Regolament Ewropew huwa att mhux leġislattiv ta' applikazzjoni ġenerali għall-implimentazzjoni ta' atti leġislattivi u ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Jista' jkun jew jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, jew jorbot, lil kull Stat Membru destinatarju, kwantu għar-riżultat mistenni, iżda jħalli l-għażla tal-forma u l-metodi lill-awtoritajiet nazzjonali.

Deċiżjoni Ewropea hija att mhux leġislattiv, li jorbot fl-intier tiegħu. Deċiżjoni li tispeċifika lil min hija indirizzata għandha torbot lil dawk biss.

Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet m'għandhomx l-effett li jorbtu.

2. Meta jiġu kkunsidrati abbozzi ta' atti leġislattivi, l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jastjenu milli jadottaw atti li mhumiex previsti mill-proċedura leġislattiva għall-qasam in kwistjoni.

## ARTIKOLU I-34

## Atti leġislattivi

1. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati, fuq bażi ta' proposti mill-Kummissjoni, flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill skond il-proċedura legislattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu III-396. Jekk dawn iż-żewġ istituzzjonijiet ma jistgħux jilħqu qbil dwar att, dan m'għandux jiġi adottat.

2. Fil-każijiet speċifiċi previsti mill-Kostituzzjoni, liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati mill-Parlament Ewropew bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill, jew minn dan ta' l-aħħar bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, skond il-proċeduri leġislattivi speċjali.

3. Fil-każijiet speċifiċi previsti mill-Kostituzzjoni, liġijiet Ewropej u liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jiġu adottati fuq l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri jew tal-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment.

ARTIKOLU I-35

Atti mhux leġislattivi

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej fil-każijiet previsti fil-Kostituzzjoni.

2. Il-Kunsill u l-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-każijiet previsti fl-Artikoli I-36 u I-37, u l-Bank Ċentrali Ewropew fil-każijiet speċifiċi previsti fil-Kostituzzjoni, għandhom jadottaw regolamenti Ewropej u deċiżjonijiet Ewropej.

3. Il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet. Għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni fil-każjijiet kollha fejn il-Kostituzzjoni tipprovdi li għandu jadotta atti fuq proposta tal-Kummissjoni. Għandu jaġixxi b'mod unanimu f'dawk l-oqsma fejn hi meħtieġa l-unanimità biex jiġi adottat att ta' l-Unjoni. Il-Kummissjoni, u fil-każijiet speċifiċi previsti fil-Kostituzzjoni, l-Bank Ċentrali Ewropew, jadottaw rakkomandazzjonijiet.

ARTIKOLU I-36

Regolamenti Ewropej delegati

1. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jiddelegaw lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta regolamenti Ewropej delegati sabiex iżidu ma' jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-liġi jew tal-liġi kwadru.

L-għanijiet, il-kontenut, l-kamp ta' l-applikazzjoni tad-delega ta' poter u kemm iddum għandhom jiġu definiti b'mod espliċitu fil-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej. L-elementi essenzjali ta' xi qasam għandhom ikunu riservati għal-liġi jew liġi kwadru Ewropea u għaldaqstant ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' delega ta' poter.

2. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabbilixxu b'mod espliċitu l-kondizzjonijiet li għalihom hija soġġetta d-delega; dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jkunu kif ġej:

a) il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jħassar id-delega;

b) ir-regolament Ewropew delegat jista' jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew mil-liġi kwadru Ewropea.

Għall-finijiet ta' a) u b), il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, u l-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata.

## ARTIKOLU I-37

### Atti ta' implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tal-liġi nazzjonali meħtieġa sabiex jimplimentaw atti ta' l-Unjoni li jorbtu legalment.

2. Meta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi biex jiġu implimentati atti ta' l-Unjoni li jorbtu legalment, dawk l-atti jistgħu jikkonferixxu s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummmissjoni jew, fil-każijiet speċifiċi ġustifikati b'mod xieraq u fil-każijiet previsti fl-Artikolu I-40, lill-Kunsill.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, liġi Ewropea għandha tistabbilixxi bil-quddiem ir-regoli u l-prinċipji ġenerali rigward il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

4. L-atti ta' implimentazzjoni ta' l-Unjoni għandhom jieħdu l-forma ta' regolamenti Ewropej ta' implimentazzjoni jew deċiżjonijiet Ewropej ta' implimentazzjoni.

## ARTIKOLU I-38

### Prinċipji komuni għall-atti ġuridiċi ta' l-Unjoni.

1. Sakemm il-Kostituzzjoni ma tispeċifikax it-tip ta' att li għandu jiġi adottat, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeċiedu skond il-każ, skond il-proċeduri applikabbli, u skond il-prinċipju ta' proporzjonalità previst fl-Artikolu I-11.

2. L-atti ġuridici għandhom jagħtu r-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati u għandhom jagħmlu referenza għal kwalunkwe proposta, inizjattiva, rakkomandazzjoni, talba jew opinjoni kif meħtieġ mill-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU I-39

### Pubblikazzjoni u bidu fis-seħħ

1. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej adottati skond il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom ikunu ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill.

F'każijiet oħra għandhom ikunu ffirmati mill-President ta' l-istituzzjoni li tkun adottathom.

Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom jibdew iseħħu fid-data speċifikata fihom jew, fin-nuqqas ta' tali data speċifikata, fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom.

2. Regolamenti Ewropej, u d-deċiżjonijiet Ewropej li ma jispeċifikawx id-destinatarju, għandhom jkunu ffirmati mill-President ta' l-istituzzjoni li tkun adottathom.

Meta regolamenti Ewropej u deċiżjonijiet Ewropej ma jispeċifikawx id-destinatarju, dawn għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom jibdew iseħħu fid-data speċifikata fihom jew, fin-nuqqas ta' tali data, fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom.

3. Deċiżjonijiet Ewropej minbarra dawk previsti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu notifikati lid-destinatarji u għandhom jkollhom effett minn meta jiġu hekk notifikati.

## KAPITOLU II

## DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

### ARTIKOLU I-40

### Disposizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-politika estera u ta' sigurtà komuni

1. L-Unjoni Ewropea għandha tmexxi politika estera u ta' sigurtà komuni, bbażata fuq l-iżvilupp ta' solidarjetà politika reċiproka bejn l-Istati Membri, fuq l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' interess ġenerali u t-twettieq ta' konverġenza dejjem akbar ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.

2. Il-Kunsill Ewropew għandu jidentifika l-interessi strateġiċi ta' l-Unjoni u għandu jiddetermina l-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha. Il-Kunsill għandu jelabora din il-politika fil-qafas ta' linji gwida strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew u skond il-Parti III.

3. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw id-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa.

4. Il-politika estera u ta' sigurtà komuni għandha titwettaq mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u mill-Istati Membri permezz ta' riżorsi nazzjonali u ta' l-Unjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill dwar kull kwistjoni ta' politika estera u ta' sigurtà li tkun ta' interess ġenerali sabiex jiġi stabbilit approċċ komuni. Qabel ma tittieħed azzjoni fix-xena internazzjonali jew qabel ma jintrabat b'xi obbligu li jista' jolqot l-interessi ta' l-Unjoni, kull Stat Membru għandu jikkonsulta ma' l-oħrajn fi ħdan il-Kunsill Ewropew jew fil-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-konverġenza ta' l-azzjonijiet tagħhom, li l-Unjoni hija kapaċi li tasserixxi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena internazzjonali. L-Istati Membri għandhom juru solidarjetà bejniethom.

6. Deċiżjonijet Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-politika estera u ta' sigurtà komuni għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill b'mod unanimu, minbarra fil-każijiet previsti fil-Parti III. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandhom jaġixxu fuq inizjattiva minn Stat Membru, fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew fuq proposta minn dak il-Ministru li għandha s-sostenn tal-Kummissjoni. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom ikunu esklużi.

7. Il-Kunsill Ewropew jista', b'mod unanimu, jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza lill-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fil-każijiet kollha minbarra dawk previsti fil-Parti III.

8. Il-Parlament Ewropew għandu jkun konsultat regolarment dwar l-aspetti prinċipali u dwar l-għażliet fundamentali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni. Għandu jiġi regolarment infurmat b'kif qed tevolvi.

## ARTIKOLU I-41

### Disposizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni

1. Il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni għandha tkun parti integrali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni. Għandha tipprovdi lill-Unjoni b'kapaċità operattiva billi tagħmel użu minn riżorsi ċivili u militari. L-Unjoni tista' tużahom f'missjonijiet barra l-Unjoni għaż-żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni ta' konflitti u biex tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn il-kompiti għandhom jitwettqu billi jintużaw il-kapaċitajiet provduti mill-Istati Membri.

2. Il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni għandha tinkludi t-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni ta' l-Unjoni. Dan iwassal għal difiża komuni, meta l-Kunsill Ewropew, b'mod unanimu, jiddeċiedi hekk. F'dak il-każ dan għandu jirrakkomanda lill-Istati Membri l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Il-politika ta' l-Unjoni skond dan l-Artikolu ma tippreġudikax il-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, tirrispetta l-obbligi ta' ċerti Stati Membri, li jaraw id-difiża komuni tagħhom realizzata fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, skond it-Trattat tan-Nord Atlantiku, u għandha tkun kompatibbli mal-politika komuni ta' sigurtà u ta' difiża stabbilita f'dak il-qafas.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Unjoni l-kapaċitajiet ċivili u militari għall-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, sabiex jikkontribwixxu għall-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill. Dawk l-Istati Membri li flimkien jistabbilixxu forzi multinazzjonali jistgħu wkoll jagħmluhom disponibbli għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.

L-Istati Membri għandhom jintrabtu li progressivament itejbu l-kapaċitajiet militari tagħhom. Għandha tiġi stabbilita Aġenzija fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża, tar-riċerka, ta' l-akkwist u ta' l-armamenti (l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea) sabiex tidentifika l-ħtiġiet operattivi, tippromwovi l-miżuri li jissodisfaw dawn il-ħtiġiet, tikkontribwixxi sabiex tidentifika u, fejn hu meħtieġ, timplimenta miżuri meħtieġa sabiex issaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża, tipparteċipa sabiex tidentifika politika Ewropea dwar kapaċitajiet u armamenti u tassisti lill-Kunsill fil-valutazzjoni tat-titjib tal-kapaċitajiet militari.

4. Deċiżjonijiet Ewropej dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, inklużi dawk li jibdew missjoni kif prevista f'dan l-Artikolu, għandhom jiġu adottati mill-Kunsill b'mod unanimu, fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew fuq inizjattiva minn Stat Membru. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jista' jipproponi li juża kemm riżorsi nazzjonali kif ukoll strumenti ta' l-Unjoni, flimkien mal-Kummissjoni fejn xieraq.

5. Il-Kunsill jista' jafda l-eżekuzzjoni tal-missjoni, fil-qafas ta' l-Unjoni, lil grupp ta' Stati Membri sabiex jiġu protetti l-valuri ta' l-Unjoni u jinqdew l-interessi tagħha. L-eżekuzzjoni ta' din il-missjoni għandha tkun regolata bl-Artikolu III-310.

6. Dawk l-Istati Membri li l-kapaċitajiet militari tagħhom jilħqu kriterji ogħla u li jkunu ħadu impenji akbar ma' xulxin fil-qasam bil-ħsieb tat-twettiq tal-missjonijiet l-aktar diffiċli għandhom jistabbilixxu koperazzjoni strutturata permanenti fil-qafas ta' l-Unjoni. Din il-koperazzjoni għandha tkun regolata mill-Artikolu III-312. M'għandhiex tolqot d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-309.

7. Jekk Stat Membru jkun il-vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu, l-Istati Membri l-oħra għandhom jagħtuh għajnuna u assistenza permezz tal-mezzi kollha li jista' jkollhom, skond l-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan m'għandux jippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri.

Impenji u koperazzjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu konsistenti ma' l-impenji magħmula fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, li, għal dawk l-Istati Membri li huma membri tagħha, tibqa' s-sisien tad-difiża kollettiva tagħhom u l-forum għall-implimentazzjoni tagħha.

8. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi konsultat regolarment dwar l-aspetti prinċipali u dwar għażliet fundamentali tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni. Għandu jiġi regolarment infurmat b'kif tevolvi.

ARTIKOLU I-42

Disposizzjonijiet speċifiċi dwar iż-żona ta' libertà, ta' sigurtà, u ta' ġustizzja

1. L-Unjoni għandha tkun żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja:

a) billi tadotta liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej maħsuba, fejn ikun meħtieġ, biex japprossimaw disposizzjonijiet leġislattivi jew regolatorji ta' l-Istati Membri fl-oqsma previsti fil-Parti III;

b) billi tippromwovi fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari fuq bażi tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji;

ċ) bil-koperazzjoni operattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, inklużi l-pulizija, s-servizzi doganali u servizzi oħra speċjalizzati fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kxif ta' reati.

2. Il-Parlamenti nazzjonali jistgħu, fil-qafas taż-żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, jipparteċipaw fil-mekkaniżmi ta' valutazzjoni previsti fl-Artikolu III-260. Għandhom ikunu assoċjati fil-kontroll politiku tal-Europol u fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Eurojust skond l-Artikoli III-276 u III-273.

3. L-Istati Membri għandhom id-dritt ta' inizjattiva fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'materji kriminali, skond l-Artikolu III-264.

ARTIKOLU I-43

Klawżola ta' solidarjetà

1. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jaġixxu flimkien fi spirtu ta' solidarjetà jekk xi Stat Membru jkun il-vittma ta' attakk terroristiku jew il-vittma ta' diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem. L-Unjoni għandha tuża l-istrumenti kollha li għandha għad-disposizzjoni tagħha, inklużi r-riżorsi militari magħmula disponibbli mill-Istati Membri, sabiex:

a) – tipprevjeni t-theddida ta' l-att terroristiku fit-territorju ta' l-Istati Membri;
– tħares l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-popolazzjoni ċivili minn kull attakk terroristiku;
– tassisti lil xi Stat Membru fit-territorju tiegħu fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu f'każ ta' attakk terroristiku;

b) – tassisti lil xi Stat Membru fit-territorju tiegħu, fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu, f'każ ta' diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem.

2. L-arranġamenti fid-dettall għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu huma previsti fl-Artikolu III-329.

# KAPITOLU III

# KOPERAZZJONI MSAĦĦA

## ARTIKOLU I-44

### Koperazzjoni msaħħa

1. L-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qafas tal-kompetenzi mhux esklużivi ta' l-Unjoni jistgħu jagħmlu użu mill-istituzzjonijiet tagħha u jistgħu jeżerċitaw dawk il-kompetenzi billi japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni, fil-limiti u skond il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli III-416 sa III-423.

Il-koperazzjoni msaħħa għandha timmira biex tiffavorixxi li jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni, tħares l-interessi tagħha u ssaħħaħ il-proċess ta' l-integrazzjoni tagħha. Din il-koperazzjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha f'kull ħin, skond l-Artikolu III-418.

2. Id-deċiżjoni Ewropea li tawtorizza koperazzjoni msaħħa għandha tiġi adottata mill-Kunsill bħala l-aħħar għażla, meta jkun ġie stabbilit li l-għanijiet ta' dik il-koperazzjoni ma jistgħux jintlaħqu fi żmien raġonevoli mill-Unjoni bħala unità waħda, u sakemm mill-inqas terz mill-Istati Membri jipparteċipaw fiha. Il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-419.

3. Il-membri kollha tal-Kunsill jistgħu jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tiegħu, iżda l-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw f'koperazzjoni msaħħa biss jistgħu jivvotaw.

L-unanimità tkun kostitwita mill-voti tar-rappreżentanti biss ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

B'deroga mit-tielet u r-raba subparagrafi, meta l-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni jew fuq proposta tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, l-maġġoranza kwalifikata meħtieġa għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

4. Atti adottati fil-qafas ta' koperazzjoni msaħħa għandhom biss jorbtu l-Istati Membri li jipparteċipaw. M'għandhomx jiġu meqjusa bħala parti mill-*acquis* li għandu jiġi aċċettat mill-Istati li huma kandidati għall-adeżjoni ma' l-Unjoni.

TITOLU VI

ĦAJJA DEMOKRATIKA TA' L-UNJONI

ARTIKOLU I-45

Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza demokratika

Fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha tosserva l-prinċipju ta' l-ugwaljanza taċ-ċittadini tagħha, li għandhom jingħataw attenzjoni ugwali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tagħha.

## ARTIKOLU I-46

### Il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva

1. Il-ħidma ta' l-Unjoni għandha tkun bbażata fuq id-demokrazija rappreżentattiva.

2. Fil-livell ta' l-Unjoni, ċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew.

L-Istati Membri huma rrappreżentati fil-Kunsill Ewropew mill-Kap ta' l-Istat jew tal-Gvern tagħhom u fil-Kunsill mill-gvernijiet tagħhom, li huma demokratikament responsabbli jew lejn il-Parlamenti nazzjonali tagħhom, inkella lejn iċ-ċittadini tagħhom.

3. Kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika ta' l-Unjoni. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin.

4. Il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kuxjenza politika Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

## ARTIKOLU I-47

### Il-prinċipju ta' demokrazija parteċipattiva

1. L-istituzzjonijiet għandhom, permezz tal-mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u li jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni.

2. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta fil-wisa' minn qabel ma' partijiet konċernati sabiex tiżgura li l-azzjonijiet ta' l-Unjoni jkunu koerenti u trasparenti.

4. Mhux inqas minn miljun ċittadin, li jkunu ċittadini ta' numru sinifikanti mill-Istati Membri, jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti xi proposta xierqa fuq kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li att ġuridiku ta' l-Unjoni jkun meħtieġ biex tiġi implimentata l-Kostituzzjoni. Il-liġi Ewropea għandha tiddetermina d-disposizzjonijiet għall-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva bħal din taċ-ċittadini, inkluż in-numru minimu ta' Stati Membri li minnhom għandhom jiġu dawn iċ-ċittadini.

ARTIKOLU I-48

Sħab soċjali u djalogu soċjali awtonomu

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi u timpromwovi r-rwol tas-sħab soċjali fil-livell tagħha, filwaqt li tqis d-diversità tas-sistemi nazzjonali. Għandha tiffaċilita djalogu bejn sħab soċjali, waqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom.

Il-Laqgħa Għolja Soċjali Tripartita dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi għandha tikkontribwixxi għad-djalogu soċjali.

## ARTIKOLU I-49

### Ombudsman Ewropew

Ombudsman Ewropew elett mill-Parlament Ewropew għandu jirċievi, jeżamina u jirrapporta dwar ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni, kif stabbiliti fil-Kostituzzjoni. L-Ombudsman Ewropew għandu jkun kompletament indipendenti fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu.

## ARTIKOLU I-50

### Trasparenza fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni

1. Sabiex tiġi promossa amministrazzjoni tajba u sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ.

2. Il-Parlament Ewropew għandu jiltaqa' fil-pubbliku, kif għandu jagħmel il-Kunsill meta jkun qiegħed jikkunsidra u jivvota dwar abbozz ta' att leġislattiv.

3. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, kif stabbilit mill-Parti III, għandha d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru.

Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-limiti li, għal raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat, jirregolaw id-dritt ta' aċċess għal dawn id-dokumenti.

4. Kull istituzzjoni, korp jew aġenzija għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu u disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess għad-dokumenti tiegħu, skond il-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 3.

ARTIKOLU I-51

Protezzjoni ta' *data* personali

1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardaha.

2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, u mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni, u r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-moviment liberu ta' din id-*data*. Il-ħarsien ta' dawn ir-regoli għandu jkun soġġett għall-kontroll ta' awtoritajiet indipendenti.

ARTIKOLU I-52

Stat ta' knejjes u ta' organizzazzjonijiet mhux konfessjonali

1. L-Unjoni tirrispetta u ma tippreġudikax l-istat li jgawdu, taħt il-liġi nazzjonali, l-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri.

2. L-Unjoni tirrispetta ugwalment l-istatus taħt il-liġi nazzjonali ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali.

3. Waqt li tirrikonoxxi l-identità u l-kontribuzzjoni speċifika tagħhom, l-Unjoni għandha żżomm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' dawn il-knejjes u dawn l-organizzazzjonijiet.

## TITOLU VII

## FINANZI TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU I-53

### Prinċipji finanzjarji u ta' *budget*

1. Il-partiti kollha tad-dħul u l-ħruġ ta' l-Unjoni għandhom ikunu inklużi fl-estimi mħejjija għal kull sena finanzjarja u għandhom jidhru fil-*budget* ta' l-Unjoni, skond il-Parti III.

2. Għandu jkun hemm bilanċ fil-*budget* bejn id-dħul u l-ħruġ.

3. Il-ħruġ muri fil-*budget* għandu jkun awtorizzat għall-perjodu annwali ta' *budget* skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412.

4. L-implimentazzjoni tal-ħruġ muri fil-*budget* jeħtieġ l-adozzjoni minn qabel ta' att ta' l-Unjoni li jorbot legalment u li jipprovdi bażi legali għall-azzjoni tagħha u għall-implimentazzjoni tal-ħruġ korrispondenti skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412, minbarra f'każijiet li għalihom tipprovdi dik il-liġi.

5. Biex tinżamm dixxiplina fuq il-*budget,* l-Unjoni ma għandha tadotta l-ebda att li x'aktarx jista' jkollu implikazzjonijiet ta' importanza fuq il-*budget* mingħajr ma tagħti assigurazzjoni li l-ispiża li tirriżulta minn dawn l-atti tista' tiġi ffinanzjata fil-limitu tar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni u skond il-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu I-55.

6. Il-*budget* għandu jkun implimentat skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' l-Unjoni sabiex jiżguraw li l-approprazzjonijiet imdaħħla fil-*budget* jiġu wżati skond dan il-prinċipju.

7. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, skond l-Artikolu III-415, jikkumbattu l-frodi u kull attività oħra illegali li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU I-54

Riżorsi proprji ta' l-Unjoni

1. L-Unjoni għandha tara li jkollha l-mezzi neċessarji biex tilħaq l-għanijiet tagħha u timplimenta l-politika tagħha.

2. Il-*budget* ta' l-Unjoni għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu mir-riżorsi tagħha, mingħajr preġudizzju għal dħul ieħor.

3. Il-liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sistema ta' riżorsi proprji ta' l-Unjoni. F'dan il-kuntest tista' tistabbilixxi kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji jew tabolixxi kategorija eżistenti. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew. Dik il-liġi m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma tkun approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

4. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni safejn dan hu previst fil-liġi Ewropea adottata fuq bażi tal-paragrafu 3. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU I-55

Qafas finanzjarju pluriennali

1. Il-qafas finanzjarju pluriennali għandu jiżgura li l-ħruġ ta' l-Unjoni jiżviluppa b'mod ordinat u fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha. Għandu jiddetermina l-ammonti tal-limiti massimi annwali ta' approprjazzjonijiet għal impenji skond il-kategoriji ta' ħruġ skond l-Artikolu III-402.

2. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li għandha tingħata b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu.

3. Il-*budget* annwali ta' l-Unjoni għandu jaqbel mal-qafas finanzjarju pluriennali.

4. Il-Kunsill Ewropew jista' jadotta, b'mod unanimu, deċiżjoni Ewropea li tippermetti li l-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata meta jadotta l-liġi Ewropea tal-Kunsill prevista fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU I-56

*Budget* ta' l-Unjoni

Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-*budget* annwali ta' l-Unjoni skond l-Artikolu III-404.

TITOLU VIII

L-UNJONI U L-ĠIRIEN TAGĦHA

ARTIKOLU I-57

L-Unjoni u l-ġirien tagħha

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa relazzjoni privileġġjata mal-pajjiżi ġirien tagħha, bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u rapporti tajbin mal-ġirien, fondati fuq il-valuri ta' l-Unjoni u karatterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-koperazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Unjoni tista' tikkonkludi arranġamenti speċifiċi mal-pajjiżi konċernati. Dawn il-ftehim jistgħu jġibu magħhom drittijiet u obbligi reċiproċi kif ukoll il-possibbiltà li jittieħdu azzjonijiet flimkien. L-implimentazzjoni tagħhom għandha tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet perjodiċi.

# TITOLU IX

# SĦUBIJA FL-UNJONI

## ARTIKOLU I-58

### Kriterji ta' eliġibilità u proċedura għall-adeżjoni ma' l-Unjoni

1. L-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri previsti fl-Artikolu I-2, u li jimpenjaw ruħhom li jipromwovuhom flimkien.

2. Kull Stat Ewropew li jixtieq isir membru ta' l-Unjoni għandu jindirizza l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu notifikati dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Kummissjoni u wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, li għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu. Il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni għandhom ikunu materja ta' ftehim bejn l-Istati Membri u l-Istat kandidat. Dak il-ftehim għandu jiġi sottomess għar-ratifika mill-Istati kontraenti kollha, skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

## ARTIKOLU I-59

### Sospensjoni ta' ċerti drittijiet li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni

1. Fuq inizjattiva motivata ta' terz ta' l-Istati Membri, jew fuq inizjattiva motivata tal-Parlament Ewropew, jew fuq proposta mill-Kummissjoni, l-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina li hemm riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri previsti fl-Artikolu I- 2. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' erba' minn ħamsa tal-membri tiegħu, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Qabel ma jiddikjara dan, il-Kunsill għandu jisma' lill-Istat Membru in kwistjoni, u waqt li jaġixxi bl-istess proċedura, jista' jindirizza rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat.

Il-Kunsill jivverifika regolarment jekk il-motivi li għalihom tkun saret tali determinazzjoni jibqgħux japplikaw.

2. Il-Kunsill Ewropew, fuq l-inizjattiva ta' terz ta' l-Istati Membri jew fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina l-eżistenza ta' ksur gravi u persistenti minn Stat Membru tal-valuri previsti fl-Artikolu I-2, wara li jkun stieden lil dan l-Istat Membru konċernat biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-kwistjoni. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

3. Meta tkun saret determinazzjoni taħt il-paragrafu 2, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi ċerti drittijiet li joħorġu mill-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni lill-Istat Membru in kwistjoni, inkluż id-dritt tal-vot tal-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta lil dak l-Istat. Il-Kunsill għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-konsegwenzi possibbli li din is-sospensjoni jista' jkollha fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi.

Fi kwalunkwe każ, dak l-Istat jibqa' marbut bl-obbligi tiegħu skond il-Kostituzzjoni.

4. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tvarja jew tħassar miżuri adottati taħt il-paragrafu 3 bħala riżultat ta' bidliet fis-sitwazzjoni li wasslet biex ikunu imposti.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru in kwistjoni m'għandux jieħu sehem fil-vot u l-Istat Membru in kwistjoni ma jingħaddx fil-kalkolu tat-terz jew ta' l-erba' minn ħamsa ta' l-Istati Membri previsti fil-paragrafi 1 u 2. Astensjonijiet minn membri preżenti jew rappreżentati m'għandhomx iżommu l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafu 2.

Għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafi 3 u 4, maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Meta, wara deċiżjoni li tissospendi d-dritt tal-vot adottata skond il-paragrafu 3, il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq bażi ta' disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, dik il-maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, jew, meta l-Kunsill jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati. F'dan l-aħħar każ, minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

6. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, l-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti espressi, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-Membri tiegħu.

## ARTIKOLU I-60

### Ħruġ volontarju mill-Unjoni

1. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi, skond ir-regoli kostituzzjonali proprji, li jirtira mill-Unjoni Ewropea.

2. Stat Membru li jiddeċiedi li jirtira għandu jinnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu. Fid-dawl tal-linji gwida provduti mill-Kunsill Ewropew, l-Unjoni għandha tinnegozja u tikkonkludi ma' dak l-Istat ftehim li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-irtirar tiegħu, filwaqt li jittieħed in kunsiderazzjoni l-qafas tar-relazzjonijiet futuri tiegħu ma' l-Unjoni. Dak il-ftehim għandu jiġi nnegozjat skond l-Artikolu III-325(3); għandu jiġi konkluż mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

3. Il-Kostituzzjoni għandha tieqaf tapplika għal dak l-Istat in kwistjoni mid-data tal-bidu fis-seħħ tal-ftehim dwar l-irtirar jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara n-notifika prevista fil-paragrafu 2, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil ma' l-Istat Membru in kwistjoni, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perijodu.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, il-membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun qiegħed jirtira m'għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill jew tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet Ewropej li jkunu jikkonċernaw lilu.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

5. Jekk Stat li jkun irtira mill-Unjoni jitlob li jerġa' jaderixxi mill-ġdid, it-talba tiegħu għandha tkun soġġetta għall-proċedura prevista fl-Artikolu I-58.

# PARTI II

# IL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TA' L-UNJONI

## PREAMBOLU

Il-popli ta' l-Ewropa, bil-ħolqien bejniethom ta' unjoni dejjem iktar stretta, ddeċidew li jipparteċipaw f'ġejjieni ta' paċi mibni fuq il-valuri komuni.

Konxja tal-patrimonju spiritwali u morali tagħha, l-Unjoni hi mibnija fuq il-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjità umana, tal-libertà, ta' l-ugwaljanza u tas-solidarjetà; hi bbażata fuq il-prinċipji ta' demokrazija u l-istat tad-dritt. Tqiegħed il-persuna fil-qalba ta' l-attivitajiet tagħha, billi tistabbilixxi ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u billi toħloq żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

L-Unjoni tikkontribwixxi għall-preservazzjoni u għall-iżvilupp ta' dawn il-valuri komuni filwaqt li tirrispetta d-diversità tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet tal-popli ta' l-Ewropa kif ukoll ta' l-identità nazzjonali ta' l-Istati Membri u ta' l-organizzazzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali; tfittex li tippromwovi żvilupp bilanċjat u sostenibbli u tiżgura l-moviment liberu ta' persuni, ta' servizzi, ta' merkanzija u ta' kapital, u l-libertà ta' stabbiliment.

Għal dan l-għan, hu meħtieġ li tiġi msaħħa l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tas-soċjetà, l-progress soċjali u l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, billi dawk id-drittijiet isiru iktar konkreti f'Karta.

Din il-Karta tafferma mill-ġdid, b'rigward għall-kompetenzi u l-kompiti ta' l-Unjoni kif ukoll għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, id-drittijiet kif jirriżultaw, b'mod partikolari, mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali u mill-obbligi internazzjonali komuni għall-Istati Membri, l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, l-Karti Soċjali adottati mill-Unjoni u mill-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-kuntest il-Karta għandha tkun interpretata mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri b'rigward xieraq ta' l-ispjegazzjonijiet imħejjija taħt l-awtorità tal-Praesidium tal-Konvenzjoni li abbozza l-Karta u aġġornati taħt ir-responsabbiltà tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea.

It-tgawdija ta' dawn id-drittijiet iġġib magħha responsabbiltajiet u dmirijiet kemm fir-rigward ta' ħaddieħor, kif ukoll fir-rigward tal-Komunità tal-bnedmin u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

L-Unjoni għaldaqstant tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji elenkati hawn taħt.

# TITOLU I

# DINJITÀ

## ARTIKOLU II-61

### Dinjità umana

Id-dinjità umana hija invjolabbli. Għandha tkun rispettata u protetta.

ARTIKOLU II-62

Dritt għall-ħajja

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-ħajja.

2. Ħadd m'għandu jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt, jew li titneħħielu ħajtu.

ARTIKOLU II-63

Dritt għall-integrità tal-persuna

1. Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett ta' l-integrità fiżika u mentali tagħha.

2. Fl-oqsma tal-mediċina u tal-bijoloġija, dawn li ġejjin għandhom jiġu rispettati b'mod partikolari:

a) il-kunsens liberu u infurmat tal-persuna interessata, skond il-proċeduri stabbiliti mil-liġi;

b) il-projbizzjoni ta' prattiċi ewġeniċi, partikolarment dawk li jimmiraw għas-selezzjoni ta' persuni;

ċ) il-projbizzjoni li l-ġisem uman u l-partijiet tiegħu bħala tali jintużaw bħala mezz ta' gwadann finanzjarju;

d) il-projbizzjoni ta' klonaġġ riproduttiv tal-bnedmin.

## ARTIKOLU II-64

### Projbizzjoni ta' tortura jew pieni jew trattamenti inumani jew degradanti

Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti.

## ARTIKOLU II-65

### Projbizzjoni ta' skjavitù u ta' xogħol forzat

1. Ħadd m'għandu jinżamm fi skjavitù jew f'servitù.

2. Ħadd m'għandu jiġi mġiegħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju.

3. It-traffikar tal-bnedmin huwa projbit.

# TITOLU II

# LIBERTAJIET

## ARTIKOLU II-66

### Dritt għal-libertà u għas-sigurtà

Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà.

ARTIKOLU II-67

Rispett għall-ħajja privata u tal-familja

Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha.

ARTIKOLU II-68

Protezzjoni ta' *data* personali

1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardaha.

2. Din id-*data* għandha tiġi trattata b'mod ġust għal skopijiet determinati u fuq bażi tal-kunsens tal-persuna konċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi. Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal *data* miġbura li għandha x'taqsam magħha u d-dritt li tirrettifikaha.

3. L-osservanza ta' dawn ir-regoli għandha titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti.

ARTIKOLU II-69

Dritt għaż-żwieġ u dritt għat-twaqqif ta' familja

Id-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja huma garantiti skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

## ARTIKOLU II-70

### Libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon

1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon. Dan id-dritt jimplika l-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, kif ukoll il-libertà li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, waħdu jew ma' oħrajn, fil-pubbliku kif ukoll fil-privat, fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza tar-riti.

2. Id-dritt għall-oġġezzjoni ta' kuxjenza hu rikonoxxut, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

## ARTIKOLU II-71

### Libertà ta' l-espressjoni u ta' informazzjoni

1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' l-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tagħti informazzjonijiet u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri.

2. Il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom ikunu rispettati.

ARTIKOLU II-72

Libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni

1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn f'kull livell, b'mod partikolari f'materji politiċi, sindakali, u ċiviċi, li jimplika d-dritt ta' kull persuna li tifforma u tidħol f'sindakali għall-protezzjoni ta' l-interessi tagħha.

2. Il-partiti politiċi f'livell ta' l-Unjoni jikkontribwixxu għall-espressjoni tal-volontà politika taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU II-73

Libertà ta' l-arti u x-xjenzi

L-arti u r-riċerka xjentifika huma liberi. Il-libertà akkademika għandha tiġi rispettata.

ARTIKOLU II-74

Dritt għall-edukazzjoni

1. Kull persuna għandha d-dritt għall-edukazzjoni u li jkollha aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa.

2. Dan id-dritt jinkludi l-possibilità li wieħed jirċievi edukazzjoni obbligatorja bla ħlas.

3. Il-libertà li jiġu mwaqqfa stabbilimenti ta' tagħlim b'rispett għall-prinċipji demokratiċi kif ukoll id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom, skond it-twemmin reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku għandhom jiġu rispettati, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' din il-libertà u ta' dan id-dritt.

ARTIKOLU II-75

Libertà ta' l-għażla tal-mestier u d-dritt għax-xogħol

1. Kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament.

2. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jfittex impjieg, li jaħdem, li jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment u li jagħti servizzi f'kull Stat Membru.

3. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati li jaħdmu fit-territorji ta' l-Istati Membri huma intitolati għall-kondizzjonijiet ta' xogħol ekwivalenti għal dawk li jgawdu ċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU II-76

Libertà ta' intrapriża

Il-libertà ta' intrapriża skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali hija rikonoxxuta.

ARTIKOLU II-77

Dritt għall-proprjetà

1. Kull persuna għandha d-dritt li tgawdi l-proprjetà tal-ġid tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużaha, u li tiddisponi minnha f'ħajjitha jew għal wara mewtha. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu ta' proprjetà jista' jiġi regolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ mill-interess pubbliku.

2. Il-proprjetà intellettwali hi protetta.

ARTIKOLU II-78

Dritt għall-asil

Id-dritt għall-asil għandu jkun garantit b'rispett għar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus ta' refuġjati u skond il-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU II-79

Protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni

1. It-tkeċċijiet kollettivi huma projbiti.

2. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għal tortura jew għal pieni jew trattament ieħor inuman jew degradanti.

## TITOLU III

## UGWALJANZA

### ARTIKOLU II-80

### Ugwaljanza f'għajnejn il-liġi

Kull persuna hija ugwali f'għajnejn il-liġi.

### ARTIKOLU II-81

### Non-diskriminazzjoni

1. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, l-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, l-karatteristiċi ġenetiċi, l-lingwa, r-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, l-proprjetà, it-twelid, id-disabilità, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali hi projbita.

2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni u mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni speċifika tagħha, kull diskriminazzjoni bbażata fuq nazzjonalità hi projbita.

## ARTIKOLU II-82

### Diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika

L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

## ARTIKOLU II-83

### Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inkluż l-impjieg, ix-xogħol u l-paga.

Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza m'għandux jimpedixxi li jinżammu fis-seħħ jew jiġu adottati miżuri maħsuba biex jagħtu vantaġġi speċifiċi lis-sess l-anqas rappreżentat.

## ARTIKOLU II-84

### Drittijiet tat-tfal

1. It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura li hija meħtieġa għall-ġid tagħhom. Jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament. Dawn l-opinjonijiet għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skond l-età u l-maturità tagħhom.

2. Fl-azzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja.

3. It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom, fuq bażi regolari, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan mhuwiex kontra l-interessi tat-tfal.

## ARTIKOLU II-85

### Drittijiet ta' l-anzjani

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' l-anzjani li jgħixu ħajja ta' dinjità u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali.

## ARTIKOLU II-86

### Integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

# TITOLU IV

# SOLIDARJETÀ

## ARTIKOLU II-87

### Dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża

Il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom, fil-livelli xierqa, jkunu garantiti li jingħataw informazzjoni u li jiġu kkonsultati fi żmien utli fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

## ARTIKOLU II-88

### Dritt ta' negozjar u azzjoni kollettiva

Il-ħaddiema u dawk li jħaddmu, jew l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, għandhom, skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, d-dritt li jinnegozjaw u li jikkonkludu ftehim kollettivi fil-livelli xierqa u, fil-każ ta' konflitti ta' interess, li jieħdu azzjoni kollettiva inkluża l-azzjoni li jistrajkjaw sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom.

## ARTIKOLU II-89

### Dritt ta' aċċess għal servizzi ta' impjieg

Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal servizz ta' impjieg mingħajr ma tħallas.

## ARTIKOLU II-90

### Protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija nġusta

Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-protezzjoni kontra tkeċċija inġusta, skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

## ARTIKOLU II-91

### Kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa

1. Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, s-sigurtà u d-dinjità tiegħu.

2. Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' *leave* imħallas.

## ARTIKOLU II-92

### Projbizzjoni ta' impjieg ta' tfal u protezzjoni ta' żgħażagħ fuq ix-xogħol

L-impjieg tat-tfal huwa projbit. L-età minima għall-ammissjoni għal impjieg ma tistax tkun anqas mill-età li fiha jispiċċa l-obbligu ta' l-iskola, bla preġudizzju għal regoli iktar favorevoli għaż-żgħażagħ u salvi derogi limitati.

Iż-żgħażagħ li jingħataw xogħol għandhom igawdu minn kondizzjonijiet ta' xogħol skond l-età tagħhom u għandhom ikunu protetti kontra l-isfruttament ekonomiku u kontra kull xogħol li jista' jipperikola s-sigurtà, s-saħħa jew l-iżvilupp fiżiku, mentali, morali jew soċjali tagħhom, jew li jikkomprometti l-edukazzjoni tagħhom.

ARTIKOLU II-93

Ħajja tal-familja u professjonali

1. Il-familja għandha tgawdi minn protezzjoni legali, ekonomika u soċjali.

2. Sabiex wieħed jirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni mit-tkeċċija għal xi raġuni konnessa mal-maternità, u d-dritt għal-*leave* tal-maternità mħallas u għal-*leave* parentali wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla.

ARTIKOLU II-94

Sigurtà soċjali u assistenza soċjali

1. L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u servizzi soċjali li jipprovdu protezzjoni f'każijiet bħal ma huma l-maternità, l-mard, l-inċidenti industrijali, d-dipendenza jew l-anzjanità, u fil-kaz ta' telf ta' xogħol, skond ir-regoli stipulati mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

2. Kull min jirrisjedi jew imur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni Ewropea hu intitolat għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali u l-vantaġġi soċjali skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

3. Sabiex jiġu kkumbattuti l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għall-għajnuna soċjali u ta' akkomodazzjoni sabiex tiżgura l-eżistenza deċenti għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skond ir-regoli stabbiliti fil-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

ARTIKOLU II-95

Protezzjoni tas-saħħa

Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal assistenza medika preventiva u d-dritt li tgawdi minn kura medika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU II-96

Aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif previst fil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, skond il-Kostituzzjoni, sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU II-97

Protezzjoni ta' l-ambjent

Livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u t-titjib fil-kwalità ta' l-ambjent għandhom jiġu integrati fil-politika ta' l-Unjoni u għandhom jiġu żgurati skond il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli.

ARTIKOLU II-98

Protezzjoni tal-konsumatur

Il-politika ta' l-Unjoni tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

TITOLU V

ĊITTADINANZA

ARTIKOLU II-99

Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi, skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

2. Il-membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti b'vot dirett universali li hu liberu u sigriet.

## ARTIKOLU II-100

### Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali

Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u d-dritt li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn jirrisjedi skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

## ARTIKOLU II-101

### Dritt għal amministrazzjoni tajba

1. Kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi trattat b'mod imparzjali, b'mod ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni.

2. Dan id-dritt jinkludi:

a) id-dritt ta' kull persuna li tagħti l-opinjoni tagħha, qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha ħażin;

b) id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għat-tagħrif uffiċjali miġbura dwarha, filwaqt li jiġu rispettati l-interessi leġittimi ta' kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju;

ċ) l-obbligu ta' l-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

3. Kull persuna għandha d-dritt li l-Unjoni tagħmel tajjeb għal danni kkaġunati mill-istituzzjonijiet jew l-impjegati tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri.

4. Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni f'waħda mil-lingwi tal-Kostituzzjoni u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa.

## ARTIKOLU II-102

### Dritt ta' aċċess għal dokumenti

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru.

## ARTIKOLU II-103

### Ombudsman Ewropew

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi jew ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

ARTIKOLU II-104

Dritt ta' petizzjoni

Kull ċittadin ta' l-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU II-105

Libertà ta' moviment u ta' residenza

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt ta' libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Membri.

2. Il-libertà tal-moviment u tar-residenza tista' tingħata, skond il-Kostituzzjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru.

ARTIKOLU II-106

Protezzjoni diplomatika u konsulari

Kull cittadin ta' l-Unjoni jkun intitolat, fit-territorju ta' pajjiż terz li fih l-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin ma jkunx rappreżentat, li jgawdi mill-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kull Stat Membru, bl-istess kondizzjonijiet taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

# TITOLU VI

# ĠUSTIZZJA

## ARTIKOLU II-107

### Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali

Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mid-dritt ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibilità li tieħu parir, ikollha difiża u tkun rappreżentata.

Għajnuna legali għandha tingħata lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija neċessarja sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.

## ARTIKOLU II-108

### Preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għal difiża

1. Kull imputat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati skond il-liġi.

2. Għandu jiġi garantit ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża ta' kull imputat.

ARTIKOLU II-109

Prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni

1. L-ebda persuna m'għandha tinstab ħatja ta' reat għal xi att jew ommissjoni li fiż-żmien meta sar jew saret ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew id-dritt internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena ogħla minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li jsir r-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena tkun applikabbli.

2. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċess u l-piena ta' kull persuna għal kull att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, kien jew kienet reat skond il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunità tan-nazzjonijiet.

3. Is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.

ARTIKOLU II-110

Dritt li wieħed ma jiġix ġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċeduri kriminali għall-istess reat

L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun proċessata jew punita fi proċeduri kriminali għal reat li tiegħu tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fi ħdan l-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.

# TITOLU VII

# DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JIRREGOLAW L-INTERPRETAZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA

## ARTIKOLU II-111

### Kamp ta' l-applikazzjoni

1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett xieraq tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni. Għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u għandhom ukoll jirrispettaw il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fil-partijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.

2. Din il-Karta ma testendix il-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni u ma toħloq l-ebda kompetenza jew l-ebda kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fil-partijiet oħra tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU II-112

### Kamp ta' l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' drittijiet u ta' prinċipji

1. Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-finijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew iservu l-bżonn li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

2. Id-drittijiet rikonoxxuti minn din il-Karta li huma previsti f'partijiet oħra tal-Kostituzzjoni għandhom jiġu eżerċitati skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti definiti fiha.

3. Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, t-tifsira u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dawk id-drittijiet ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-disposizzjoni ma żżommx lid-dritt ta' l-Unjoni milli jipprovdi protezzjoni aktar estensiva.

4. Safejn din il-Karta tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif jemanaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, dawk id-drittijiet għandhom ikunu interpretati f'armonija ma' dawk it-tradizzjonijiet.

5. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta li fihom prinċipji jistgħu jiġu implimentati b'atti leġislattivi u eżekuttivi meħuda mill-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, u b'atti ta' l-Istati Membri meta dawn qegħdin jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat rispettivi tagħhom. Ma jistgħux jiġu invokati fil-qorti ħlief għall-iskop ta' l-interpretazzjoni u d-determinazzjoni tal-legalità ta' dawn l-atti.

6. Għandha tittieħed kunsiderazzjoni sħiħa tal-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali kif speċifikat f'din il-Karta.

7. L-ispjegazzjonijiet imfassla bħala gwida għall-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU II-113

### Livell ta' protezzjoni

Xejn f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jirrestrinġi jew li jolqot ħażin id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mid-dritt ta' l-Unjoni u mid-dritt internazzjonali u minn konvenzjonijiet internazzjonali li fihom jipparteċipaw l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU II-114

### Projbizzjoni ta' abbuż tad-dritt

L-ebda disposizzjoni ta' din il-Karta m'għandha tiġi interpretata b'mod li timplika dritt li ssir attività jew isir xi att li hu intiż biex jeqred xi wieħed jew waħda mid-drittijiet u mil-libertajiet rikonoxxuti f'din il-Karta jew biex jillimitahom b'mod aktar estiż minn kif previst f'din il-Karta.

# PARTI III

# POLITIKA U FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

## TITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

### ARTIKOLU III-115

L-Unjoni għandha tiżgura koerenza bejn il-politika u l-attivitajiet differenti previsti f'din il-Parti, billi tqis l-għanijiet kollha ta' l-Unjoni u skond il-prinċipju tal-konferiment ta' kompetenzi.

### ARTIKOLU III-116

Fl-attivitajiet kollha previsti f'din il-Parti, l-Unjoni għandha timmira li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn in-nisa u l-irġiel.

ARTIKOLU III-117

Meta tkun qiegħda tiddefinixxi u timplimenta l-politika u l-azzjonijiet previsti f'din il-Parti, l-Unjoni għandha tqis ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' l-impjiegi, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

ARTIKOLU III-118

Fid-definizjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet previsti f'din il-Parti, l-Unjoni għandha timmira li tikkumbatti d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razjali jew etnika, r-reliġjoni jew il-konvinzjoni, d-disabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

ARTIKOLU III-119

Il-ħtiġiet tal-protezzjoni ambjentali għandhom jiġu integrati fid-definizjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet ta' l-Unjoni previsti f'din il-Parti, b'mod partikolari bil-għan ta' promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

ARTIKOLU III-120

Il-ħtiġiet tal-protezzjoni tal-konsumatur għandhom jitqiesu fid-definizjoni u l-implimentazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU III-121

Fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika ta' l-Unjoni dwar l-agrikoltura, s-sajd, it-trasport, is-suq intern, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, billi l-annimali huma ħlejjaq konxji, jqisu b'mod sħiħ il-ħtiġiet għal trattament xieraq ta' l-annimali, filwaqt li jirrispettaw id-disposizzjonijiet leġislattivi jew amministrattivi u l-użanzi ta' l-Istati Membri b'mod partikolari fir-rigward ta' riti reliġjużi, tradizzjonijiet kulturali u patrimonju reġjonali.

ARTIKOLU III-122

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli I-5, III-166, III-167 u III-238, u meta jitqies il-post okkupat minn servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali bħal servizzi li kulħadd fl-Unjoni jattribwilhom valur kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali u territorjali tagħha, l-Unjoni u l-Istati Membri, kullħadd fil-kompetenzi rispettivi tiegħu u fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, għandhom jieħdu ħsieb li dawn is-servizzi joperaw fuq bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet, b'mod partikolari kondizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi dawn il-prinċipji u jiffissaw kondizzjonijiet mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri, skond il-Kostituzzjoni, li jipprovdu, jikkummissjonaw u jiffinanzjaw dawn is-servizzi.

TITOLU II

NON-DISKRIMINAZZJONI U ĊITTADINANZA

ARTIKOLU III-123

Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità kif previst fl-Artikolu I-4(2).

ARTIKOLU III-124

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni u fil-limiti tas-setgħat mogħtija minnha lill-Unjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex tiġi kumbattuta d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, r-reliġjon jew il-konvinzjoni, d-disabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi prinċipji bażiċi għal miżuri ta' inċentivi ta' l-Unjoni u tiddefinixxi dawn il-miżuri, sabiex jagħtu sostenn lill-azzjonijiet meħuda minn Stati Membri sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq ta' l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom.

## ARTIKOLU III-125

1. Jekk jidher li hi meħtieġa azzjoni mill-Unjoni biex tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt, previst fl-Artikolu I-10(2)(a), ta' kull ċittadin li jmur minn post għal ieħor u jirrisjedi liberament u l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet is-setgħat meħtieġa, liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri għal dak l-għan.

2. Għall-istess għanijiet previsti fil-paragrafu 1 u jekk il-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet għas-setgħat meħtieġa, miżuri li jikkonċernaw passaporti, karti ta' l-identità, permessi ta' residenza jew kull dokument ieħor ta' dan it-tip u miżuri li jikkonċernaw is-sigurtà soċjali jew il-protezzjoni soċjali jistgħu jiġu stabbiliti b'liġi jew liġi kwadru tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

## ARTIKOLU III-126

Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tiddetermina l-arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt, previst fl-Artikolu I-10(2)(b), sabiex kull ċittadin ta' l-Unjoni jkun jista' jivvota u joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi mingħajr ma jkun ċittadin ta' dak l-Istat. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew. Dawn l-arranġamenti jistgħu jipprovdu għal derogi meta ġustifikati minn problemi speċifiċi għal Stat Membru.

Id-dritt tal-vot u d-dritt li wieħed joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom jiġu eżerċitati mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-330(1) u l-miżuri adottati għall-implimentazzjoni tiegħu.

ARTIKOLU III-127

L-Istati Membri għandhom jadottaw id-disposizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi, kif previst fl-Artikolu I-10(2)(ċ).

L-Istati Membri għandhom jibdew in-negozjati internazzjonali neċessarji sabiex tiġi assigurata din il-protezzjoni.

Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex tiffaċilita din il-protezzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU III-128

Il-lingwi li bihom kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jindirizza l-istituzzjonijiet u l-korpi skond l-Artikolu I-10(2)(d), u li jkollu tweġiba, huma dawk elenkati fl-Artikolu IV-448(1). L-istituzzjonijiet u korpi previsti fl-Artikolu I-10(2)(d) huma dawk elenkati fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu I-19(1) u l-Artikoli I-30, I-31 u I-32 kif ukoll l-Ombudsman Ewropew.

ARTIKOLU III-129

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kull tliet snin dwar l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu I-8 u ta' dan it-Titolu. Dan ir-rapport għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-iżvilupp ta' l-Unjoni.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tista' żżid mad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu I-10. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Il-liġi jew il-liġi kwadru konċernata m'għandhiex tidħol fis-seħħ qabel ma tiġi approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

# TITOLU III

# POLITIKA U AZZJONIJIET INTERNI

## KAPITOLU I

## SUQ INTERN

### SEZZJONI 1

### STABBILIMENT U FUNZJONAMENT TAS-SUQ INTERN

#### ARTIKOLU III-130

1. L-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tiżgura l-funzjonament tas-suq intern, skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni.

2. Is-suq intern għandu jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' persuni, servizzi, merkanzija u kapital huwa żgurat skond il-Kostituzzjoni.

3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jiddeterminaw il-linji gwida u l-kondizzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat progress bilanċjat fis-setturi kollha konċernati.

4. Meta tfassal il-proposti tagħha sabiex tilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tqis il-livell ta' l-isforz li ċerti ekonomiji li juru differenzi fl-iżvilupp ikollhom isostnu għall-istabbiliment tas-suq intern u tista' tipproponi miżuri xierqa.

Jekk dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' derogi, għandhom ikunu ta' natura temporanja u għandhom jikkawżaw l-inqas disturbi possibbli lill-funzjonament tas-suq intern.

ARTIKOLU III-131

L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' xulxin bil-ħsieb li flimkien jieħdu d-disposizzjonijiet meħtieġa li jżommu l-funzjonament tas-suq intern milli jiġi milqut minn miżuri li Stat Membru jista' jiġi msejjaħ sabiex jieħu fil-każ ta' disturbi interni serji li jolqtu l-ordni pubbliku, fil-każ ta' gwerra, tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra, jew sabiex jitwettqu l-obbligi li jkun aċċetta sabiex tinżamm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

ARTIKOLU III-132

Jekk xi miżuri meħuda fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikoli III-131 u III-346 ikollhom l-effett li jikkawżaw distorsjoni tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' l-Istat Membru konċernat, teżamina kif dawn il-miżuri jistgħu jiġu addattati għar-regoli stabbiliti fil-Kostituzzjoni.

B'deroga għall-proċedura stabbilita fl-Artikoli III-360 u III-361, il-Kummissjoni jew kwalunkwe Stat Membru jistgħu jġibu l-każ direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-Kummissjoni jew l-Istat Membru jikkunsidraw li Stat Membru ieħor ikun qiegħed jabbuża mis-setgħat previsti fl-Artikoli III-131 u III-346. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti s-sentenza tagħha *in camera*.

SEZZJONI 2

MOVIMENT LIBERU TA' PERSUNI U TA' SERVIZZI

Subsezzjoni 1

Ħaddiema

ARTIKOLU III-133

1. Il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiċċirkolaw liberament fl-Unjoni.

2. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq ċittadinanza bejn ħaddiema ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' impjieg, ta' remunerazzjoni u ta' kondizzjonijiet oħra ta' xogħol u ta' impjieg hija pprojbita.

3. Il-ħaddiema għandhom id-dritt, soġġett għal limitazzjonijiet ġustifikati fuq bażi ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika:

a) li jaċċettaw offerti ta' impjieg li fil-fatt isirulhom;

b) li jmorru minn post għal ieħor liberament fit-territorju ta' Stati Membru għal dan l-għan;

ċ) li joqogħdu fi Stat Membru bl-iskop ta' impjieg skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-impjieg ta' ċittadini ta' dak l-Istat stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva;

d) li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li jkunu impjegati f'dak l-Istat, soġġetti għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu nkorporati f'regolamenti Ewropej adottati mill-Kummissjoni.

4. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-impjieg fis-servizz pubbliku.

## ARTIKOLU III-134

Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jintlaħaq il-moviment liberu tal-ħaddiema, kif definiti fl-Artikolu III-133. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Din il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea għandha timmira, b'mod partikolari, li:

a) tiżgura koperazzjoni mill-qrib bejn servizzi nazzjonali ta' l-impjiegi;

b) tabolixxi dawk il-proċeduri u l-prattiċi amministrattivi u dawk il-perijodi ta' kwalifika fir-rigward ta' eliġibbiltà għal impjieg disponibbli, kemm jekk jirriżultaw minn leġislazzjoni nazzjonali kif ukoll ftehim konkluż preċedentement bejn Stati Membri, illi jekk jinżammu jostakolaw il-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-ħaddiema;

ċ) tabolixxi dawk il-perijodi ta' kwalifika u restrizzjonijiet oħra previsti kemm taħt leġislazzjoni nazzjonali kif ukoll ftehim konkluż preċedentement bejn Stati Membri li jimponu fuq ħaddiema ta' Stati Membri oħra kondizzjonijiet li jirrigwardaw l-għażla libera ta' impjieg li huma differenti minn dawk imposti fuq ħaddiema ta' l-Istat konċernat;

d) tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa li jġibu flimkien l-offerti ta' impjieg ma' l-applikazzjonijiet għall-impjieg u li jiffaċilitaw li jintlaħaq bilanċ bil-kondizzjoni li jkun evitat theddid serju għal-livell ta' l-għixien u għal-livell ta' l-impjieg fid-diversi reġjuni u industriji.

ARTIKOLU III-135

L-Istati Membri għandhom, fil-qafas ta' programm konġunt, jinkoraġġixxu l-iskambju ta' ħaddiema żgħażagħ.

ARTIKOLU III-136

1. Fil-qasam tas-sigurtà soċjali, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi dawk il-miżuri li huma meħtieġa biex ikun hemm libertà ta' moviment għal ħaddiema billi tagħmel arranġamenti sabiex jiżguraw għal impjegati migranti u dawk li jaħdmu għal rashom u d-dipendenti tagħhom:

a) aggregazzjoni tal-perjodi kollha meqjusa taħt il-liġijiet tal-pajjiżi differenti, biex jinkiseb u jinżamm id-dritt għal benefiċċju u tal-kalkolu ta' l-ammont ta' benefiċċju;

b) il-ħlas ta' benefiċċji lil persuni residenti fit-territorji ta' l-Istati Membri.

2. Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropej previst fil-paragrafu 1 jolqot l-aspetti fundamentali tas-sistema ta' sigurtà soċjali tiegħu, inkluż il-kamp ta' l-applikazzjoni, l-kost jew l-istruttura finanzjarja, jew jolqot l-bilanċ finanzjarju ta' dik is-sistema, jista' jitlob li l-kwistjoni tiġi mressqa quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, l-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien erba' xhur minn din is-suspensjoni, jew:

a) jirreferi lura l-abbozz lill-Kunsill, li għandu jwaqqaf is-sospensjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu III-396, jew

b) jitlob il-Kummissjoni tissottometti proposta ġdida; f'dak il-każ, l-att propost oriġinarjament għandu jitqies li ma ġiex adottat.

Subsezzjoni 2

Libertà ta' stabbiliment

ARTIKOLU III-137

Fil-qafas ta' din is-Subsezzjoni, għandhom jiġu pprojbiti restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Din il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll għal restrizzjonijiet fuq l-istabbiliment ta' aġenziji, sussidjarji jew fergħat minn ċittadini ta' kwalunkwe Stat Membru stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru.

Ċittadini ta' Stat Membru għandhom id-dritt, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li jibdew u jwettqu attivitajiet bħal persuni li jaħdmu għal rashom u li jistabbilixxu u jamministraw impriżi, b'mod partikolari kumpanniji jew ditti fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-142, taħt il-kondizzjonijiet previsti għaċ-ċittadini proprji bil-liġi ta' l-Istat Membru fejn isir dan l-istabbiliment, bla ħsara għas-Sezzjoni 4 rigward il-kapital u l-pagamenti.

ARTIKOLU III-138

1. Liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri sabiex tinkiseb il-libertà ta' stabbiliment fir-rigward ta' attività partikolari. Għandhom jiġi adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom taħt il-paragrafu 1, b'mod partikolari:

(a) billi jagħtu, bħala regola ġenerali, trattament ta' prijorità lil attivitajiet fejn il-libertà ta' stabbiliment tagħmel kontribuzzjoni b'valur partikolari għall-iżvilupp tal-produzzjoni u tan-negozju;

b) billi jiżguraw koperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri sabiex tiġi aċċertata s-sitwazzjoni partikolari fl-Unjoni ta' l-attivitajiet varji konċernati;

ċ) billi jabolixxu dawk il-proċeduri u l-prattiċi amministrattivi, kemm jekk jirriżultaw minn leġislazzjoni nazzjonali kemm jekk minn ftehim preċedentement konkluż bejn l-Istati Membri, li jekk jinżammu kienu jostakolaw il-libertà ta' stabbiliment;

d) billi jiżguraw li ħaddiema minn Stat Membru impjegati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jistgħu jibqgħu f'dak it-territorju sabiex jibdew attivitajiet hemmhekk bħala persuni li jaħdmu għal rashom, meta jissodisfaw il-kondizzjonijiet li huma kienu jkunu meħtieġa jissodisfaw li kieku kienu qegħdin jidħlu f'dak l-Istat fiż-żmien meta kellhom l-intenzjoni jibdew dawn l-attivitajiet;

e) billi jippermettu lil ċittadin ta' Stat Membru li jakkwista u juża art u bini li jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, sa fejn dan ma jkunx f'konflitt mal-prinċipji previsti fl-Artikolu III-227(2);

f) billi jwettqu l-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' istabbiliment f'kull fergħa ta' attività ikkunsidrata, kemm fir-rigward tal-kondizzjonijiet biex jiġu stabbiliti aġenziji, fergħat jew sussidjarji fit-territorju ta' Stat Membru u kemm fir-rigward tal-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul ta' personal ta' l-istabbiliment prinċipali għal posizzjonijiet amministrattivi u ta' sorveljanza f'tali aġenziji, fergħat jew sussidjarji;

g) billi jikkordinaw sa fejn meħtieġ u bl-iskop li jirrendu ekwivalenti l-garanziji meħtieġa, fl-Istati Membri, mingħand is-soċjetajiet kummerċjali fis-sens tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu III-142, biex jiġu protetti l-interessi kemm tas-soċji kif ukoll ta' terzi persuni;

h) billi jaċċertaw ruħhom li l-kondizzjonijiet ta' stabbiliment mhumiex distorti b'għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri.

ARTIKOLU III-139

Din is-Subsezzjoni m'għandhiex tapplika, sa fejn kwalunkwe Stat Membru partikolari huwa konċernat, għall-attivitajiet li f'dak l-Istat huma konnessi, anke okkażjonalment, ma' l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika.

Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' teskludi ċerti attivitajiet mill-applikazzjoni ta' din is-Subsezzjoni.

ARTIKOLU III-140

1. Din is-Subsezzjoni u l-miżuri adottati skond l-istess m'għandhomx jippreġudikaw l-applikabilità ta' disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jipprovdu għal trattament speċjali għal ċittadini barranin fuq bażi ta' l-ordni pubbliku, s-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika.

2. Liġi kwadru Ewropea għandha tikkordina d-disposizzjonijiet nazzjonali previsti fil-paragrafu 1.

## ARTIKOLU III-141

1. Il-liġi kwadru Ewropea għandha tiffaċilita l-bidu u t-twettiq ta' attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom. Għandha tkopri:

a) ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali;

b) il-kordinazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jikkonċernaw il-bidu u t-twettiq ta' attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom.

2. Fil-każ tal-professjonijiet mediċi, paramediċi u farmaċewtiċi, s-suppressjoni progressiva ta' restrizzjonijiet għandha tkun dipendenti fuq il-kordinazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet fid-diversi Stati Membri.

## ARTIKOLU III-142

Soċjetajiet u ditti kostitwiti skond il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju tagħhom fl-Unjoni għandhom, għall-finijiet ta' din is-Subsezzjoni, jiġu trattati bl-istess mod bħal persuni fiżiċi li huma ċittadini ta' Stati Membri.

"Soċjetajiet u ditti" tfisser kumpanniji jew ditti kkostitwiti taħt il-liġi ċivili jew kummerċjali, inklużi soċjetajiet koperattivi, u persuni ġuridiċi oħra rregolati mil-liġi pubblika jew privata, ħlief għal dawk li m'għandhomx l-iskop ta' profitt.

ARTIKOLU III-143

Stati Membri għandhom jagħtu lil ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra l-istess trattament bħaċ-ċittadini tagħhom fir-rigward ta' parteċipazzjoni fil-kapital ta' soċjetajiet jew ditti fis-sens tat-tifsira tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-142, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.

Subsezzjoni 3

Libertà tal-provvista ta' servizzi

ARTIKOLU III-144

Fil-qafas ta' din is-Subsezzjoni, r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-provvista ta' servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu pprojbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li huma stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak tal-persuna li għaliha huma ddestinati s-servizzi.

Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' testendi din is-Subsezzjoni għal ċittadini ta' Stat terz li jipprovdu servizzi u li huma stabbiliti fl-Unjoni.

ARTIKOLU III-145

Jitqiesu bħala "servizzi" għall-għanijiet tal-Kostituzzjoni s-servizzi pprovduti normalment bi ħlas, sakemm ma jkunux regolati mid-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-libertà ta' moviment ta' persuni, merkanzija u kapital.

"Servizzi" għandhom jinkludu b'mod partikolari:

a) attivitajiet ta' karattru industrijali;

b) attivitajiet ta' karattru kummerċjali;

ċ) attivitajiet ta' artiġjanat;

d) attivitajiet tal-professjonijiet liberi.

Mingħajr preġudizzju għas-Subsezzjoni 2 li tirrigwardja l-libertà ta' stabbiliment, il-persuna li tipprovdi servizz tista', sabiex tagħmel dan, twettaq temporanjament l-attività tagħha fl-Istat Membru fejn huwa pprovdut is-servizz, taħt l-istess kondizzjonijiet li huma imposti minn dak l-Istat fuq iċ-ċittadini proprji.

ARTIKOLU III-146

1. Il-libertà tal-provvista ta' servizzi fil-qasam tat-trasport għandha tkun irregolata mis-Sezzjoni 7 tal-Kapitolu III dwar it-trasport.

2. Il-liberalizzazzjoni tas-servizzi bankarji u assigurattivi konnessi mal-movimenti ta' kapital għandha titwettaq mal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital.

ARTIKOLU III-147

1. Il-miżuri sabiex titwettaq il-liberalizzazzjoni ta' servizz partikolari għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' liġi kwadru Ewropea. Dawn għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Fir-rigward tal-liġi kwadru Ewropea prevista fil-paragrafu 1, għandha tingħata prijorità bħala regola ġenerali lil dawk is-servizzi li jolqtu direttament l-ispejjeż tal-produzzjoni jew li l-liberalizzazzjoni tagħhom tgħin biex tippromwovi l-kummerċ fil-merkanzija.

ARTIKOLU III-148

L-Istati Membri għandhom jippruvaw jipproċedu għal-liberalizzazzjoni ta' servizzi lil hinn mil-limitu meħtieġ mil-liġi kwadru Ewropea adottati skond l-Artikolu III-147(1), jekk is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tagħhom u s-sitwazzjoni tas-settur ekonomiku interessat jippermettu dan.

Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri konċernati.

ARTIKOLU III-149

Sakemm ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma jkunux ġew aboliti, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawn ir-restrizzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' ċittadinanza jew ta' residenza għall-persuni kollha li jipprovdu servizzi fis-sens ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-144.

ARTIKOLU III-150

L-Artikoli III-139 sa III-142 għandhom japplikaw għall-kwistjonijiet koperti b'din is-Subsezzjoni.

SEZZJONI 3

MOVIMENT LIBERU TA' MERKANZIJA

Subsezzjoni 1

Unjoni Doganali

ARTIKOLI III-151

1. L-Unjoni għandha tinkludi unjoni doganali li għandha tkopri l-kummerċ kollu fil-merkanzija u li għandha tinvolvi l-projbizzjoni bejn Stati Membri ta' dazji doganali fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u tal-piżijiet kollha li jkollhom effett ekwivalenti, u l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi.

2. Il-paragrafu 4 u s-subsezzjoni 3 dwar il-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi għandhom japplikaw għal prodotti li joriġinaw fi Stati Membri u għal prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi li huma f'ċirkolazzjoni libera fi Stati Membri.

3. Il-prodotti ġejjin minn pajjiż terz huma kkunsidrati f'ċirkolazzjoni libera fi Stat Membru jekk għalihom ikunu saru l-formalitajiet ta' importazzjoni u tħallsu kwalunkwe dazji doganali jew piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti pagabbli f'dak l-Istat Membru, u jekk ma bbenefikawx minn rimbors totali jew parzjali ta' dawn id-dazji u piżijiet.

4. Dazji doganali fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti għandhom jiġu pprojbiti bejn Stati Membri. Din il-projbizzjoni għandha wkoll tapplika għal dazji doganali ta' natura fiskali.

5. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet li jiffissaw id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni.

6. Fit-twettiq tad-dmirijiet mogħtija lilha taħt dan l-Artikolu, l-Kummissjoni għandha tiġi ggwidata:

a) mill-bżonn li jiġi promoss il-kummerċ bejn Stati Membri u pajjiżi terzi;

b) minn żviluppi fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa fejn dawn iwasslu għal titjib fil-kompetittività ta' l-impriżi;

ċ) mill-bżonnijiet tal-Komunità f'dak li huwa l-provvista ta' materja prima u prodotti nofshom maħduma, filwaqt li tassigura li l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' prodotti lesti ma jiġux distorti;

d) mill-bżonn li jiġu evitati disturbi serji fl-ekonomiji ta' l-Istati Membri u li jiġi assigurat żvilupp razzjonali ta' produzzjoni u l-espansjoni tal-konsum fl-Unjoni.

## Subsezzjoni 2

## Koperazzjoni Doganali

### ARTIKOLU III-152

Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni doganali bejn l-Istati Membri u bejnhom u l-Kummissjoni.

## Subsezzjoni 3

## Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi

### ARTIKOLU III-153

Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet u l-miżuri kollha li jkollhom effett ekwivalenti huma pprojbiti bejn l-Istati Membri.

### ARTIKOLU III-154

L-Artikolu III-153 m'għandux jipprekludi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet, esportazzjonijiet jew merkanzija in transitu ġustifikati mill-moralità pubblika, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, ta' l-annimali jew tal-pjanti; il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx, madanakollu, jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

ARTIKOLU III-155

1. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw kull monopolju ta' l-Istat ta' karattru kummerċjali sabiex jassiguraw li l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet li taħthom tiġi prokurata u mqiegħda fis-suq il-merkanzija ma tkun teżisti bejn ċittadini ta' Stati Membri.

Dan l-Artikolu għandu japplika għal kull korp li permezz tiegħu Stat Membru, bil-liġi jew fil-fatt, direttament jew indirettament jissorvelja, jiddetermina jew jinfluwenza b'mod apprezzabbli importazzjonijiet jew esportazzjonijiet bejn Stati Membri. Għandu bl-istess mod japplika għal monopolji delegati mill-Istat lil oħrajn.

2. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jontroduċu kwalunkwe miżura ġdida li hija kontra l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew li tirrestrinġi l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli li jittrattaw il-projbizzjoni ta' dazji doganali u restrizzjonijiet kwantitattivi bejn Stati Membri.

3. Jekk monopolju ta' l-Istat ta' karattru kummerċjali jkollu regoli li huma maħsuba biex jiffaċilitaw il-kummerċ u l-valorizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jittieħdu passi sabiex jassiguraw salvagwardji ekwivalenti għall-impjieg u l-livell ta' l-għixien tal-produtturi interessati.

SEZZJONI 4

KAPITAL U PAGAMENTI

ARTIKOLU III-156

Fil-qafas ta' din is-Sezzjoni, r-restrizzjonijiet kemm fuq il-moviment ta' kapital kif ukoll fuq pagamenti bejn Stati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti.

ARTIKOLU III-157

1. L-Artikolu III-156 ma jippreġudikax l-applikazzjoni għal pajjiżi terzi ta' kull restrizzjoni li kienet teżisti fil-31 ta' Diċembru 1993 taħt liġi nazzjonali jew ta' l-Unjoni adottata fir-rigward tal-moviment ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jinvolvi investiment dirett - inkluż investiment fil-proprjetà immobbli - stabbiliment, għoti ta' servizzi finanzjarji jew ammissjoni ta' titoli fis-swieq kapitali. Fejn għandhom x'jaqsmu restrizzjonijiet li jeżistu taħt il-liġi nazzjonali fl-Estonja u l-Ungerija, d-data in kwistjoni għandha tkun il-31 ta' Diċembru 1999.

2. Liġi jew ligi kwadru Ewropea għandha ddaħħal fis-seħħ miżuri fuq il-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi li jinvolvi investiment dirett - inkluż investiment fil-proprjetà immobbli - stabbiliment, għoti ta' servizzi finanzjarji jew ammissjoni ta' titoli fis-swieq kapitali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jippruvaw jiksbu l-għan ta' libertà ta' moviment tal-kapital bejn Stati Membri u pajjiżi terzi fil-miżura l-iktar wiesa' possibbli u mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħrajn tal-Kostituzzjoni.

3. Minkejja l-paragrafu 2, għandha tkun biss liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill li tista' tistabbilixxi miżuri li jikkostitwixxu pass lura fid-dritt ta' l-Unjoni fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU III-158

1. L-Artikolu III-156 m'għandux jippreġudika d-dritt ta' Stati Membri:

a) li japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi fiskali tagħhom li tagħmel distinzjoni bejn il-kontribwenti li ma jkunux fl-istess posizzjoni għar-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew għar-rigward tal-post fejn il-kapital tagħhom jkun investit;

b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu ksur ta' disposizzjonijiet nazzjonali stabbiliti b'liġi jew b'regolament, b'mod partikolari fil-qasam tat-taxxa u fil-kontroll prudenzjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji, jew biex jistabbilixxu proċeduri għad-dikjarazzjoni ta' movimenti tal-kapital għal għanijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew statistika, jew biex jieħdu miżuri li huma ġustifikati fuq bażi ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika.

2. Din is-Sezzjoni ma tippreġudikax l-applikabilità ta' restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment li huma kompatibbli mal-Kostituzzjoni.

3. Il-miżuri u l-proċeduri previsti fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata fuq il-libertà ta' moviment tal-kapital u l-pagamenti kif definit fl-Artikolu III-156.

4. Fin-nuqqas ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea prevista fl-Artikolu III-157(3), il-Kummissjoni jew, fin-nuqqas ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mit-talba ta' l-Istat Membru konċernat, il-Kunsill, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddikjara li miżuri restrittivi ta' taxxa adottati minn Stat Membru li jikkonċernaw pajjiż terz jew aktar, għandhom ikunu kkunsidrati bħala li huma kompatibbli mal-Kostituzzjoni sakemm ikunu ġustifikati b'wieħed mill-għanijiet ta' l-Unjoni u kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq applikazzjoni minn Stat Membru.

ARTIKOLU III-159

Meta, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, movimenti ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għall-operazzjoni ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jdaħħlu miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' pajjiżi terzi għal perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jekk dawn il-miżuri huma strettament meħtieġa. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.

ARTIKOLU III-160

Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-257, fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet marbuta miegħu, l-liġi Ewropea għandha tiddefinixxi qafas għal miżuri amministrattivi fir-rigward ta' moviment ta' kapital u ta' pagamenti, bħall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji jew qligħ ekonomiku li jappartjenu għal, jew li jkunu proprjetà ta', jew miżmuma minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, minn gruppi jew minn entitajiet mhux statali.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti Ewropej jew deċiżjonijiet Ewropej sabiex jimplimenta l-liġi Ewropea prevista fl-ewwel paragrafu.

L-atti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu d-disposizzjonijiet meħtieġa dwar salvagwardji legali.

## SEZZJONI 5

## REGOLI DWAR IL-KOMPETIZZJONI

### Subsezzjoni 1

### Regoli li japplikaw għal impriżi

### ARTIKOLU III-161

1. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit fuq bażi ta' inkompatibbiltà mas-suq intern: kull akkordju bejn impriżi, kull deċiżjoni minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u kull prattika miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn Stati Membri u li għandhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom il-prevenzjoni, r-restrizzjoni jew id-distorsjoni ta' kompetizzjoni fis-suq intern, u b'mod partikolari dawk li:

a) direttament jew indirettament jiffissaw prezzijiet ta' xiri jew ta' bejgħ jew xi kondizzjonijiet oħra ta' kummerċ;

b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, s-swieq, l-iżvilupp teknoloġiku, jew l-investiment;

ċ) iqassmu s-swieq jew l-għejjun ta' provvista;

d) japplikaw kondizzjonijiet differenti għal operazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra fil-kummerċ, u b'hekk iqiegħduhom fi żvantaġġ kompetittiv;

e) jagħmlu l-konklużjoni ta' kuntratti soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użanza kummerċjali, m'għandhom ebda konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.

2. Akkordji jew deċiżjonijiet pprojbiti skond dan l-Artikolu għandhom ikunu nulli u bla effett.

3. Il-paragrafu 1 jista', madanakollu, jiġi ddikjarat inapplikabbli fil-każ ta':

– kull akkordju jew kategorija ta' akkordji bejn impriżi,

– kull deċiżjoni jew kategorija ta' deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi,u

– kull prattika miftiehma jew kategorija ta' prattiċi miftiehma

li jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' merkanzija jew għall-promozzjoni ta' progress tekniku jew ekonomiku, waqt li jippermettu li l-konsumatur ikollu sehem ġust mill-benefiċċju li jirriżulta, u li:

a) ma jimponux fuq l-impriżi konċernati restrizzjonijiet li mhumiex indispensabbli biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

b) ma jippermettux lil dawn l-impriżi l-possibiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti in kwistjoni.

ARTIKOLU III-162

Kull abbuż minn impriża waħda jew iktar ta' posizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali tiegħu għandu jiġi pprojbit bħala inkompatibbli mas-suq intern sa fejn jista' jolqot l-kummerċ bejn Stati Membri.

Dan l-abbuż jista', b'mod partikolari, jikkonsisti f'li:

a) direttament jew indirettament jiġu imposti prezzijiet inġusti ta' xiri jew ta' bejgħ jew kondizzjonijiet inġusti oħrajn ta' kummerċ;

b) jiġu limitati l-produzzjoni, s-swieq jew l-iżvilupp tekniku b'mod li jippreġudika l-konsumaturi;

ċ) jiġu applikati kondizzjonijiet mhux simili għal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet kummerċjali oħra, u b'hekk iqiegħduhom fi żvantaġġ kompetittiv;

d) jagħmlu l-konklużjoni ta' kuntratti soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użanza kummerċjali, m'għandhom ebda konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.

ARTIKOLU III-163

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti Ewropej biex jagħti effett lill-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli III-161 u III-162. Għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

Dawn ir-regolamenti Ewropej għandhom ikunu maħsuba b'mod partikolari:

a) biex jassiguraw il-ħarsien tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-161(1) u fl-Artikolu III-162 billi jipprovdu għal multi u pagamenti ta' penali għal dewmien;

b) biex jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu III-161(3), b'kont meħud tal-bżonn li tiġi assigurata sorveljanza effettiva min-naħa l-waħda, u biex tiġi simplifikata kemm jista' jkun l-amministrazzjoni, min-naħa l-oħra;

ċ) biex jiddefinixxu, jekk meħtieġ, fil-fergħat varji ta' l-ekonomija, l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli III-161 u III-162;

d) biex jiddefinixxu r-rwoli rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti f'dan is-subparagrafu;

e) biex jiddeterminaw ir-relazzjoni bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri min-naħa l-waħda, u din is-Subsezzjoni jew ir-regolamenti Ewropej adottati skond dan l-Artikolu min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU III-164

Sal-bidu fis-seħħ tar-regolamenti Ewropej adottati skond l-Artikolu III-163, l-awtoritajiet fl-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar l-ammissibiltà ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma u dwar l-abbuż ta' posizzjoni dominanti fis-suq intern skond il-liġi nazzjonali tagħhom u l-Artikoli III-161, b'mod partikolari l-paragrafu 3, u l-Artikolu III-162.

ARTIKOLU III-165

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-164, il-Kummissjoni għandha tassigura l-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli III-161 u III-162. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, u bil-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, li għandhom jagħtuha l-għajnuna tagħhom, il-Kummissjoni għandha tinvestiga kull ksur suspettat ta' dawn il-prinċipji. Jekk issib li kien hemm ksur, għandha tipproponi miżuri xierqa sabiex twaqqfu.

2. Jekk il-ksur previst fil-paragrafu 1 ma jieqafx, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni Ewropea motivata li tirreġistra l-ksur tal-prinċipji. Il-Kummissjoni tista' tippubblika d-deċiżjoni tagħha u tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa, li tagħhom għandha tiddetermina hi l-kondizzjonijiet u d-dettalji, biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti Ewropej dwar il-kategoriji ta' akkordji li fir-rigward tagħhom il-Kunsill adotta regolament Ewropew skond l-Artikolu III-163, it-tieni paragrafu, (b).

ARTIKOLU III-166

1. Fil-każ ta' impriżi pubbliċi u impriżi li l-Istati Membri jagħtuhom drittijiet speċjali jew esklużivi, l-Istati Membri la għandhom jiddekretaw u lanqas iżommu fis-seħħ xi disposizzjoni kuntrarja għall-Kostituzzjoni, b'mod partikolari l-Artikolu I-4(2) u l-Artikoli III-161 sa III-169.

2. Impriżi fdati bl-operazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom il-karattru ta' monopolju fiskali għandhom ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari r-regoli dwar il-kompetizzjoni, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet ma xxekkilx it-twettiq, bil-liġi jew fil-fatt, tad-dmirijiet partikolari mogħtija lilhom. L-iżvilupp tal-kummerċ m'għandux jintlaqat sa dak il-limitu li jkun kuntrarju għall-interessi ta' l-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u għandha, meta meħtieġ, tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej xierqa.

Subsezzjoni 2

Għajnuniet mill-Istati Membri

ARTIKOLU III-167

1. Salv kif provdut xort'oħra fil-Kostituzzjoni, kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat fi kwalunkwe forma li twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija għandha, sa fejn tolqot l-kummerċ bejn Stati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern:

a) għajnuna li jkollha karattru soċjali, mogħtija lil konsumaturi individwali, sakemm dik l-għajnuna tingħata mingħajr diskriminazzjoni relatata ma' l-oriġini tal-prodotti konċernati;

b) għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali;

ċ) għajnuna mogħtija lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja milquta mid-diviżjoni tal-Ġermanja, sa fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex tikkumpensa għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati minn dik id-diviżjoni. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, l-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tħassar dan il-punt.

3. Dawn li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati kompatibbli mas-suq intern:

a) għajnuna biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' għixien hu baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm nuqqas serju ta' impjiegi, u ta' reġjuni previsti fl-Artikolu III-424, minħabba s-sitwazzjoni strutturali, ekonomika u soċjali tagħhom;

b) għajununa biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew jew biex tirrimedja disturbi serji fl-ekonomija ta' Stat Membru;

ċ) għajnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ tant li jkollha effett kuntrarju għall-interess komuni;

d) għajnuna biex tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolqotx kondizzjonijiet ta' kummerċ u kompetizzjoni fl-Unjoni tant li jkollha effett kuntrarju għall-interess komuni;

e) kategoriji oħra ta' għajnuna bħal dawn li jistgħu jiġu speċifikati minn regolamenti jew minn deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill tal-Ministri fuq proposta mill-Kummissjoni.

ARTIKOLU III-168

1. Il-Kummissjoni, f'koperazzjoni ma' Stati Membri, għandha żżomm taħt eżami kostanti s-sistemi tagħhom ta' għajnuna li jeżistu f'dawn l-Istati. Għandha tipproponilhom kull miżura xierqa meħtieġa mill-iżvilupp progressiv jew mill-funzjonament tas-suq intern.

2. Jekk, wara li tagħti notifika lill-partijiet konċernati sabiex dawn jissottomettu l-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni ssib li għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat mhijiex kompatibbli mas-suq intern meta jitqies l-Artikolu III-167, jew li din l-għajnuna qed tiġi użata ħażin, għandha tadotta deċiżjoni Ewropea li tirrikjedi lill-Istat Membru konċernat jabolixxi jew ibiddel din l-għajnuna f'terminu ta' żmien li għandu jiġi determinat mill-Kummissjoni.

Jekk l-Istat Membru konċernat ma jħarisx din id-deċiżjoni Ewropea fiż-żmien preskritt, il-Kummissjoni jew kull Stat Membru ieħor interessat jistgħu, b'deroga mill-Artikoli III-360 u III-361, jirreferu l-kwistjoni direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

Fuq applikazzjoni magħmula minn Stat Membru, l-Kunsill b'mod unanimu jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li dik l-għajnuna li dak l-Istat qed jagħti jew għandu l-intenzjoni li jagħti għandha tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern, b'deroga mill-Artikolu III-167 jew mir-regolamenti Ewropej previsti fl-Artikolu III-169, jekk din id-deċiżjoni tkun ġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali. Jekk, fir-rigward ta' l-għajnuna in kwistjoni, l-Kummissjoni tkun diġà bdiet il-proċedura prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-fatt li l-Istat Membru konċernat ikun għamel l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill għandu l-effett li jissospendi dik il-proċedura sakemm il-Kunsill ikun għarraf il-posizzjoni tiegħu.

Jekk, madanakollu, l-Kunsill ma jkunx ħa l-posizzjoni tiegħu fi żmien tliet xhur minn meta tkun saret l-applikazzjoni msemmija, l-Kummissjoni għandha taġixxi.

3. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata mill-Istati Membri, fi żmien biżżejjed biex jippermettilha tissottometti l-kummenti tagħha, b'kull pjan għall-għoti jew it-tibdil ta' l-għajnuna. Jekk tikkunsidra li proġett bħal dan ma jkunx kompatibbli mas-suq intern skond it-termini ta' l-Artikolu III-167, hija għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Istat Membru konċernat ma jistax idaħħal fis-seħħ il-miżuri proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura tkun wasslet għal deċiżjoni finali.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti Ewropej dwar il-kategoriji ta' għajnuna mill-Istat li l-Kunsill, skond l-Artikolu III-169, ikun iddetermina li jistgħu jiġu eżentati mill-proċedura prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU III-169

Il-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti Ewropej għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli III-167 u III-168 u għad-determinazzjoni b'mod partikolari tal-kondizzjonijiet li taħthom l-Artikolu III-168(3) għandu japplika u l-kategoriji ta' għajnuna eżentati mill-proċedura prevista f'dak il-paragrafu. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

SEZZJONI 6

DISPOSIZZJONIJIET FISKALI

ARTIKOLU III-170

1. Ebda Stat Membru m'għandu jimponi, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra xi tassazzjoni interna ta' kwalunkwe tip ogħla minn dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti domestiċi simili.

Barra minn hekk, ebda Stat Membru m'għandu jimponi fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra xi tassazzjoni interna ta' dan it-tip li tagħti protezzjoni indiretta lil prodotti oħra.

2. Meta jiġu esportati prodotti minn Stat Membru lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor, kull ħlas lura ta' tassazzjoni indiretta m'għandux jeċċedi t-tassazzjoni interna imposta fuqhom kemm direttament u kemm indirettament.

3. Fil-każ ta' piżijiet li ma humiex taxxi fuq it-*turnover*, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta, remissjonijiet u rimborsi fir-rigward ta' esportazzjonijiet lejn Stati Membri oħra ma jistgħux jingħataw u piżijiet kompensatorji fir-rigward ta' importazzjonijiet minn Stati Membri ma jistgħux jiġu mposti sakemm id-disposizzjonijiet kontemplati ma jkunux ġew approvati minn qabel għal perijodu limitat minn deċiżjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

ARTIKOLU III-171

Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi miżuri għall-armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni li tikkonċerna t-taxxi fuq it-*turnover*, id-dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta sakemm din l-armonizzazzjoni hija meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

SEZZJONI 7

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

ARTIKOLU III-172

1. Minbarra fejn hu previst mod ieħor fil-Kostituzzjoni, dan l-Artikolu għandu japplika biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu III-130. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri għall-approssimazzjoni tad-disposizzjonjiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal disposizzjonijiet fiskali, għal dawk dwar il-moviment liberu ta' persuni jew għal dawk dwar id-drittijiet u l-interessi ta' persuni impjegati.

3. Il-Kummissjoni, fil-proposti tagħha sottomessi taħt il-paragrafu 1 li jikkonċernaw is-saħħa, s-sigurtà, il-protezzjoni ambjentali u l-protezzjoni tal-konsumatur, għandha tieħu bħala l-bażi tagħha livell għoli ta' protezzjoni, b'mod partikolari b'kont meħud ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ukoll ifittxu li jilħqu dan il-għan.

4. Jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea jew permezz ta' regolament Ewropew tal-Kummissjoni, Stat Membru jqis li hu meħtieġ li jżomm fis-seħħ disposizzjonijiet nazzjonali ġustifikati b'esiġenzi importanti previsti fl-Artikolu III-154, jew li jirrelataw għall-protezzjoni ta' l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll bir-raġunijiet li għalihom għandhom jinżammu.

5. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea jew permezz ta' regolament tal-Kummissjoni, Stat Membru jqis li jeħtieġ idaħħal disposizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq evidenza xjentifika ġdida dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol minħabba problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina wara l-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-disposizzjonijiet previsti u r-raġunijiet għalihom.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifiki previsti fil-paragrafi 4 u 5, tadotta deċiżjoni Ewropea li tapprova jew tirrifjuta d-disposizzjonijiet nazzjonali involuti wara li tkun ivverifikat jekk humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata kontra l-kummerċ bejn Stati Membri jew le u jekk jikkostitwux xkiel għall-funzjonament tas-suq intern jew le.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni f'dan it-terminu ta' żmien, id-disposizzjonijiet nazzjonali previsti fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jitqiesu li ġew approvati.

Meta ġustifikat mill-komplessità tal-kwistjoni u fin-nuqqas ta' perikolu għas-saħħa tal-bniedem il-Kummissjoni tista' tavża l-Istat Membru konċernat li t-terminu ta' żmien previst f'dan il-paragrafu huwa mġedded għal perijodu ieħor ta' mhux iżjed minn sitt xhur.

7. Meta, skond il-paragrafu 6, Stat Membru huwa awtorizzat iżomm fis-seħħ jew idaħħal disposizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni, l-Kummissjoni għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix adattament għal dik il-miżura.

8. Meta Stat Membru jqajjem problema speċifika dwar is-saħħa pubblika f'qasam li kien is-suġġett ta' miżuri ta' armonizzazzjoni preċedenti, għandu jressaqha għall-attenzjoni tal-Kummissjoni li għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix miżuri xierqa.

9. B'deroga mill-proċedura stabbilita fl-Artikoli III-360 u III-361, il-Kummissjoni u kull Stat Membru jistgħu jressqu l-kwistjoni direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jekk jikkunsidraw li Stat Membru ieħor qed jabbuża mill-poteri previsti f'dan l-Artikolu.

10. Il-miżuri ta' armonizzazzjoni previsti f'dan l-Artikolu għandhom, f'każijiet xierqa, jinkludu klawżola ta' salvagwardja li tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu, għal raġuni/jiet mhux ekonomiċi previsti fl-Artikolu III-154, miżuri provviżorji soġġetti għal proċedura ta' kontroll ta' l-Unjoni.

## ARTIKOLU III-173

Bla preġudizzju għall-Artikolu III-172, liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi miżuri għall-approssimazzjoni ta' dawk il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jolqtu direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

ARTIKOLU III-174

Meta l-Kummissjoni issib li differenza bejn id-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri qed tikkawża distorsjoni fil-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern u li hemm bżonn li d-distorsjoni li tirriżulta tiġi eliminata, għandha tikkonsulta ma' l-Istati Membri konċernati.

Jekk din il-konsultazzjoni ma tirriżultax fi ftehim, il-liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex id-distorsjoni in kwistjoni tiġi eliminata. Tista' tiġi adottata kull miżura oħra xierqa prevista fil-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU III-175

1. Meta jkun hemm raġuni għal biża' li l-adozzjoni jew l-emenda ta' disposizzjoni nazzjonali stabbilita b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva ta' Stat Membru tista' tikkawża distorsjoni fis-sens ta' l-Artikolu III-174, Stat Membru li jixtieq jipproċedi biha għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni. Wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, l-Kummissjoni għandha tindirizza lill-Istati Membri konċernati rakkomandazzjoni dwar il-miżuri adatti sabiex tiġi evitata d-distorsjoni in kwistjoni.

2. Jekk Stat Membru li jixtieq idaħħal jew jemenda d-disposizzjonijiet tiegħu ma jħarisx ir-rakkomandazzjoni indirizzata lilu mill-Kummissjoni, Stati Membri oħra m'għandhomx ikunu meħtieġa, skond l-Artikolu III-174, li jemendaw id-disposizzjonijiet tagħhom sabiex jeliminaw dik id-distorsjoni. Jekk l-Istat Membru li ma jkunx ta każ tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jikkawża distorsjoni ta' detriment għalih innifsu biss, l-Artikolu III-174 m'għandux japplika.

ARTIKOLU III-176

Fil-kuntest ta' l-istabbiliment u tal-funzjonament tas-suq intern, miżuri għall-introduzzjoni ta' strumenti Ewropej biex jipprovdu protezzjoni uniformi għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fl-Unjoni u għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' awtorizzazzjoni, kordinazzjoni u sorveljanza ċentralizzati fl-Unjoni kollha għandhom jiġu stabbiliti f'liġi jew liġi kwadru Ewropea.

Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-arranġamenti tal-lingwa għall-istrumenti Ewropej. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

KAPITOLU II

POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA

ARTIKOLU III-177

Għall-finijiet ta' l-Artikolu I-3, l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni għandhom jinkludu, kif previst fil-Kostituzzjoni, l-adozzjoni ta' politika ekonomika li hija bbażata fuq il-kordinazzjoni mill-qrib tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri, s-suq intern u d-definizjoni ta' għanijiet komuni, u mmexxija skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera.

Flimkien ma' dan ta' qabel, u kif previst fil-Kostituzzjoni u skond il-proċeduri stabbiliti hemmhekk, dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu munita unika, l-euro, u d-definizjoni u l-kondotta ta' politika monetarja unika u politika tal-kambju unika, u l-għan primarju tat-tnejn għandu jkun li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet u, mingħajr preġudizzju għal dan il-għan, li tiġi sostnuta l-politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni, skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera.

Dawn l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni għandhom jinvolvu l-ħarsien tal-prinċipji ta' gwida li ġejjin: prezzijiet stabbli, finanzi pubbliċi u kondizzjonijiet monetarji tajbin u bilanċ stabbli ta' pagamenti.

## SEZZJONI 1

## POLITIKA EKONOMIKA

### ARTIKOLU III-178

L-Istati Membri għandhom isegwu l-politika ekonomika tagħhom sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Unjoni, kif definit fl-Artikolu I-3, u fil-kuntest tal-linji gwida wiesa' previsti fl-Artikolu III-179(2). L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jaġixxu skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u skond il-prinċipji previsti fl-Artikolu III-177.

### ARTIKOLU III-179

1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-politika ekonomika tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkordinawhom fil-Kunsill, skond l-Artikolu III-178.

2. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jifformula abbozz għal-linji gwida wiesa' tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni, u għandu jirrapporta ir-riżultati tiegħu lill-Kunsill Ewropew.

Il-Kunsill Ewropew, fuq bażi tar-rapport mill-Kunsill, għandu jiddiskuti konklużjoni dwar il-linji gwida wiesa' tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni. Fuq bażi ta' din il-konklużjoni, l-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi dawn il-linji gwida wiesa'. Għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bir-rakkomandazzjoni tiegħu.

3. Sabiex tiġi assigurata kordinazzjoni iktar mill-qrib tal-politika ekonomika u konverġenza sostnuta tar-rendimenti ekonomiċi ta' l-Istati Membri, l-Kunsill, fuq bażi ta' rapporti sottomessi mill-Kummissjoni, għandu jagħmel kontroll ta' l-iżviluppi ekonomiċi f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni, kif ukoll tal-konsistenza tal-politika ekonomika mal-linji gwida wiesa' previsti fil-paragrafu 2, u għandu jagħmel regolarment stima globali.

Għall-għanijiet ta' din is-sorveljanza multilaterali, l-Istati Membri għandhom jgħaddu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar miżuri importanti meħuda minnhom fil-qasam tal-politika ekonomika tagħhom u informazzjoni oħra li jqisu neċessarja.

4. Meta jigi stabbilit, taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 3, li l-politika ekonomika ta' Stat Membru mhiex konformi mal-linji gwida wiesa' previsti fil-paragrafu 2 jew li hemm ir-riskju li jipperikolaw il-funzjonament xieraq ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, l-Kummissjoni tista' tindirizza twissija lill-Istat Membru konċernat. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jindirizza r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa lill-Istat Membru konċernat. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.

Fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu in kunsiderazzjoni l-vot tal-membru tal-Kunsill li jkun qed jirrappreżenta lill-Istat Membru konċernat.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

5. Il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jirrapportaw lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali. Il-President tal-Kunsill jista' jkun mistieden jidher quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jekk il-Kunsill ikun għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.

6. Il-liġi Ewropea tista' tistabbilixxi regoli dettaljati għall-proċedura ta' sorveljanza multilaterali prevista fil-paragrafi 3 u 4.

## ARTIKOLU III-180

1. Mingħajr preġudizzju għal xi proċedura oħra prevista mill-Kostituzzjoni, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika, b'mod partikolari jekk jinħolqu diffikultajiet serji fil-provvista ta' ċerti prodotti.

2. Meta Stat Membru jkun f'diffikultajiet jew ikun mhedded serjament b'diffikultajiet serji kkawżati minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tiegħu, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħti, taħt ċerti kondizzjonijiet, għajnuna finanzjarja ta' l-Unjoni lill-Istat Membru konċernat. Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni adottata.

## ARTIKOLU III-181

1. Faċilitajiet ta' *overdraft* jew kull tip ieħor ta' faċilità ta' kreditu mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali ta' l-Istati Membri (minn issa 'l quddiem magħrufa bħala "banek ċentrali nazzjonali") a favur ta' istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħra regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' Stati Membri għandhom jiġu pprojbiti, bħalma jkun ix-xiri direttament minn għandhom mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' titoli ta' debitu.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' proprjetà pubblika li, fil-kuntest tal-provvista ta' riżervi minn banek ċentrali nazzjonali, għandhom jingħataw l-istess trattament minn banek ċentrali nazzjonali u mill-Bank Ċentrali Ewropew bħal istituzzjonijiet privati ta' kreditu.

## ARTIKOLU III-182

Kull miżura jew disposizzjoni, mhux ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' prudenza, li tistabbilixxi aċċess privileġġjat minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħrajn regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' Stati Membri għall-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu pprojbiti.

ARTIKOLU III-183

1. L-Unjoni m'għandhiex tidħol responsabbli għal jew tassumi l-impenji ta' gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħra regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' kull Stat Membru, mingħajr preġudizzju għal garanziji finanzjarji reċiproċi għall-eżekuzzjoni konġunta ta' proġett speċifiku. Stat Membru m'għandux jidħol responsabbli għal jew jassumi l-impenji ta' gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew oħrajn pubbliċi, korpi oħrajn regolati mid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' Stat Membru ieħor, bla preġudizzju għal garanziji finanzjarji reċiproċi għall-eżekuzzjoni konġunta ta' proġett speċifiku.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jispeċifikaw definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli III-181 u III-182 u f'dan l-Artikolu. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU III-184

1. L-Istati Membri għandhom jevitaw *deficit* eċċessiv tal-gvern.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel kontroll ta' l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-*budget* u ta' l-ammont tad-dejn pubbliku fl-Istati Membri sabiex tidentifika żbalji kbar. B'mod partikolari għandha teżamina għall-ħarsien tad-dixxiplina tal-*budget* fuq bażi taż-żewġ kriterji li ġejjin:

a) jekk il-proporzjon tad-*deficit* pubbliku ppjanat jew attwali għall-prodott gross domestiku jeċċedix valur ta' referenza, sakemm:

i) jew il-proporzjon ikun naqas sostanzjalment u kontinwament u jkun laħaq livell li jiġi qrib il-valur ta' referenza, jew

ii) l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jkun biss eċċezzjonali u temporanju u l-proporzjon jibqa' qrib il-valur ta' referenza;

b) jekk il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-prodott gross domestiku jeċċedix valur ta' referenza, sakemm il-proporzjon ma jkunx qed jonqos biżżejjed u joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti.

Il-valuri ta' referenza huma speċifikati fil-Protokoll dwar il-proċedura għad-*deficit* eċċessiv.

3. Jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġiet taħt kriterju wieħed jew aktar, il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu wkoll jieħu in kunsiderazzjoni jekk id-*deficit* pubbliku jeċċedix l-infiq pubbliku fuq l-investiment u jieħu in kunsiderazzjoni l-fatturi kollha l-oħra rilevanti, inkluża l-posizzjoni ekonomika u tal-*budget* ta' l-Istat Membru fuq skond medju.

Il-Kummissjoni tista' wkoll tipprepara rapport jekk, minkejja s-sodisfazzjon tal-ħtiġiet li joħorġu mill-kriterji, tqis li hemm riskju ta' *deficit* eċċessiv fi Stat Membru.

4. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju stabbilit skond l-Artikolu III-192 għandu jifformula opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni.

5. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li *deficit* eċċessiv fi Stat Membru jeżisti jew jista' jseħħ, għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru konċernat u għandha tinforma l-Kunsill b'dan.

6. Il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, wara li jkun ikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru konċernat jista' jixtieq li jagħmel u wara stima globali, jiddeċiedi jekk jeżistix *deficit* eċċessiv. F'dak il-każ għandu jadotta, mingħajr dewmien mhux ġustifikat, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istat Membru konċernat biex dik is-sitwazzjoni tiġi fi tmiem f'perijodu stipulat. Bla ħsara għall-paragrafu 8, dawk ir-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx ikunu magħmula pubbliċi.

Fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu in kunsiderazzjoni l-vot tal-membru tal-Kunsill li jkun qed jirrappreżenta lill-Istat Membru konċernat.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

7. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafi 8 sa 11.

Għandu jaġixxi mingħajr ma jieħu in kunsiderazzjoni l-vot tal-membru tal-Kunsill li jkun qed jirrappreżenta lill-Istat Membru konċernat.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

8. Meta jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi li ma kien hemm ebda azzjoni effettiva bħala tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fil-perijodu stabbilit, il-Kunsill jista' jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.

9. Jekk Stat Membru jibqa' jonqos milli jdaħħal fil-prattika r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħti notifika lill-Istat Membru biex jieħu, f'terminu ta' żmien speċifikat, miżuri għat-tnaqqis tad-*deficit* li huwa meqjus meħtieġ mill-Kunsill sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.

F'dan il-każ, il-Kunsill jista' jitlob lill-Istat Membru konċernat biex jissottometti rapporti skond skeda ta' żmien speċifikata sabiex jiġu eżaminati l-isforzi ta' aġġustament ta' dak l-Istat Membru.

10. Sakemm Stat Membru jonqos li jħares id-deċiżjoni Ewropea adottata skond il-paragrafu 9, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li japplika jew, skond il-każ, jirrinforza miżura jew miżuri fost dawn li ġejjin:

a) li jeħtieġ lill-Istat Membru konċernat biex jippubblika informazzjoni addizzjonali, li għandha tiġi speċifikata mill-Kunsill, qabel ma joħorġu l-*bonds* u t-titoli;

b) li jistieden lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment biex jerġa' jikkunsidra l-politika ta' self tiegħu lill-Istat Membru konċernat;

ċ) li jeħtieġ lill-Istat Membru konċernat biex jagħmel depożitu li ma jrendix imgħax ta' ammont xieraq ma' l-Unjoni sakemm il-Kunsill jikkunsidra li d-*deficit* eċċessiv ġie korrett;

d) li jimponi multi ta' ammont xieraq.

Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bil-miżuri adottati.

11. Il-Kunsill għandu jħassar xi uħud mill-miżuri jew il-miżuri kollha previsti fil-paragrafu 6 u fil-paragrafi 8 sa 10 jekk jikkunsidra li d-*deficit* eċċessiv fl-Istat Membru konċernat ikun ġie korrett. Jekk il-Kunsill ikun, qabel, għamel rakkomandazzjonijiet pubbliċi, għandu jiddikjara pubblikament, malli d-deċiżjoni Ewropea prevista fil-paragrafu 8 tkun ġiet irrevokata, li ma jeżistix iktar *deficit* eċċessiv fl-Istat Membru konċernat.

12. Id-drittijiet biex isiru r-rikorsi previsti fl-Artikoli III-360 u III-361 ma jistgħux jiġu eżerċitati fil-kwadru tal-paragrafi 1 sa 6, 8 u 9.

13. Disposizzjonijiet oħra dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura prevista f'dan l-Artikolu huma stabbiliti fil-Protokoll dwar il-proċedura għad-*deficit* eċċessiv.

Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-miżuri xierqa biex jissostitwixxu l-imsemmi Protokoll. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Bank Ċentrali Ewropew.

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu regoli u definizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-imsemmi Protokoll. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

SEZZJONI 2

POLITIKA MONETARJA

ARTIKOLU III-185

1. L-għan prinċipali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali hu li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Bla preġudizzju għal dan il-għan, is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha ssostni l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni biex tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha kif stipulati fl-Artikolu I-3. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tagixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u skond il-prinċipji previsti fl-Artikolu III-177.

2. Il-kompiti fundamentali li għandhom jitwettqu fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandhom ikunu:

a) li tiġi definita u implimentata l-politika monetarja ta' l-Unjoni;

b) li jiġu mwettqa operazzjonijiet ta' kambju konsistenti ma' l-Artikolu III-326;

ċ) li jinżammu u jiġu amministrati r-riżervi barranin uffiċjali ta' l-Istati Membri;

d) li tiġi promossa l-operazzjoni bla xkiel tas-sistemi ta' pagament.

3. Il-paragrafu 2(ċ) għandu jkun bla preġudizzju għaż-żamma u l-amministrazzjoni ta' bilanċi operattivi ta' kambju mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkonsultat:

a) dwar kull att propost ta' l-Unjoni fl-oqsma ta' setgħat tiegħu;

b) minn awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' kull abbozz ta' disposizzjoni leġislattiva fl-oqsma ta' setgħat tiegħu, imma fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-187(4).

Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jissottometti opinjonijiet lill-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni jew lil awtoritajiet nazzjonali dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta' setgħat tiegħu.

5. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tikkontribwixxi għall-kondotta bla xkiel ta' politika mwettqa minn awtoritajiet kompetenti li għandhom x'jaqsmu mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

6. Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi li jikkonċernaw politika dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra bl-eċċezzjoni ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Bank Ċentrali Ewropew.

## ARTIKOLU III-186

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus euro fl-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu dawn il-karti. Il-karti tal-flus maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali biss għandhom valuta legali fl-Unjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti euro suġġett għall-approvazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew tal-volum tal-ħruġ.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti Ewropej li jistabbilixxu miżuri għall-armonizzazzjoni tad-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti kollha maħsuba għal ċirkolazzjoni sal-limitu meħtieġ biex tkun permessa ċ-ċirkolazzjoni bla xkiel fl-Unjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew.

ARTIKOLU III-187

1. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun regolata mill-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew, li għandhom ikunu l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv.

2. L-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali huwa stabbilit fil-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew.

3. L-Artikolu 5(1), (2) u (3), l-Artikoli 17 u 18, l-Artikolu 19(1), l-Artikoli 22, 23, 24 u 26, l-Artikolu 32(2), (3), (4) u (6), l-Artikolu 33(1)(a) u l-Artikolu 36 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew jistgħu jiġu emendati b'liġi Ewropea:

a) kemm fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;

b) kif ukoll fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

4. Il-Kunsill għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri previsti fl-Artikolu 4, l-Artikolu 5(4), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 20, l-Artikolu 28(1), l-Artikolu 29(2), l-Artikolu 30(4), u l-Artikolu 34(3) ta' l-Istatut tas-Sistema ta' Banek Ċentrali Ewropej u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

a) jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;

b) jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

ARTIKOLU III-188

Meta jeżerċitaw il-poteri u jwettqu l-kompiti u d-dmirijiet mogħtija lilhom mill-Kostituzzjoni u mill-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, la l-Bank Ċentrali Ewropew, la bank ċentrali nazzjonali, u lanqas kwalunkwe membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom m'għandhom ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, minn kwalunkwe gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor. L-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw dan il-prinċipju u li ma jfittxux li jinfluwenzaw membri tal-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

ARTIKOLU III-189

Kull Stat Membru għandu jassigura li l-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tiegħu, tkun kompatibbli mal-Kostituzzjoni u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

ARTIKOLU III-190

1. Sabiex iwettaq il-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu, skond il-Kostituzzjoni u taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, jadotta:

a) regolamenti Ewropej sa fejn meħtieġ biex jiġu implimentati l-kompiti definiti fl-Artikolu 3(1)(a), l-Artikolu 19(1), l-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u f'każijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej kif previst fl-Artikolu III-187(4);

b) deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali taħt il-Kostituzzjoni u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew;

ċ) rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjonijiet Ewropej, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tiegħu.

3. Il-Kunsill għandu, taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-187(4), jadotta r-regolamenti Ewropej li jistabbilixxu l-limiti u l-kondizzjonijiet li taħthom il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun intitolat li jimponi ammendi jew penali għal dewmien fuq impriżi għal nuqqas ta' ħarsien ta' l-obbligi taħt ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej tiegħu.

## ARTIKOLU III-191

Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala l-munita unika. Din il-liġi jew liġi kwadru għandha tkun adottata wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.

## SEZZJONI 3

## DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

## ARTIKOLU III-192

1. Sabiex tiġi promossa l-kordinazzjoni tal-politika ta' Stati Membri sa fejn hu meħtieġ għall-funzjonament tas-suq intern, Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju huwa hawn stabbilit.

2. Il-Kumitat għandu d-dmirijiet li ġejjin:

a) li jagħti opinjonijiet fuq talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, jew fuq l-inizjattiva tiegħu, lil dawk l-istituzzjonijiet;

b) li jżomm taħt reviżjoni s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni u li jirrapporta dwarha regolarment lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' relazzjonijiet finanzjarji ma' pajjiżi terzi u istituzzjonijiet internazzjonali;

ċ) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, li jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu III-159, l-Artikolu III-179(2), (3), (4) u (6), l-Artikoli III-180, III-183 u III-184, l-Artikolu III-185(6), l-Artikolu III-186(2), l-Artikolu III-187(3) u (4), l-Artikoli III-191 u III-196, l-Artikolu III-198(2) u (3), l-Artikolu III-201, l-Artikolu III-202(2) u (3) u l-Artikoli III-322 u III-326, u li jwettaq kompiti oħra konsultattivi u preparatorji mogħtija lilu mill-Kunsill;

d) li jeżamina, ta' l-anqas darba fis-sena, s-sitwazzjoni dwar il-moviment ta' kapital u l-libertà ta' pagamenti, kif jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni u l-atti ta' l-Unjoni; l-eżami għandu jkopri l-miżuri kollha dwar movimenti ta' kapital u pagamenti; il-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar ir-riżultat ta' dan l-eżami.

L-Istati Membri, l-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom, kull wieħed u waħda minnhom, jaħtru mhux iktar minn żewġ membri tal-Kumitat.

3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati dwar il-komposizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-Kumitat. Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni adottata.

4. Minbarra d-dmirijiet previsti fil-paragrafu 2, jekk u sakemm hemm Stati Membri b'deroga kif previst fl-Artikolu III-197, il-Kumitat għandu jżomm taħt reviżjoni s-sitwazzjoni monetarja u finanzjarja u s-sistema ta' pagamenti ġenerali ta' dawk l-Istati Membri u jirrapporta regolarment lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni.

ARTIKOLU III-193

Għall-kwistjonijiet fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu III-179(4), l-Artikolu III-184 bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 13, l-Artikoli III-191 u III-196, l-Artikolu III-198(3) u l-Artikolu III-326, il-Kunsill jew Stat Membru jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħmel rakkomandazzjoni jew proposta, skond il-każ. Il-Kummissjoni għandha teżamina din it-talba u tissottometti l-konklużjonijiet tagħha lill-Kunsill mingħajr dewmien.

SEZZJONI 4

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISTATI MEMBRI LI L-MUNITA TAGĦHOM HIJA L-EURO

ARTIKOLU III-194

1. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, u skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill għandu, skond il-proċedura rilevanti minn fost dawk previsti fl-Artikoli III-179 u III-184, bl-eċċezzjoni tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 184(13), jadotta miżuri speċifiċi għal dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro:

a) biex tissaħħaħ il-kordinazzjoni u s-sorveljanza tad-dixxiplina tal-*budget* tagħhom;

b) biex jiġu stabbiliti linji gwida ta' politika ekonomika għalihom, waqt li jkun assigurat li huma kompatibbli ma' dawk adottati għall-Unjoni kollha u jinżammu taħt sorveljanza.

2. Għal dawk il-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1, għandhom jieħdu sehem fil-vot biss membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% ta' dawn il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

ARTIKOLU III-195

Arranġamenti għal laqgħat bejn ministri ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu stabbiliti mill-Protokoll dwar il-Grupp tal-euro.

ARTIKOLU III-196

1. Sabiex jiġi assigurat il-post tal-euro fis-sistema monetarja internazzjonali, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi posizzjonijiet komuni dwar materji ta' interess partikolari għall-unjoni ekonomika u monetarja fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali kompetenti. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta miżuri xierqa sabiex jassigura rappreżentazzjoni unifikata fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2, għandhom jieħdu sehem fil-vot biss membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% ta' dawn il-Membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet

SEZZJONI 5

DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI

ARTIKOLU III-197

1. Stati Membri li dwarhom il-Kunsill ikun iddeċieda li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro għandhom minn issa 'l quddiem jiġu magħrufa bħala "Stati Membri b'deroga".

2. Id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li ġejjin m'għandhomx japplikaw għal Stati Membri b'deroga:

a) l-adozzjoni tal-partijiet tal-linji gwida ġenerali ta' politika ekonomika li jikkonċernaw iż-żona tal-euro in ġenerali (Artikolu III-179(2));

b) mezzi vinkolanti ta' rimedju għal *deficit* eċċessivi (Artikolu III-184(9) u (10));

ċ) l-għanijiet u l-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (Artikolu III-185(1), (2), (3) u (5));

d) l-emissjoni tal-euro (Artikolu III-186);

e) l-atti tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu III-190);

f) il-miżuri li jirregolaw l-użu tal-euro (Artikolu III-191);

g) il-ftehim monetarju u miżuri oħra dwar il-politika tar-rata tal-kambju (Artikolu III-326);

h) il-ħatra ta' membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu III-382(2));

i) deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu posizzjonijiet komuni dwar kwistjonijiet ta' interess partikolari għall-unjoni ekonomika u monetarja fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali kompetenti (Artikolu III-196(1));

j) miżuri li jiżguraw rappreżentanza unifikata fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali (Artikolu III-196(2)).

Fl-Artikoli previsti fil-punti (a) sa (j), "Stati Membri" għandha għalhekk tfisser Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

3. Taħt il-Kapitolu IX ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, Stati Membri b'deroga u l-banek ċentrali nazzjonali tagħhom huma esklużi mid-drittijiet u l-obbligi fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

4. Id-drittijiet tal-vot ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri b'deroga għandhom jiġu sospiżi għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri previsti fl-Artikoli elenkati fil-paragrafu 2, u fil-każijiet li ġejjin:

a) rakkomandazzjonijiet magħmulin lil dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fil-qafas ta' sorveljanza multilaterali, inklużi dwar il-programmi ta' stabbiltà u twissijiet (Artikolu III-179(4));

b) miżuri dwar *deficit* eċċessiv li jikkonċernaw lil dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (Artikolu III-184(6), (7), (8) u (11)).

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri l-oħra tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

ARTIKOLU III-198

1. Mill-inqas darba kull sentejn, jew fuq it-talba ta' Stat Membru b'deroga, l-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jirrapportaw lill-Kunsill dwar il-progress magħmul mill-Istati Membri b'deroga fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom dwar il-kisba ta' l-unjoni ekonomika u monetarja. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu eżami tal-kompatibilità bejn il-leġislazzjoni nazzjonali ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tiegħu, u l-Artikoli III-188 u III-189 u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Ir-rapporti għandhom ukoll jeżaminaw jekk ikunx intlaħaq grad għoli ta' konverġenza sostenibbli, billi janalizzaw sa fejn kull wieħed minn dawn l-Istati Membri jkun issodisfa l-kriterji li ġejjin:

a) li jintlaħaq livell għoli ta' stabbiltà fil-prezzijiet; dan jirriżulta minn rata ta' inflazzjoni li tixbaħ lil dik tat-tliet Stati Membri li jkunu qed imorru l-aħjar f'dik li hija l-istabbiltà fil-prezzijiet;

b) posizzjoni finanzjarja sostenibbli tal-Gvern; dan jirriżulta meta tkun inkisbet posizzjoni tal-*budget* mingħajr *deficit* eċċessiv kif stabbilit skond l-Artikolu III-184(6);

ċ) l-osservanza tal-marġini normali ta' varjazzjoni previsti mill-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju tas-sistema monetarja Ewropea, għal mill-inqas sentejn, mingħajr żvalutazzjoni kontra l-euro;

d) it-tul ta' żmien tal-konverġenza milħuqa mill-Istat Membru b'deroga u tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju, riflessi fil-livelli ta' rata ta' imgħax fuq terminu twil.

L-erba' kriterji previsti f'dan il-paragrafu u l-perijodi rilevanti li tulhom għandhom jiġu rispettati huma żviluppati aktar fil-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza. Ir-rapporti mill-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ukoll jieħdu in kunsiderazzjoni r-riżultati ta' l-integrazzjoni tas-swieq, tas-sitwazzjoni u l-iżvilupp tal-bilanċi tal-pagamenti fuq il-kont kurrenti u ta' eżami ta' l-iżvilupp ta' spejjeż unitarji tax-xogħol u ta' indiċi oħrajn tal-prezzijiet.

2. Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u wara diskussjoni fil-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi liema Stati Membri b'deroga jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa fuq bażi tal-kriterji previsti fil-paragrafu 1 u għandu jtemm id-derogi ta' l-Istati Membri konċernati.

Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jirċievi rakkomandazzjoni minn maġġoranza kwalifikata ta' dawk fost il-membri tiegħu li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Dawn il-membri għandhom jaġixxu fi żmien sitt xhur minn meta l-Kunsill jirċievi l-proposta tal-Kummissjoni.

Il-maġġoranza kwalifikata prevista fit-tieni subparagrafu għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti. Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

3. Jekk jiġi deċiż, skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2, li tiġi mitmuma deroga, l-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta r-regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li irrevokabbilment jiffissaw ir-rata li biha l-euro għandu jiġi sostitwit għall-munita ta' l-Istat Membru konċernat, u li jistabbilixxu miżuri oħra meħtieġa għall-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita unika f'dak l-Istat Membru. Il-Kunsill għandu jaġixxi bil-ftehim unanimu tal-membri li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-Istat Membru konċernat, wara li jikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew.

ARTIKOLU III-199

1. Jekk u sakemm ikun hemm Stati Membri b'deroga, u bla preġudizzju għall-Artikolu III-187(1), il-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew previst fl-Artikolu 45 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkostitwit bħala t-tielet korp deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Jekk u sakemm ikun hemm Stati Membri b'deroga, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri:

a) isaħħaħ il-koperazzjoni bejn il-banek ċentrali nazzjonali;

b) isaħħaħ il-kordinazzjoni tal-politika monetarja ta' l-Istati Membri, bl-iskop li tiġi assigurata stabbilità fil-prezzijiet;

ċ) jikkontrolla l-funzjonament tal-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju;

d) ikollu konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-banek ċentrali nazzjonali u li jolqtu l-istabbiltà ta' istituzzjonijiet u swieq finanzjarji;

e) iwettaq il-kompiti li kellu qabel il-Fond Ewropew ta' Koperazzjoni Monetarja illi wara kienu ttieħdu mill-Istitut Monetarju Ewropew.

ARTIKOLU III-200

Kull Stat Membru b'deroga għandu jittratta l-politika tar-rata tal-kambju tiegħu bħala kwistjoni ta' interess komuni. Waqt li jagħmel hekk, għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba b'riżultat tal-koperazzjoni fil-qafas tal-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju.

ARTIKOLU III-201

1. Meta Stat Membru b'deroga jkollu diffikultajiet jew ikun mhedded b'mod serju b'diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tiegħu jew bħala riżultat ta' skwilibriju ġenerali fil-bilanċ tal-pagamenti tiegħu, jew bħala riżultat tat-tip ta' muniti għad-disposizzjoni tiegħu, u meta dawn id-diffikultajiet b'mod partikolari x'aktarx jipperikolaw il-funzjonament tas-suq intern jew l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, l-Kummissjoni għandha immedjatament tinvestiga l-posizzjoni ta' l-Istat in kwistjoni u l-azzjoni li, bl-użu tal-mezzi kollha għad-disposizzjoni tiegħu, dak l-Istat ikun ħa jew jista' jieħu skond il-Kostituzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara liema miżuri tirrakkomanda li l-Istat Membru konċernat għandu jadotta.

Jekk l-azzjoni meħuda minn Stat Membru b'deroga u l-miżuri suġġeriti mill-Kummissjoni ma jkunux biżżejjed biex jegħlbu d-diffikultajiet li jkunu nħolqu jew li jistgħu jinħolqu, l-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tirrakkomanda lill-Kunsill l-għoti ta' għajnuna reċiproka u metodi xierqa.

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Kunsill regolarment infurmat bis-sitwazzjoni u b'kif din tevolvi.

2. Il-Kunsill għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jagħtu din l-għajnuna reċiproka u jiffissaw il-kondizzjonijiet u d-dettalji tagħha. L-għajnuna reċiproka tista' tieħu l-forma ta':

a) azzjoni konċertata fi kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra li għaliha l-Istati Membri b'deroga ikollhom id-dritt li jirrikorru;

b) miżuri meħtieġa sabiex tiġi evitata devjazzjoni tal-kummerċ meta l-Istat Membru b'deroga, li jkun f'diffikultajiet, iżomm jew jerġa' jdaħħal restrizzjonijiet kwantitattivi kontra pajjiżi terzi;

ċ) l-għoti ta' krediti limitati minn Stati Membri oħra, soġġett għall-kunsens tagħhom.

3. Jekk l-għajnuna reċiproka rakkomandata mill-Kummissjoni ma tingħatax mill-Kunsill jew jekk l-għajnuna reċiproka mogħtija u l-miżuri meħuda mhumiex biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tawtorizza l-Istat Membru b'deroga, li hu f'diffikultajiet, biex jieħu miżuri protettivi, li l-kondizzjonijiet u d-dettalji tagħhom għandha tiddeterminahom il-Kummissjoni.

Din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata u dawn il-kondizzjonijiet u d-dettalji jistgħu jinbidlu mill-Kunsill.

ARTIKOLU III-202

1. Meta titfaċċa kriżi f'daqqa fil-bilanċ tal-pagamenti u jekk ma tiġix immedjatament adottata deċiżjoni Ewropea prevista fl-Artikolu III-201(2), Stat Membru b'deroga jista', bħala prekawzjoni, jieħu l-miżuri ta' salvagwardja meħtieġa. Dawn il-miżuri għandhom jikkawżaw l-inqas disturb possibbli lill-funzjonament tas-suq intern u m'għandhomx ikunu iktar wiesa' fil-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom milli hu strettament meħtieġ biex jiġu rimedjati d-diffikultajiet li jkunu nħolqu f'daqqa.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu nformati b'dawn il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-paragrafu 1 sa mhux iktar tard minn meta jibdew iseħħu. Il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda lill-Kunsill l-għoti ta' għajnuna reċiproka taħt l-Artikolu III-201.

3. Il-Kunsill, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li l-Istat Membru konċernat għandu jemenda, jissospendi jew jabolixxi l-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-paragrafu 1.

# KAPITOLU III

# POLITIKA F'OQSMA OĦRA

## SEZZJONI 1

## IMPJIEG

### ARTIKOLU III-203

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, skond din is-Sezzjoni, jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' strateġija kordinata għall-qasam ta' l-impjiegi u partikolarment għall-promozzjoni ta' forza tax-xogħol li tkun speċjalizzata, mħarrġa u adattabbli u ta' swieq tax-xogħol kapaċi jirrispondu għal bidliet ekonomiċi bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet definiti fl-Artikolu I-3.

### ARTIKOLU III-204

1. L-Istati Membri, permezz tal-politika tagħhom dwar l-impjiegi, għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri previsti fl-Artikolu III-203 b'mod konsistenti mal-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni adottati skond l-Artikolu III-179(2).

2. L-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-prattiċi nazzjonali marbuta mar-responsabbiltajiet tas-sħab soċjali, għandhom iqisu l-promozzjoni ta' l-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom f'dan ir-rigward fil-Kunsill, skond l-Artikolu III-206.

## ARTIKOLU III-205

1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' impjiegi billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn Stati Membri u billi tappoġġa u, jekk meħtieġ, tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom. B'hekk il-kompetenzi ta'l-Istati Membri għandhom jiġu rispettati.

2. L-għan ta' livell għoli ta' impjieg għandu jiġi kkunsidrat fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet ta' l-Unjoni.

## ARTIKOLU III-206

1. Kull sena l-Kunsill Ewropew għandu jikkunsidra s-sitwazzjoni ta' l-impjiegi fl-Unjoni u jadotta konklużjonijiet dwarha, fuq bażi ta' rapport annwali konġunt magħmul mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

2. Fuq bażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, kull sena l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta linji gwida li l-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni fil-politika tagħhom dwar l-impjiegi. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat ta' l-Impjiegi.

Dawn il-linji gwida għandhom ikunu koerenti mal-linji gwida ġenerali adottati skond l-Artikolu III-179(2).

3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapport annwali dwar il-miżuri prinċipali meħuda għall-implimentazzjoni tal-politika tiegħu dwar l-impjiegi fid-dawl tal-linji gwida għall-impjiegi kif previsti fil-paragrafu 2.

4. Kull sena l-Kunsill, fuq bażi tar-rapporti previsti fil-paragrafu 3 u wara li jkun irċieva l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' l-Impjiegi, għandu jagħmel eżami ta' l-implimentazzjoni tal-politika dwar l-impjiegi ta' l-Istati Membri fid-dawl tal-linji gwida għall-impjiegi. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jadotta rakkomandazzjonijiet li għandu jindirizza lill-Istati Membri.

5. Fuq bażi tar-riżultati ta' dak l-eżami, l-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu rapport annwali konġunt lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-impjiegi.

## ARTIKOLU III-207

Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u biex isostnu l-azzjoni tagħhom fil-qasam ta' l-impjiegi permezz ta' inizjattivi maħsuba biex jiżviluppaw skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattika, biex jipprovdu analiżi komparattiva u konsultazzjoni kif ukoll biex jippromwovu approċċi innovattivi u biex jivvalutaw esperjenzi, b'mod partikolari bl-użu ta' proġetti pilota. Għandha tiġu adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea ma ġġibx magħha l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU III-208

Il-Kunsill għandu, b'maġġoranza sempliċi, jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi Kumitat ta' l-Impjiegi bi status konsultattiv sabiex jippromwovi kordinazzjoni bejn Stati Membri dwar politika ta' l-impjiegi u tas-suq tax-xogħol. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Ix-xogħol tal-Kumitat għandu jkun:

a) li jikkontrolla s-sitwazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u tal-politika dwar l-impjiegi fl-Unjoni u fl-Istati Membri;

b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, li jifformula opinjonijiet fuq it-talba jew tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, u li jikkontribwixxi għat-tħejjija tal-proċeduri tal-Kunsill previsti fl-Artikolu III-206.

Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, l-Kumitat għandu jikkonsulta mas-sħab soċjali.

Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru żewġ membri tal-Kumitat.

## SEZZJONI 2

## POLITIKA SOĊJALI

### ARTIKOLU III-209

L-Unjoni u l-Istati Membri, konxji mid-drittijiet soċjali fundamentali kif stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u fil-Karta Komunitarja ta' l-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, għandhom bħala l-għanijiet tagħhom il-promozzjoni ta' l-impjiegi, t-titjib tal-kondizzjonijiet ta' l-għixien u tax-xogħol, sabiex dawn jiġu ugwali filwaqt li jinżamm it-titjib tagħhom, il-protezzjoni soċjali xierqa, d-djalogu bejn is-sħab soċjali, l-iżvilupp ta' riżorsi umani li jġib miegħu livell għoli u dejjiemi ta' impjieg u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.

Għal dan l-iskop l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jaġixxu waqt li jieħdu in kunsiderazzjoni d-diversità ta' prattiċi nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam ta' relazzjonijiet kontrattwali, u tal-bżonn li tinżamm il-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni.

Huma jemmnu li dan l-iżvilupp ma jirriżultax biss mill-funzjonament tas-suq intern, li jiffavorixxi l-armonizzazzjoni ta' sistemi soċjali, imma wkoll mill-proċeduri previsti fil-Kostituzzjoni u mill-approssimazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva ta' l-Istati Membri.

ARTIKOLU III-210

1. Bl-iskop li jintlaħqu l-miri ta' l-Artikolu III-209, l-Unjoni għandha ssostni u tikkumplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri fl-oqsma li ġejjin:

a) it-titjib b'mod partikolari ta' l-ambjent tax-xogħol biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol;

ċ) is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema;

d) il-protezzjoni tal-ħaddiema meta l-kuntratt ta' l-impjieg tagħhom jiġi terminat;

e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;

f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva ta' l-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, inkluża l-ko-determinazzjoni, bla ħsara għall-paragrafu 6;

g) il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' l-Unjoni;

h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-283;

i) l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward ta' opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol;

j) il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;

k) il-modernizzazzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali mingħajr preġudizzju għall-punt (ċ).

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1:

a) liġi jew ligi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri maħsuba biex jinkoraġgixxu koperazzjoni bejn Stati Membri permezz ta' inizjattivi maħsuba għat-titjib tat-tagħrif, l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattika, l-promozzjoni ta' approċċi innovattivi u l-valutazzjoni ta' esperjenzi, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri;

b) fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1(a) sa (i), liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi l-ħtigijiet minimi għall-implimentazzjoni gradwali, billi jitqiesu l-kondizzjonijiet u r-regoli tekniċi preżenti f'kull wieħed mill-Istati Membri. Din il-liġi kwadru Ewropea għandha tevita li timponi kostrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju.

Fil-każijiet kollha, l-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1(ċ), (d), (f) u (g), liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tiġi adottata mill-Kunsill b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħmel il-proċedura ordinarja leġislattiva applikabbli għall-paragrafu 1(d), (f) u (g). Għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

4. Stat Membru jista' jafda f'idejn is-sħab soċjali, fuq talba konġunta tagħhom, l-implimentazzjoni tal-liġijiet kwadru Ewropej adottati skond il-paragrafi 2 u 3 jew, fejn xieraq, l-implimentazzjoni ta' regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej adottati skond l-Artikolu III-212.

F'dan il-każ, għandu jassigura li, sa mhux iktar tard mid-data li fiha liġi kwadru Ewropea għandha tiġi trasposta, jew li fiha regolament Ewropew jew deċiżjoni Ewropea għandhom jiġu implimentati, s-sħab soċjali jkunu daħħlu d-disposizzjonijiet meħtieġa bi ftehim, u l-Istat Membru konċernat ikun meħtieġ jieħu kull pass meħtieġ li jippermettilu li jkun, fi kwalunkwe żmien, f'posizzjoni li jiggarantixxi r-riżultati imposti b'dik il-liġi kwadru jew b'dak ir-regolament jew b'dik id-deċiżjoni.

5. Il-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej adottati skond dan l-Artikolu:

a) m'għandhomx jolqtu d-dritt ta' l-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u m'għandhomx jolqtu b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju ta' dawn is-sistemi;

b) m'għandhomx irażżnu lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal miżuri protettivi iktar stretti u kompatibbli mal-Kostituzzjoni.

6. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għar-remunerazzjoni, għad-dritt ta' assoċjazzjoni, għad-dritt ta' *strike* jew għad-dritt għal *lock-out*.

ARTIKOLU III-211

1. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-konsultazzjoni mas-sħab soċjali fuq il-livell ta' l-Unjoni u għandha tadotta kull miżura rilevanti biex tiffaċilita d-djalogu tagħhom billi tassigura sostenn ekwilibrat tal-partijiet.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, qabel ma tissottometti proposti fil-qasam tal-politika soċjali, l-Kummissjoni għandha tikkonsulta mas-sħab soċjali dwar id-direzzjoni possibbli ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni.

3. Jekk, wara l-konsultazzjoni prevista fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija mixtieqa azzjoni mill-Unjoni, għandha tikkonsulta mas-sħab soċjali dwar il-kontenut tal-proposta maħsuba. Is-sħab soċjali għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni opinjoni jew, meta jkun il-każ, rakkomandazzjoni.

4. Meta jsiru l-konsultazzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3, is-sħab soċjali jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jibdew il-proċess previst fl-Artikolu III-212. It-tul taż-żmien ta' dan il-proċess m'għandux jaqbeż id-disa' xhur, sakemm is-sħab soċjali konċernati u l-Kummissjoni ma jiddeċiedux flimkien li jtawwluh.

ARTIKOLU III-212

1. Jekk is-sħab soċjali jkunu jixtiequ, d-djalogu bejniethom fuq livell ta' l-Unjoni jista' jwassal għal relazzjonijiet kontrattwali, inklużi ftehim.

2. Ftehim konkluż fuq livell ta' l-Unjoni għandu jiġi implimentat jew skond il-proċeduri u l-prattiċi speċifiċi għas-sħab soċjali u l-Istati Membri jew, fi kwistjonijiet koperti bl-Artikolu III-210, fuq it-talba konġunta tal-partijiet firmatarji, b'regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat.

Meta l-ftehim in kwistjoni jkun fih disposizzjoni waħda jew iktar li għandhom x'jaqsmu ma' wieħed mill-oqsma li għalihom hi meħtieġa unanimità skond l-Artikolu III-210(3), il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu.

ARTIKOLU III-213

Bl-iskop li jintlaħqu l-miri ta' l-Artikolu III-209 u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, l-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u tiffaċilita l-kordinazzjoni ta' l-azzjoni tagħhom fl-oqsma kollha ta' politika soċjali taħt din is-Sezzjoni, partikolarment fi kwistjonijiet dwar:

a) l-impjiegi;

b) il-liġi tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol;

ċ) il-formazzjoni u l-perfezzjonament professjonali;

d) is-sigurtà soċjali;

e) il-prevenzjoni ta' inċidenti u mard assoċjati max-xogħol;

f) l-indafa fuq il-post tax-xogħol;

g) id-dritt ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv bejn min iħaddem u l-ħaddiema.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kuntatt mill-qrib ma' l-Istati Membri billi tagħmel studji, tagħti opinjonijiet, u torganizza konsultazzjonijiet kemm f'dak li jirrigwarda l-problemi li jinħolqu fuq livell nazzjonali u kemm dawk li jikkonċernaw organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' skambju ta' l-aħjar prattika, u t-tħejjija ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

Qabel ma tagħti l-opinjonijiet previsti f'dan l-Artikolu, l-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

ARTIKOLU III-214

1. Kull Stat Membru għandu jassigura li jkun applikat il-prinċipju ta' paga ugwali għal ħaddiema nisa u irġiel għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "paga" tfisser il-paga jew is-salarju ordinarju bażiku jew minimu u kull remunerazzjoni oħra, kemm jekk fi flus jew in natura, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, fir-rigward ta' l-impjieg tiegħu, mingħand min jimpjegah.

Paga ugwali mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess tfisser:

a) li dik il-paga għall-istess xogħol bl-imqietgħa għandha tiġi kkalkolata fuq bażi ta' l-istess unità ta' kejl;

b) li l-paga għal xogħol imħallas bis-siegħa għandha tkun l-istess għall-istess impjieg.

3. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri sabiex jassiguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, inkluż il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

4. Bl-għan li tiġi assigurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn nisa u irġiel fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament ugwali m'għandux jipprevjeni lil xi Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew jadotta miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi sabiex tkun iktar faċli għas-sess l-inqas rappreżentat li jwettaq attività professjonali, jew li jipprevjeni jew li jikkumpensa għal żvantaġġi f'karrieri professjonali.

ARTIKOLU III-215

Stati Membri għandhom jippruvaw iżommu fis-seħħ l-ekwivalenza eżistenti bejn skemi ta' btajjel imħallsa.

ARTIKOLU III-216

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport kull sena dwar il-progress fil-kisba tal-miri ta' l-Artikolu III-209, inkluża s-sitwazzjoni demografika fl-Unjoni. Għandha tgħaddi r-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

ARTIKOLU III-217

Il-Kunsill għandu, b'maġġoranza sempliċi, jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi Kumitat ta' Protezzjoni Soċjali bi status konsultattiv biex jippromwovi koperazzjoni dwar politika ta' protezzjoni soċjali bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

Ix-xogħol tal-Kumitat għandu jkun:

a) li jikkontrolla s-sitwazzjoni fil-qasam soċjali u ta' l-iżvilupp ta' politika ta' protezzjoni soċjali fl-Istati Membri u fl-Unjoni;

b) li jippromwovi skambju ta' informazzjoni, esperjenzi u prattika tajba bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni;

ċ) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, li jipprepara rapporti, jifformula opinjonijiet jew jagħmel xogħol ieħor fl-oqsma ta' setgħat tiegħu, fuq it-talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, l-Kumitat għandu jistabbilixxi kuntatti xierqa mas-sħab soċjali.

Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru żewġ membri tal-Kumitat.

ARTIKOLU III-218

Il-Kummissjoni għandha tinkludi kapitolu separat dwar żviluppi soċjali fl-Unjoni fir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rapporti dwar xi problemi partikolari li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet soċjali.

ARTIKOLU III-219

1. Sabiex jittejbu l-opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema fis-suq intern u sabiex b'hekk ikun hemm kontribut biex jogħla l-livell ta' l-għixien, qiegħed għalhekk jiġi hawn stabbilit Fond Soċjali Ewropew; huwa għandu l-għan li jħaffef l-impjieg tal-ħaddiema u li jżid il-mobbiltà ġeografika u professjonali tagħhom fi ħdan il-Komunità, u li jiffaċilita l-adattament tagħhom għal tibdiliet industrijali u tibdiliet fis-sistemi ta' produzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid.

2. Il-Kummissjoni għandha tamministra l-Fond. Għandha tkun mgħejjuna f'dan il-kompitu minn Kumitat presedut minn Membru tal-Kummissjoni u kompost minn rappreżentanti ta' Stati Membri, ta' organizzazzjonijiet sindakali u ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.

3. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-Fond. Din għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## SEZZJONI 3

## KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

### ARTIKOLU III-220

Sabiex tippromwovi l-iżvilupp ġenerali armonjuż tagħha, l-Unjoni għandha tiżviluppa u twettaq l-azzjoni tagħha li twassal għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha.

B'mod partikolari, l-Unjoni għandha timmira biex tnaqqas id-differenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u n-nuqqas ta' progress tar-reġjuni l-inqas vantaġġati.

Fost ir-reġjuni konċernati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, lil żoni milquta minn transizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal per eżempju reġjuni estremi tat-tramuntana b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni ta' gżejjer, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi.

### ARTIKOLU III-221

L-Istati Membri għandhom imexxu l-politika ekonomika tagħhom u jikkordinawha b'tali mod li jintlaħqu wkoll l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-220. It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjoni ta' l-Unjoni u l-implimentazzjoni tas-suq intern għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni dawk l-għanijiet u għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq tagħhom. L-Unjoni għandha wkoll tappoġġa t-twettiq ta' dawn l-għanijiet, bl-azzjoni li tieħu permezz tal-Fondi Strutturali (il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, Sezzjoni ta' Gwida; il-Fond Soċjali Ewropew; il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali), il-Bank ta' l-Investiment Ewropew u tal-bqija ta' l-istrumenti finanzjarji eżistenti.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kull tliet snin dwar il-progress magħmul biex tintlaħaq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u dwar il-mod li bih il-mezzi varji previsti f'dan l-Artikolu ikkontribwew għaliha. Dan ir-rapport għandu, jekk hemm bżonn, ikollu miegħu proposti xierqa.

Kwalunkwe miżura speċifika barra mill-Fondi tista' tiġi stabbilita permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea, mingħajr preġudizzju għal miżuri adottati fil-qafas tal-politika l-oħra ta' l-Unjoni. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

ARTIKOLU III-222

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali huwa maħsub biex jgħin biex jittranġaw l-iżbilanċi ewlenija reġjonali fl-Unjoni permezz tal-parteċipazzjoni fl-iżvilupp u l-aġġustament strutturali ta' reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura u fil-konverżjoni ta' reġjuni industrijali li sejrin lura.

ARTIKOLU III-223

1. Bla preġudizzju għall-Artikolu III-224, il-liġi Ewropea għandha tiddefinixxi l-kompiti, l-għanijiet ewlenin u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali, li jistgħu jinvolvu r-raggruppament tal-Fondi, r-regoli ġenerali applikabbli għalihom kif ukoll id-disposizzjonjiet meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-effikaċja tagħhom u l-kordinazzjoni tal-Fondi bejn xulxin u ma' l-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti.

Fond ta' Koeżjoni stabbilit b'liġi Ewropea għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għal proġetti fl-oqsma ta' l-ambjent u tar-rettikolati trans-Ewropej fil-kamp ta' l-infrastruttura tat-trasport.

Fil-każijiet kollha, l-liġi Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. L-ewwel disposizzjonijiet dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni li jiġu adottati wara dawk li jkunu fis-seħħ fid-data meta t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jiġi ffirmat għandhom jiġu stabbiliti b'liġi Ewropea tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkollu l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU III-224

Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni li jirrelataw għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Fejn għandu x'jaqsam il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, Sezzjoni ta' Gwida, u l-Fond Soċjali Ewropew, għandhom japplikaw rispettivament l-Artikoli III-231 u III-219(3).

## SEZZJONI 4

## AGRIKOLTURA U SAJD

### ARTIKOLU III-225

L-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika komuni għall-agrikoltura u s-sajd.

"Prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti tal-ħamrija, tat-trobbija ta' l-annimali u tas-sajd u prodotti ta' pproċessar ta' l-ewwel stadju direttament relatati ma' dawn il-prodotti. Referenzi għall-politika agrikola komuni jew għall-agrikoltura, u l-użu ta' l-espressjoni "agrikola", għandhom jinftehmu bħala li jirreferu wkoll għas-sajd, b'qies għall-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-settur.

### ARTIKOLU III-226

1. Is-suq intern għandu jestendi għall-agrikoltura u għall-kummerċ fi prodotti agrikoli.

2. Ħlief kif provdut xort'oħra fl-Artikoli III-227 sa III-232, ir-regoli dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern għandhom japplikaw għal prodotti agrikoli.

3. Il-prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikunu soġġetti għall-Artikoli III-227 sa III-232.

4. L-operazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern għal prodotti agrikoli għandhom jimxu flimkien ma' politika agrikola komuni.

ARTIKOLU III-227

1. L-għanijiet tal-politika agrikola komuni għandhom ikunu:

a) li tiżdied il-produttività agrikola billi jkun promoss il-progress tekniku u billi jiġi assigurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar użu tal-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari x-xogħol;

b) li hekk ikun assigurat livell ta' l-għixien ġust għall-komunità agrikola, b'mod partikolari billi jiżdied il-qligħ individwali ta' persuni li jaħdmu fl-agrikoltura;

ċ) li jiġu stabbilizzati s-swieq;

d) li tiġi assigurata d-disponibilità ta' provvisti;

e) li jiġi assigurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

2. Meta jinħadmu l-politika agrikola komuni u l-metodi speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

a) in-natura partikolari ta' l-attività agrikola, li tirriżulta mill-istruttura soċjali ta' l-agrikoltura u mid-disparitajiet strutturali u naturali bejn ir-reġjuni agrikoli differenti;

b) il-bżonn li l-aġġustamenti xierqa jsiru ftit ftit;

ċ) il-fatt li fl-Istati Membri l-agrikoltura tikkostitwixxi settur marbut mill-qrib ma' l-ekonomija in ġenerali.

ARTIKOLU III-228

1. Sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-227, għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli.

Din l-organizzazzjoni għandha tieħu waħda mill-forom li ġejjin, skond il-prodott konċernat:

a) regoli komuni dwar il-kompetizzjoni;

b) kordinazzjoni obbligatorja tal-varji organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq;

ċ) organizzazzjoni ta' suq Ewropew.

2. L-organizzazzjoni komuni stabbilita skond il-paragrafu 1 tista' tinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu III-227, b'mod partikolari ir-regolament tal-prezzijiet, l-għajnuniet għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti varji, l-ħażna u l-arranġamenti ta' riporti u l-makkinarju komuni għall-istabbilizzazzjoni ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

L-organizzazzjoni komuni għandha tkun limitata għat-twettiq ta' l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-227 u għandha teskludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi jew il-konsumaturi fl-Unjoni.

Kull politika komuni ta' prezz għandha tkun ibbażata fuq kriterji komuni u metodi uniformi ta' kalkolu.

3. Sabiex l-organizzazzjoni komuni prevista fil-paragrafu 1 tkun tista' tilħaq il-miri tagħha, jistgħu jiġu stabbiliti fond agrikolu wieħed jew iktar ta' gwida u garanzija.

ARTIKOLU III-229

Sabiex ikun possibbli li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu III-227 jintlaħqu, jista' jsir provvediment fil-kwadru tal-politika agrikola komuni partikolarment għal:

a) kordinament effettiv ta' l-isforzi fl-oqsma ta' formazzjoni professjonali, tar-riċerka u d-disseminazzjoni ta' tagħlim dwar l-agrikoltura; dan jista' jinvolvi finanzjar konġunt ta' proġetti jew istituzzjonijiet;

b) miżuri konġunti biex jippromwovu l-konsum ta' ċerti prodotti.

ARTIKOLU III-230

1. Is-Sezzjoni dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni għandha tapplika għall-produzzjoni ta' u l-kummerċ fi prodotti agrikoli biss sa fejn determinat mil-liġi jew mil-liġi kwadru Ewropea skond l-Artikolu III-231(2), b'qies għall-għanijiet previsti fl-Artikolu III-227.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolament Ewropew jew deċiżjoni Ewropea li jawtorizzaw l-għoti ta' għajnuna:

a) għall-protezzjoni ta' intrapriżi żvantaġġati minn kondizzjonijiet strutturali jew naturali;

b) fi kwadru ta' programmi ta' żvilupp ekonomiku.

ARTIKOLU III-231

1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti biex tinħadem u tiġi implimentata l-politika agrikola komuni, inkluża s-sostituzzjoni ta' organizzazzjonijiet nazzjonali b'waħda mill-forom ta' organizzazzjoni komuni prevista fl-Artikolu III-228(1), kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti f'din is-Sezzjoni.

Dawn il-proposti għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni l-interdipendenza tal-kwistjonijiet agrikoli previsti f'din is-Sezzjoni.

2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi l-organizzazzjoni komuni tas-suq prevista fl-Artikolu III-228(1) kif ukoll id-disposizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-insegwiment ta' l-għanijiet tal-politika agrikola komuni u l-politika tas-sajd komuni. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej dwar l-iffissar ta' prezzijiet, imposti, għajnuna u limitazzjonijiet kwantitattivi u dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

4. Skond il-paragrafu 2, l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq jistgħu jiġu sostitwiti mill-organizzazzjoni komuni prevista fl-Artikolu III-228(1) jekk:

a) l-organizzazzjoni komuni toffri salvagwardji ekwivalenti għall-impjieg u l-livell ta' l-għixien tal-produtturi konċernati lil Stati Membri li jopponu din il-miżura u li għandhom huma stess organizzazzjoni nazzjonali għall-produzzjoni in kwistjoni, b'kont meħud tar-ritmu ta' l-aġġustamenti li jkunu possibbli u l-ispeċjalizzazzjoni li tkun meħtieġa, u

b) din l-organizzazzjoni tassigura kondizzjonijiet għall-kummerċ fl-Unjoni bħal dawk li jeżistu f'suq nazzjonali.

5. Jekk organizzazzjoni komuni għal ċerta materja prima tiġi stabbilita qabel ma tkun teżisti l-organizzazzjoni komuni għall-prodotti pproċessati li jikkorrispondu għaliha, din il-materja prima li hija wżata għal prodotti pproċessati maħsuba għal esportazzjoni lejn pajjiżi terzi tista' tkun importata minn barra l-Unjoni.

## ARTIKOLU III-232

Meta fi Stat Membru prodott huwa soġġett għal organizzazzjoni nazzjonali tas-suq jew għal regoli interni li jkollhom effett ekwivalenti, li jolqtu l-posizzjoni kompetittiva ta' produzzjoni simili fi Stat Membru ieħor, piż kompensatorju għandu jiġi applikat mill-Istati Membri għall-importazzjoni ta' dan il-prodott li jiġi mill-Istat Membru fejn din l-organizzazzjoni jew dawn ir-regoli jeżistu, sakemm dak l-Istat ma japplikax piż kompensatorju għall-esportazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-ammont ta' dawn il-piżijiet safejn huwa meħtieġ biex jerġa' jintlaħaq il-bilanċ. Tista' wkoll tawtorizza miżuri oħra, li tagħhom għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet u d-dettalji.

SEZZJONI 5

AMBJENT

ARTIKOLU III-233

1. Politika ta' l-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-għanijiet li ġejjin:

a) il-preservazzjoni, l-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent;

b) il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

ċ) l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali;

d) il-promozzjoni ta' miżuri f'livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew mad-dinja kollha.

2. Il-politika ta' l-Unjoni dwar l-ambjent għandha timmira lejn livell għoli ta' protezzjoni meta titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni varji ta' l-Unjoni. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali għandha bħala prijorità tiġi rettifikata fis-sorsi tagħha u li min iniġġeż għandu jħallas.

F'dan il-kuntest, miżuri ta' armonizzazzjoni bi tweġiba għall-ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali għandhom jinkludu, skond il-każ, klawżola ta' salvagwardja li tippermetti lill-Istati Membri li jieħdu miżuri provviżorji, għal raġunijiet ambjentali mhux ekonomiċi, bla ħsara għal proċedura ta' spezzjoni mill-Unjoni.

3. Fil-preparazzjoni tal-politika tagħha dwar l-ambjent, l-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni:

a) *data* disponibbli xjentifika u teknika;

b) kondizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni varji ta' l-Unjoni;

ċ) il-benefiċċji potenzjali u l-ispiża ta' azzjoni jew tan-nuqqas ta' azzjoni;

d) l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Unjoni in ġenerali u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha.

4. Fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali. L-arranġamenti għall-koperazzjoni ta' l-Unjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi konċernati.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim internazzjonali.

ARTIKOLU III-234

1. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi x'azzjoni għandha tittieħed biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-223. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-172, il-Kunsill għandu b'mod unanimu jadotta liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej li jistabbilixxu:

a) disposizzjonijiet ta' natura primarjament fiskali;

b) miżuri li jolqtu:

i) l-ippjanar tal-bliet u tal-kampanja;

ii) l-immaniġġjar kwantitattiv tar-riżorsi ta' l-ilma, jew dak kollu li jolqot, direttament jew indirettament, id-disponibbiltà ta' dawk ir-riżorsi;

iii) l-użu ta' l-art, bl-eċċezzjoni ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart;

ċ) miżuri li jolqtu b'mod konsiderevoli l-għażla ta' Stat Membru bejn għejjun differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tiegħu ta' enerġija.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta, b'mod unanimu, deċiżjoni Ewropea li tirrendi l-proċedura ordinarja leġislattiva applikabbli għall-oqsma previsti fl-ewwel subparagrafu.

Fil-każijiet kollha, l-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

3. Liġi Ewropej għandha tistabbilixxi programmi ta' azzjoni ġenerali li jistabbilixxu għanijiet ta' prijorità li għandhom jintlaħqu. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi għandhom jiġu adottati skond il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 jew 2, skond il-każ.

4. Mingħajr preġudizzju għal ċerti miżuri adottati mill-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw u jimplimentaw il-politika ambjentali.

5. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li min iniġġeż għandu jħallas, jekk miżura bbażata fuq il-paragrafu 1 tinvolvi spejjeż meqjusa bħala disproporzjonati għall-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, din il-miżura għandha tipprovdi f'forma xierqa għal:

a) derogi temporanji, u/jew

b) sostenn finanzjarju mill-Fond ta' Koeżjoni.

6. Il-miżuri protettivi adottati skond dan l-Artikolu m'għandhomx iżommu lil xi Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal miżuri protettivi aktar iebsa. Dawn il-miżuri jridu jkunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

## SEZZJONI 6

## PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

### ARTIKOLU III-235

1. Sabiex jiġu promossi l-interessi tal-konsumaturi u sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa, tas-sigurtà u u ta' l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għal informazzjoni, edukazzjoni u d-dritt li jorganizzaw ruħhom sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom.

2. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1 permezz ta':

a) miżuri adottati skond l-Artikolu III-172 fil-kuntest ta' l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern;

b) miżuri li jappoġġaw, jissupplimentaw u jikkontrollaw il-politika mwettqa mill-Istati Membri.

3. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri previsti fil-paragrafu 2(b). Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

4. Atti adottati skond il-paragrafu 3 m'għandhomx iżommu lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal disposizzjonijiet protettivi iktar iebsa. Dawn id-disposizzjonijiet iridu jkunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

SEZZJONI 7

TRASPORT

ARTIKOLU III-236

1. L-għanijiet tal-Kostituzzjoni f'materji regolati minn din is-Sezzjoni għandhom jiġu segwiti fil-qafas ta' politika komuni dwar it-trasport.

2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha timplimenta l-paragrafu 1 waqt li tieħu in kunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tat-trasport. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi:

a) regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar;

b) il-kondizzjonijiet li taħthom trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi tat-trasport nazzjonali fi Stat Membru;

ċ) miżuri biex titjieb is-sigurtà tat-trasport;

d) kull miżura oħra xierqa.

3. Meta l-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea prevista fil-paragrafu 2 tiġi adottata, għandhom jitqiesu dawk il-każijiet fejn l-applikazzjoni tagħhom tista' tolqot serjament il-livell ta' l-għixien u l-livell ta' l-impjiegi f'ċerti reġjuni kif ukoll l-operazzjoni ta' faċilitajiet tat-trasport.

## ARTIKOLU III-237

Sakemm il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea prevista fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-236(2) tkun ġiet adottata, u salv jekk il-Kunsill ikun adotta b'mod unanimu deċiżjoni Ewropea li tagħti deroga, l-ebda Stat Membru ma jista' jirrendi d-disposizzjonijiet varji li jirregolaw is-suġġett nhar l-1 ta' Jannar 1958 jew, għall-Istati li ser jingħaqdu, d-data ta' l-adeżjoni tagħhom, anqas favorevoli fl-effett dirett jew indirett tagħhom fuq trasportaturi ta' Stati Membri oħra meta imqabbla ma' trasportaturi li huma ċittadini ta' dak l-Istat.

## ARTIKOLU III-238

L-għajnuniet għandhom ikunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni jekk ikunu jħarsu l-bżonnijiet ta' kordinazzjoni tat-trasport jew jekk ikunu jirrappreżentaw ir-rimborzi ta' ċerti piżijiet li jeżistu fil-principju ta' servizz pubbliku.

ARTIKOLU III-239

Kull miżura li tiġi adottata fil-qafas tal-Kostituzzjoni dwar ir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport għandha tqis iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tat-trasportaturi.

ARTIKOLU III-240

1. Fil-każ ta' trasport fl-Unjoni, diskriminazzjoni fejn trasportaturi jitolbu rati differenti u jimponu kondizzjonijiet differenti għat-trasport ta' l-istess merkanzija fuq l-istess relazzjonijiet ta' trasport fuq bażi ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jew tad-destinazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni għandha tkun ipprojbita.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jeskludi l-adozzjoni ta' liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej oħra skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-236(2).

3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1. Għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Il-Kunsill jista' b'mod partikolari jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jassiguraw ħarsien tar-regola prevista fil-paragrafu 1 u sabiex jiġi assigurat li min jużaha jibbenefika minnha bis-sħiħ.

4. Il-Kummissjoni, li taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq applikazzjoni minn Stat Membru, għandha tinvestiga kull każ ta' diskriminazzjoni li jaqa' taħt il-paragrafu 1 u, wara konsultazzjoni ma' kwalunkwe Stat Membru konċernat, tadotta d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa fil-qafas tar-regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafu 3.

## ARTIKOLU III-241

1. L-imposizzjoni minn Stat Membru, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' transport imwettqa fl-Unjoni, ta' rati u kondizzjonijiet li jinvolvu kwalunwke element ta' sostenn jew protezzjoni fl-interess ta' impriża jew impriżi partikolari għandha tiġi pprojbita, sakemm mhux awtorizzata minn deċiżjoni Ewropea tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni, li taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq applikazzjoni minn Stat Membru, għandha teżamina r-rati u l-kondizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, waqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġiet ta' politika ekonomika reġjonali xierqa, tal-bżonnijiet ta' żoni sottożviluppati u tal-problemi ta' żoni milquta serjament minn ċirkostanzi politiċi min-naħa l-waħda, u ta' l-effetti ta' dawn ir-rati u l-kondizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni bejn il-modi differenti ta' trasport min-naħa l-oħra.

Wara li tikkonsulta lil kull Stat Membru konċernat, il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa.

3. Il-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 1 m'għandhiex tapplika għal tariffi ffissati minħabba l-kompetizzjoni.

## ARTIKOLU III-242

Piżijiet jew ħlasijiet dovuti fir-rigward tal-qsim ta' fruntieri li huma mitluba minn trasportatur b'żieda għar-rati tat-trasport m'għandhomx jaqbżu livell raġjonevoli wara li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-ispejjeż involuti effettivament.

L-Istati Membri għandhom jippruvaw inaqqsu dawn l-ispejjeż.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil Stati Membri għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU III-243

Id-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni m'għandhomx jiffurmaw xkiel għall-applikazzjoni tal-miżuri meħuda fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sal-limitu li dawn il-miżuri huma meħtieġa sabiex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati mid-diviżjoni tal-Ġermanja lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali milquta minn dik id-diviżjoni. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, l-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tħassar dan l-Artikolu.

ARTIKOLU III-244

Kumitat Konsultattiv li jikkonsisti minn esperti maħtura mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandu jkun anness mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, kull meta tqis li jkun opportun, għandha tikkonsulta lill-Kumitat dwar kwistjonijiet ta' trasport.

ARTIKOLU III-245

1. Din is-Sezzjoni għandha tapplika għal trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri xierqa għal trasport bil-baħar u bl-ajru. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

SEZZJONI 8

RETTIKOLATI TRANS-EWROPEJ

ARTIKOLU III-246

1. Sabiex tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikoli III-130 u III-220 u sabiex ċittadini ta' l-Unjoni, operaturi ekonomiċi u komunitajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jieħdu benefiċċju sħiħ mill-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' rettikolati trans-Ewropej fiż-żoni ta' trasport, telekomunikazzjonijiet u infrastrutturi ta' l-enerġija.

2. Fil-qafas ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, azzjoni mill-Unjoni għandha timmira biex tippromwovi l-interkonnessjoni u l-interoperabilità ta' rettikolati nazzjonali, kif ukoll aċċess għal dawn ir-rettikolati. Għandha tieħu in kunsiderazzjoni b'mod partikolari l-bżonn li jingħaqdu r-reġjuni ta' gżejjer, dawk maqtugħa mill-baħar kif ukoll dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU III-247

1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-246, l-Unjoni:

a) għandha tistabbilixxi sensiela ta' linji gwida dwar l-għanijiet, il-prijoritajiet kif ukoll il-linji ġenerali ta' miżuri kontemplati fil-qasam tar-rettikolati trans-Ewropej; dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta' interess komuni;

b) għandha timplimenta kull miżura li tista' tkun meħtieġa biex tiġi assigurata l-interoperabilità tar-rettikolati, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni teknika;

ċ) tista' ssostni proġetti ta' interess komuni sostnuti minn Stati Membri, li jiġu identifikati fil-kwadru tal-linji gwida previsti fil-punt (a), b'mod partikolari permezz ta' studji ta' fattibiltà, garanziji għal self jew sussidji fuq ir-rati ta' l-imgħax; l-Unjoni tista' wkoll tikkontribwixxi, permezz tal-Fond ta' Koeżjoni, għall-finanzjament ta' proġetti speċifiċi fi Stati Membri fil-qasam ta' l-infrastruttura tat-trasport.

L-attivitajiet ta' l-Unjoni għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni l-vijabilità ekonomika potenzjali tal-proġetti.

2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandhom tistabbilixxi l-linji gwida u l-miżuri oħra previsti fil-paragrafu 1. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Linji gwida u proġetti ta' interess komuni li għandhom x'jaqsmu mat-territorju ta' Stat Membru għandhom jinħtieġu l-kunsens ta' dak l-Istat Membru.

3. L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jikkordinaw bejniethom il-politika segwita fuq il-livell nazzjonali li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-kisba ta' l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-246. Il-Kummissjoni tista', b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi dik il-kordinazzjoni.

4. L-Unjoni tista' tikkopera ma' pajjiżi terzi sabiex tippromwovi proġetti ta' interess reċiproku u sabiex tassigura l-interoperabilità tar-rettikolati.

## SEZZJONI 9

## RIĊERKA U ŻVILUPP TEKNOLOĠIKU U L-ISPAZJU

### ARTIKOLU III-248

1. L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex issaħħaħ is-sisien xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tistabbilixxi żona ta' riċerka Ewropea li fiha riċerkaturi, għarfien xjentifiku u teknoloġiku jiċċirkolaw liberament, u tinkoraġġiha biex tkun aktar kompetittiva, inkluż fl-industrija tagħha, waqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha ta' riċerka li huma meqjusa meħtieġa taħt Kapitoli oħra tal-Kostituzzjoni.

2. Għall-għanijiet previsti fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi impriżi f'kull parti ta' l-Unjoni, inklużi impriżi żgħar u ta' daqs medju, ċentri ta' riċerka u universitajiet fl-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku ta' kwalità għolja. Għandha tappoġġa l-isforzi tagħħom biex jikkoperaw ma' xulxin, notevolment billi tippermetti li r-riċerkaturi jikkoperaw liberament b'mod transkonfinali u billi tgħin lill-impriżi sabiex jisfruttaw il-potenzjal tas-suq intern, b'mod partikolari permezz tal-ftuħ ta' kuntratti pubbliċi nazzjonali, d-definizjoni ta' livelli komuni u t-tneħħija ta' xkiel legali u fiskali għal dik il-koperazzjoni.

3. L-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, inklużi proġetti ta' dimostrazzjoni, għandhom jiġu deċiżi u implimentati skond din is-Sezzjoni.

ARTIKOLU III-249

Fit-twettiq ta' l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-248, l-Unjoni għandha twettaq l-attivitajiet li ġejjin, li jikkumplimentaw l-attivitajiet imwettqa fl-Istati Membri:

a) l-implimentazzjoni ta' riċerka, programmi ta' żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni, billi tippromwovi l-koperazzjoni ma' u bejn impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;

b) il-promozzjoni ta' koperazzjoni fil-qasam tar-riċerka ta' l-Unjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;

ċ) it-tixrid u l-ottimizzazzjoni tar-riżultati ta' attivitajiet fir-riċerka, fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-dimostrazzjoni ta' l-Unjoni;

d) l-istimolu tal-formazzjoni u l-mobilità ta' riċerkaturi fl-Unjoni.

ARTIKOLU III-250

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku sabiex jassiguraw li l-politika nazzjonali u l-politika ta' l-Unjoni jkunu konsistenti reċiprokament.

2. F'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, l-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi l-kordinazzjoni prevista fil-paragrafu 1, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika, u l-preparazzjoni ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

ARTIKOLU III-251

1. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi programm kwadru pluriennali, li jkun jinkludi l-attivitajiet kollha ffinanzjati mill-Unjoni. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Dan il-programm kwadru għandu:

a) jistabbilixxi l-għanijiet xjentifiċi u tekniċi li għandhom jintlaħqu mill-attivitajiet previsti fl-Artikolu III-249 u jiffissa l-prijoritajiet rilevanti;

b) jindika l-linji ġenerali ta' dawn l-attivitajiet;

ċ) jistabbilixxi l-ammont globali massimu u r-regoli dettaljati għall-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-Unjoni fil-programm kwadru kif ukoll l-isħma rispettivi f'kull waħda mill-attivitajiet previsti.

2. Il-programm kwadru pluriennali għandu jiġi adattat jew supplimentat skond kif tinbidel is-sitwazzjoni.

3. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi programmi speċifiċi li jimplementaw il-programm kwadru pluriennali f'kull attività. Kull programm speċifiku għandu jiddefinixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu, jiffissa t-tul tiegħu u jipprovdi għall-mezzi meqjusa meħtieġa. Is-somma ta' l-ammonti meqjusa meħtieġa, ffissata fil-programmi speċifiċi, ma tistax taqbeż l-ammont globali massimu ffissat għal dan il-programm kwadru u għal kull attività. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

4. B'mod komplementari ma' l-attivitajiet imfassla fil-programm kwadru pluriennali, liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni taż-żona ta' riċerka Ewropea. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

ARTIKOLU III-252

1. Għall-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi:

a) ir-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;

b) ir-regoli li jirregolaw it-tixrid ta' riżultati ta' riċerka.

Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

2. Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, liġi Ewropea tista' tistabbilixxi programmi supplimentari li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' ċerti Stati Membri biss, li għandhom jiffinanzjawhom bla ħsara għal parteċipazzjoni possibbli mill-Unjoni.

Din il-liġi Ewropea għandha tiddetermina r-regoli applikabbli għal programmi supplimentari, partikolarment fir-rigward tat-tixrid ta' għarfien kif ukoll l-aċċess minn Stati Membri oħrajn. Għandha tiġu adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u bi qbil ma' l-Istati Membri konċernati.

3. Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, l-liġi Ewropea tista' tipprovdi, bi qbil ma' l-Istati Membri konċernati, għal parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka u żvilupp li jidħlu għalihom diversi Stati Membri, inkluża parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.

Din il-liġi Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

4. Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali l-Unjoni tista' tipprovdi għal koperazzjoni fir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-arranġamenti dettaljati għal din il-koperazzjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-partijiet terzi konċernati.

ARTIKOLU III-253

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej biex jiġu stabbiliti impriżi konġunti jew kull struttura oħra meħtieġa għall-eżekuzzjoni effiċjenti tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-programmi ta' dimostrazzjoni ta' l-Unjoni. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

## ARTIKOLU III-254

1. Sabiex jiġu promossi l-progress xjentifiku u teknoloġiku, l-kompetittività industrijali u l-implimentazzjoni tal-politika tagħha, l-Unjoni għandha tfassal politika Ewropea dwar l-ispazju. Għal dan l-iskop, tista' tippromwovi inizjattivi konġunti, tagħti appoġġ lir-riċerka u l-żvilupp teknoloġiku u tikkordina l-isforzi meħtieġa għall-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' l-ispazju.

2. Sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa, li jistgħu jieħdu l-forma ta' programm Ewropew dwar l-ispazju.

3. L-Unjoni għandha tistabbilixxi relazzjonijiet xierqa ma' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ispazju.

## ARTIKOLU III-255

Fil-bidu ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jinkludi tagħrif dwar attivitajiet rigward riċerka, żvilupp teknoloġiku u tixrid ta' riżultati tul is-sena ta' qabel, u l-programm ta' ħidma għas-sena kurrenti.

## SEZZJONI 10

## ENERĠIJA

### ARTIKOLU III-256

1. Fil-kwadru ta' l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi ppreservat u mtejjeb l-ambjent, il-politika ta' l-Unjoni dwar l-enerġija għandha timmira biex:

a) tassigura l-funzjonament tas-suq ta' l-enerġija,

b) tassigura s-sigurtà ta' provvista ta' l-energija fl-Unjoni, u

ċ) tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu ta' l-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u li jiġġeddu.

2. Bla preġudizzju għall-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-paragrafu 1. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea m'għandhiex tolqot id-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn riżorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista ta' enerġija tiegħu, bla preġudizzju għall-Artikolu III-234(2)(ċ).

3. B'deroga mill-paragrafu 2, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-miżuri li huma previsti fih meta jkunu primarjament ta' natura fiskali. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

## KAPITOLU IV

## ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

### SEZZJONI 1

### DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

### ARTIKOLU III-257

1. L-Unjoni għandha tikkostitwixxi żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u tas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti ta' l-Istati Membri.

2. Għandha tassigura li ma jkunx hemm kontrolli ta' fruntieri interni għal persuni u għandha tinkwadra politika komuni dwar l-asil, l-immigrazzjoni u l-kontroll fuq il-fruntieri esterni, bbażati fuq solidarjetà bejn Stati Membri, li tkun ġusta għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għall-iskop ta' dan il-Kapitolu, persuni apolidi għandhom jiġu trattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi.

3. L-Unjoni għandha tipprova tassigura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri li jrażżnu u jikkumbattu l-kriminalità, r-razziżmu u l-kżenofobija, u permezz ta' miżuri għal kordinazzjoni u koperazzjoni bejn awtoritajiet tal-pulizija u ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħrajn, kif ukoll permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali u, jekk meħtieġ, permezz ta' l-approssimazzjoni ta' liġijiet kriminali.

4. L-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili.

ARTIKOLU III-258

Il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi linji gwida strateġiċi għal ippjanar leġislattiv u operazzjonali fiż-żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

ARTIKOLU III-259

Il-Parlamenti nazzjonali għandhom jassiguraw li l-proposti u l-inizjattivi leġislattivi preżentati fil-qafas tas-Sezzjonijiet 4 u 5 ta' dan il-Kapitolu jħarsu l-prinċipju ta' sussidjarjetà, skond il-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

ARTIKOLU III-260

Bla preġudizzju għall-Artikoli III-360 sa III-362, il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu valutazzjoni oġġettiva u imparzjali ta' l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-Unjoni prevista f'dan il-Kapitolu mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu informati bil-kontenut u bir-riżultati tal-valutazzjoni.

ARTIKOLU III-261

Għandu jiġi stabbilit kumitat permanenti fil-Kunsill biex jassigura li koperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna tiġi promossa u msaħħa fi ħdan l-Unjoni. Bla preġudizzju għall-Artikolu III-344, għandu jiffaċilita l-kordinazzjoni ta' l-azzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri. Ir-rappreżentanti tal-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni konċernati jistgħu jkunu involuti fil-proċeduri ta' dan il-Kumitat. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jinżammu infurmati bil-proċeduri.

ARTIKOLU III-262

Dan il-Kapitolu m'għandux jolqot l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri rigward il-manteniment ta' l-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurtà interna.

ARTIKOLU III-263

Il-Kunsill għandu jadotta regolamenti Ewropej biex jassigura koperazzjoni amministrattiva bejn id-dipartimenti rilevanti ta' l-Istati Membri fiż-żoni koperti b'dan il-Kapitolu, kif ukoll bejn dawk id-dipartimenti u l-Kummissjoni. Għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, soġġetta għall-Artikolu III-264, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU III-264

L-atti previsti fis-Sezzjonijiet 4 u 5, flimkien mar-regolamenti Ewropej previsti fl-Artikolu III-263 li jassiguraw koperazzjoni fl-amministrazzjoni fl-oqsma koperti minn dawn is-Sezzjonijiet, għandhom jiġu adottati:

a) fuq proposta mill-Kummissjoni, jew

b) fuq l-inizjattiva ta' kwart mill-Istati Membri.

SEZZJONI 2

POLITIKA DWAR KONTROLLI FUQ IL-FRUNTIERI,
L-ASIL U L-IMMIGRAZZJONI

ARTIKOLU III-265

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika bl-għan li:

a) tassigura li ma jkun hemm l-ebda kontrolli fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni;

b) twettaq kontrolli fuq persuni u sorveljanza effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;

ċ) iddaħħal b'mod gradwali sistema integrata ta' amministrazzjoni għall-fruntieri esterni.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw:

a) il-politika komuni dwar viżi u permessi oħra ta' residenza għal żjara qasira;

b) il-kontrolli li huma soġġetti għalihom persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni;

ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom il-libertà li jivvjaġġaw fl-Unjoni għal żmien qasir;

d) kull miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' amministrazzjoni għall-fruntieri esterni;

e) in-nuqqas ta' kull kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni.

3. Dan l-Artikolu m'għandux jolqot il-kompetenza ta' l-Istati Membri li tikkonċerna d-demarkazzjoni ġeografika tal-fruntieri tagħhom, skond id-dritt internazzjonali.

## ARTIKOLU III-266

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-asil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bl-iskop li jiġi offert *status* xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u tassigura ħarsien tal-prinċipju ta' *non-refoulement*. Din il-politika għandha tħares il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus ta' refuġjati, kif ukoll trattati rilevanti oħra.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri għal sistema Ewropea komuni dwar l-asil li tinkludi:

a) *status* uniformi ta' asil għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha;

b) *status* uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jiksbu asil Ewropew, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;

ċ) sistema komuni ta' protezzjoni temporanja, f'każ ta' dħul massiv, ta' persuni maqlugħa minn pajjiżhom ;

d) proċeduri komuni biex jingħata u jiġi rtirat l-istatus uniformi ta' asil jew ta' protezzjoni sussidjarja;

e) kriterji u mekkaniżmi biex jiġi determinat liema Stat Membru huwa responsabbli biex jikkunsidra applikazzjoni għall-asil jew għall-protezzjoni sussidjarja;

f) *standards* li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet biex jintlaqgħu applikanti għall-asil jew għall-protezzjoni sussidjarja;

g) sħubija u koperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-amministrazzjoni tal-proċess ta' dħul ta' nies li japplikaw għall-asil jew għall-protezzjoni sussidjarja jew temporanja.

3. F'każ li Stat Membru wieħed jew iktar li jkunu ikkonfrontati b'sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata bi dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jinkludu miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i). Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## ARTIKOLU III-267

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba biex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, t-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqgħodu legalment fi Stati Membri, u l-prevenzjoni ta' l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, u miżuri msaħħa biex jikkumbattuhom.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri fl-oqsma li ġejjin:

a) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza, u *standards* dwar il-ħruġ minn Stati Membri ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil, inklużi dawk biex tingħaqad il-familja;

b) id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod legalment fi Stat Membru inklużi l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;

ċ) l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni;

d) il-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni, b'mod partikolari nisa u tfal.

3. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' pajjiżi terzi rigward id-dħul mill-ġdid fil-pajjiż ta' l-oriġini jew ta' provenjenza minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul, għall-preżenza jew għar-residenza fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri.

4. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri biex jipprovdu inċentivi u sostenn għall-azzjoni ta' Stati Membri bl-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorji tagħhom, eskluża kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

5. Dan l-Artikolu m'għandux jolqot d-dritt ta' Stati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu minn pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu impjieg, kemm jekk impjegati u kemm jekk jaħdmu għal rashom.

## ARTIKOLU III-268

Il-politika ta' l-Unjoni stabbiliti f'din is-Sezzjoni u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi regolata mill-prinċipju ta' solidarjetà u qsim ġust ta' responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu bejn l-Istati Membri. Kull meta jkun meħtieġ, l-atti ta' l-Unjoni adottati skond din is-Sezzjoni għandhom jinkludu l-miżuri xierqa biex jagħtu effett lil dan il-prinċipju.

SEZZJONI 3

KOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI ĊIVILI

ARTIKOLU III-269

1. L-Unjoni għandha tiżviluppa koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali, ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji. Din il-koperazzjoni tista' tinkludi l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri, b'mod partikolari fejn ikunu meħtieġa għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern, maħsuba biex jiżguraw:

a) ir-rikonoxximent reċiproku u l-infuzar bejn Stati Membri ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji;

b) it-tifsir u n-notifika transkonfinali ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji;

ċ) il-kompatibilità tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri dwar il-kunflitt ta' liġijiet u ta' ġurisdizzjoni;

d) il-koperazzjoni biex jinkisbu l-provi;

e) aċċess effettiv għall-ġustizzja;

f) it-tneħħija ta' xkiel għall-funzjonament kif suppost ta' proċedimenti ċivili, jekk meħtieġ billi tkun promossa l-kompatibilità tar-regoli dwar il-proċedura ċivili applikabbli fl-Istati Membri;

g) l-iżvilupp ta' metodi alternattivi biex jiġu riżolti l-kwistjonijiet;

h) appoġġ għat-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju.

3. Minkejja l-paragrafu 2, miżuri li jikkonċernaw il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfinali għandhom jiġu stabbiliti f'liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina dawk l-aspetti tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfinali li jistgħu jkunu s-suġġett ta' atti adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

## SEZZJONI 4

## KOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI KRIMINALI

### ARTIKOLU III-270

1. Il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u għandha tinkludi l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri fl-oqsma previsti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu III-271.

Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri sabiex:

a) jistabbilixxu regoli u proċeduri biex jassiguraw ir-rikonoxximent fl-Unjoni kollha tal-forom kollha ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji;

b) jrażżnu u jirriżolvu konflitti ta' ġurisdizzjoni bejn l-Istati Membri;

ċ) jiffavorixxi l-formazzjoni tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju;

d) tiġi ffaċilitata l-koperazzjoni bejn awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' proċeduri f'materji kriminali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet.

2. Sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali li jkollhom dimensjoni transkonfinali, liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli minimi. Dawn ir-regoli għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni d-differenzi bejn it-tradizzjonijiet u s-sistemi legali ta' l-Istati Membri.

Huma għandhom jikkonċernaw:

a) l-ammissibbiltà reċiproka ta' provi bejn l-Istati Membri;

b) id-drittijiet ta' individwi fi proċedura kriminali;

ċ) id-drittijiet ta' vittmi tal-kriminalità;

d) kull aspett speċifiku ieħor tal-proċedura kriminali li l-Kunsill ikun identifika minn qabel b'deċiżjoni Ewropea; biex tiġi adottata din id-deċiżjoni, l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

L-adozzjoni tar-regoli minimi previsti f'dan il-paragrafu m'għandhiex iżomm lill-Istati Membri milli jżommu fis-seħħ jew idaħħlu livell ogħla ta' protezzjoni għall-individwi.

3. Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' liġi kwadru Ewropea kif previst fil-paragrafu 2 jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu, jista' jitlob li l-abbozz tal-liġi kwadru jiġi mressaq quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, l-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien 4 xhur minn din is-suspensjoni:

a) jirreferi lura l-abbozz lill-Kunsill, li għandu jwaqqaf is-sospensjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu III-396, jew

b) jitlob lill-Kummissjoni jew lill-grupp ta' Stati Membri li jkunu taw bidu għall-abbozz biex iressqu wieħed ġdid; f'dak il-każ, l-att li kien propost oriġinarjament għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.

4. Jekk, sa l-aħħar tal-perijodu previst fil-paragrafu 3, jew ma tkunx ittieħdet azzjoni mill-Kunsill Ewropew jew inkella jekk, fi żmien 12-il xahar wara li jkun ġie mressaq abbozz ġdid taħt il-paragrafu 3(b), il-liġi kwadru Ewropea ma tkunx ġiet adottata, u mill-inqas terz ta' l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa fuq bażi ta' l-abbozz tal-liġi kwadru konċernat, huma għandhom jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan.

F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni biex jipproċedu bil-koperazzjoni msaħħa prevista fl-Artikoli I-44(2) u III-419(1) għandha titqies li ngħatat u d-disposizzjonijiet dwar koperazzjoni msaħħa għandhom japplikaw.

ARTIKOLU III-271

1. Liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizjoni ta' reati kriminali u ta' sanzjonijiet fiż-żoni ta' kriminalità partikolarment serji b'dimensjonijiet trans-konfini li jirriżultaw minn natura jew mill-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa speċjali li jiġu kumbattuti fuq bażi komuni.

Dawn l-oqsma ta' kriminalità huma li ġejjin: it-terroriżmu, t-traffikar ta' bnedmin u l-isfruttament sesswali ta' nisa u tfal, it-traffikar illeċitu ta' droga, t-traffiku illeċitu ta' armi, l-*money laundering*, il-korruzzjoni, l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas, il-kriminalità fl-informatika u kriminalità organizzata.

Fuq bażi ta' l-iżviluppi fil-kriminalità, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tidentifika oqsma oħra ta' kriminalità li jissodisfaw il-kriterji indikati f'dan il-paragrafu. Għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkollu l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

2. Jekk jidher li l-approssimazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi u regolatorji ta' l-Istat Membru fil-qasam kriminali tkun indispensabbli sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva ta' politika ta' l-Unjoni f'qasam li kien soġġett għall-miżuri ta' armonizzazzjoni, liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli minimi fir-rigward tad-definizjoni ta' reati kriminali u ta' sanzjonijiet fil-qasam konċernat. Din il-liġi kwadru għandha tiġi adottata bl-istess proċedura li kienet użata għall-adozzjoni tal-miżuri ta' armonizzazzjoni in kwistjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-264.

3. Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' liġi kwadru Ewropea kif previst fil-paragrafu 2 jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu, jista' jitlob li l-abbozz tal-liġi kwadru jiġi mressaq quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, l-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien 4 xhur minn din is-suspensjoni:

a) jirreferi lura l-abbozz lill-Kunsill, li għandu jwaqqaf is-sospensjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 jekk applikabbli, jew

b) jitlob lill-Kummissjoni jew lill-grupp ta' Stati Membri li jkunu taw bidu għall-abbozz, biex iressqu wieħed ġdid; f'dak il-każ, l-att li kien propost oriġinarjament għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.

4. Jekk, sa l-aħħar tal-perijodu previst fil-paragrafu 3, il-Kunsill Ewropew ma jkunx aġixxa jew ma tkunx ittieħdet azzjoni mill-Kunsill Ewropew jew inkella jekk, fi żmien 12-il xahar wara li jkun ġie mressaq abbozz ġdid taħt il-paragrafu 3(b), il-liġi kwadru Ewropea ma tkunx ġiet adottata, u mill-inqas terz ta' l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa fuq bażi ta' l-abbozz tal-liġi kwadru konċernat, huma għandhom jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan.

F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni biex jipproċedu bil-koperazzjoni msaħħa prevista fl-Artikoli I-44(2) u III-419(1) għandha titqies li ngħatat u d-disposizzjonijiet dwar koperazzjoni msaħħa għandhom japplikaw.

## ARTIKOLU III-272

Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri għall-promozzjoni u l-appoġġ ta' l-azzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri.

ARTIKOLU III-273

1. Il-missjoni tal-Eurojust għandha tkun li ssostni u ssaħħaħ il-kordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni fir-rigward ta' kriminalità serja li tolqot żewġ Stati Membri jew aktar jew li teħtieġ prosekuzzjoni fuq sisien komuni, fuq bażi ta' operazzjonijiet immexxija u tagħrif mogħti mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u mill-Europol.

F'dan il-kuntest, il-liġi Ewropea għandha tiddetermina l-istruttura, l-funzjonament, il-kamp ta' azzjoni u l-kompiti tal-Eurojust. Dawk il-kompiti jistgħu jinkludu:

a) il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali, kif ukoll proposta għall-bidu ta' prosekuzzjonijiet, immexxija minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari dawk relatati ma' reati kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni;

b) il-kordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet previsti fil-punt (a);

ċ) it-tisħiħ ta' koperazzjoni ġudizzjarja, inkluża bir-riżoluzzjoni tal-kunflitti dwar il-ġurisdizzjoni u b'koperazzjoni mill-qrib mar-Rettikolat Ġudizzjarju Ewropew.

Din il-liġi Ewropea għandha wkoll tiddetermina arranġamenti biex il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali jkunu nvoluti fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Eurojust.

2. Fil-prosekuzzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, u bla preġudizzju għall-Artikolu III-274, atti formali ta' proċedura ġudizzjarja għandhom jitwettqu mill-uffiċjali nazzjonali kompetenti.

ARTIKOLU III-274

1. Sabiex tiġi kumbattuta l-kriminalità li thedded l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni, liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mill-Eurojust. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

2. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jkun responsabbli għall-investigazzjoni, l-prosekuzzjoni u t-tkomplija tal-kawża sad-deċiżjoni, fejn xieraq flimkien ma' l-Europol, ta' l-awturi ta' reati u l-kompliċi tagħhom li jolqtu l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni, kif determinat mil-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 1. Għandu jwettaq il-funzjonijiet ta' prosekutur fil-qrati kompetenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' dawn ir-reati.

3. Il-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 1 għandha tiddetermina r-regoli ġenerali applikabbli għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, r-regoli ta' proċedura applikabbli għall-attivitajiet tiegħu, kif ukoll dawk li jirregolaw l-ammissibilità tal-provi, u r-regoli applikabbli għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri proċedurali meħuda minnu fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

4. Il-Kunsill Ewropew jista', fl-istess ħin jew wara, jadotta deċiżjoni Ewropea li temenda l-paragrafu 1 sabiex twessa' l-poteri ta' l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex jinkludu l-kriminalità serja b'dimensjoni transkonfinali u li temenda b'dan il-mod il-paragrafu 2 fir-rigward ta' l-awturi u l-kompliċi ta' kriminalità serja li tolqot iktar minn Stat Membru wieħed. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew u wara li jikkonsulta l-Kummissjoni.

SEZZJONI 5

KOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA

ARTIKOLU III-275

1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi koperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha ta' l-Istati Membri, inkluża l-pulizija, s-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn ripressivi speċjalizzati fil-qasam tal-prevenzjoni jew tal-kxif ta' reati u ta' l-investigazzjonijiet tagħhom.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw:

a) il-ġabra, l-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' tagħrif rilevanti;

b) sostenn għat-taħriġ tal-persunal, u koperazzjoni dwar l-iskambju tal-persunal, dwar tagħmir u dwar ir-riċerka fil-kriminalità;

ċ) tekniċi investigattivi komuni biex jinkixfu forom serji ta' kriminalità organizzata.

3. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw il-koperazzjoni fil-ħidma bejn l-awtoritajiet previsti f'dan l-Artikolu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU III-276

1. Il-missjoni tal-Europol għandha tkun li ssostni u ssaħħaħ azzjoni mill-awtoritajiet tal-pulizija u servizzi oħrajn ta' ripressivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni reċiproka tagħhom fit-trażżin u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tolqot żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalità li jolqtu interess komuni kopert minn politika ta' l-Unjoni.

2. Il-liġi Ewropea għandha tiddetermina l-istruttura, l-funzjonament, il-kamp ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:

a) il-ġabra, l-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' tagħrif mgħoddi partikolarment mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jew ta' pajjiżi jew korpi terzi;

b) il-kordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjoni investigattiva u operattiva mwettqa flimkien ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew fil-kuntest ta' gruppi investigattivi konġunti, meta xieraq flimkien mal-Eurojust.

Din il-liġi għandha wkoll tistabbilixxi l-proċeduri għal skrutinju ta' l-attivitajiet tal-Europol mill-Parlament Ewropew, flimkien mal-Parlamenti nazzjonali.

3. Kull azzjoni operattiva mill-Europol għandha titwettaq flimkien u bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li t-territorju tagħhom huwa konċernat. L-applikazzjoni ta' miżuri ta' forza għandha tkun ir-responsabbiltà esklużiva ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

ARTIKOLU III-277

Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri previsti fl-Artikoli III-270 u III-275 jistgħu joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor flimkien, u bi ftehim ma', l-awtoritajiet ta' dak l-Istat. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

KAPITOLU V

OQSMA FEJN L-UNJONI TISTA' TIDDEĊIEDI
LI TIEĦU AZZJONI TA' SOSTENN, TA' KORDINAZZJONI
JEW KUMPLIMENTARI

SEZZJONI 1

SAĦĦA PUBBLIKA

ARTIKOLU III-278

1. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni.

Azzjoni mill-Unjoni, li għandha tikkumplimenta l-politika nazzjonali, għandha l-għan li ttejjeb is-saħħa pubblika, kif ukoll trażżan il-mard u l-infezzjonijiet tal-bniedem u l-kawżi ta' perikolu għas-saħħa fiżika u mentali. Din l-azzjoni għandha tkopri wkoll:

a) il-ġlieda kontra l-ikbar flaġelli għas-saħħa, billi tippromwovi riċerka dwar il-kawżi tagħhom, it-trasmissjoni tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll l-informazzjoni u l-edukazzjoni dwar is-saħħa;

b) il-kontroll ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa, l-allert fuq dan it-theddid u l-ġlieda kontrihom.

L-Unjoni għandha tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri fit-tnaqqis ta' l-effetti ta' ħsara għas-saħħa mid-droga, inklużi t-tagħrif u l-prevenzjoni.

2. L-Unjoni għandha tħeġġeġ koperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma previsti f'dan l-Artikolu u, jekk meħtieġ, tagħti sostenn għall-azzjoni tagħhom. B'mod partikolari għandha tħeġġeġ koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex titjieb il-komplimentarità tas-servizzi tas-saħħa tagħhom fir-reġjuni ta' fruntiera.

L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jikkordinaw bejniethom il-politika u programmi tagħhom fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista', f'kuntatt mill-qrib ma' l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi din il-kordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi maħsuba għall-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika, u t-tħejjija ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiffavorixxu l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tas-saħħa pubblika.

4. B'deroga mill-Artikolu I-12(5) u l-Artikolu I-17(a) u skond l-Artikolu I-14(2)(k), liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-għanijiet previsti f'dan l-Artikolu billi tistabbilixxi l-miżuri li ġejjin sabiex jiġu affrontati l-problemi komuni dwar is-sigurtà:

a) miżuri li joħolqu *standards* għolja ta' kwalità u sigurtà fir-rigward ta' organi u sustanzi ta' oriġini umana, demm u derivati tad-demm; dawn il-miżuri m'għandhomx jimpedixxu l-ebda Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal miżuri protettivi aktar stretti;

b) miżuri fl-oqsma veterinarji u fitosanitarji li għandhom bħala l-għan dirett tagħhom il-protezzjoni tas-saħħa pubblika;

ċ) miżuri li jistabbilixxu *standards* għolja ta' kwalità u sigurtà għall-prodotti mediċinali u t-tagħmir għall-użu mediku;

d) miżuri dwar il-kontroll, l-allert u l-ġlieda kontra theddid serju transkonfinali għas-saħħa.

Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

5. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' wkoll tistabbilixxi miżuri għal inċentivi maħsuba biex iħarsu s-saħħa umana u b'mod partikolari għall-ġlieda kontra l-ikbar flaġelli transkonfinali għas-saħħa, kif ukoll miżuri li għandhom bħala għan dirett il-protezzjoni tas-saħħa pubblika fir-rigward tat-tabakk u l-abbuż ta' l-alkoħol, eskluża kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' wkoll jadotta rakkomandazzjonijiet.

7. Azzjoni ta' l-Unjoni għandha tirrispetta ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għad-definizjoni tal-politika tagħhom tas-saħħa u għall-organizzazzjoni u l-forniment ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. Ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għandhom jinkludu l-amministrazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika u l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom. Dawn il-miżuri previsti fil-paragrafu 4(a) m'għandhomx jolqtu disposizzjonijiet nazzjonali dwar id-donazzjoni jew l-użu ta' organi u demm għal skop mediku.

## SEZZJONI 2

## INDUSTRIJA

### ARTIKOLU III-279

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li jeżistu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività ta' l-industrija ta' l-Unjoni.

Għal dak il-għan, skond sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tkun immirata lejn:

a) li jitħaffef l-aġġustament ta' l-industrija għal bidliet strutturali;

b) l-inkoraġġiment ta' ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp ta' intrapriżi fl-Unjoni kollha, partikolarment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

ċ) l-inkoraġġiment ta' ambjent favorevoli għal koperazzjoni bejn intrapriżi;

d) li jiffavorixxu l-aħjar sfruttament tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku.

2. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin flimkien mal-Kummissjoni u, meta meħtieġ, għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi din il-kordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw għall-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' skambju ta' l-aħjar prattika, u t-tħejjija ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjonijiet perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.

3. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 permezz tal-politika u l-attivitajiet li twettaq taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri speċifiċi bħala sostenn għall-azzjoni meħuda fl-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Din is-Sezzjoni m'għandhiex tipprovdi bażi biex l-Unjoni ddaħħal xi miżura li tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew li jkun fiha disposizzjonijiet tat-taxxa jew disposizzjonijiet dwar id-drittijiet u l-interessi ta' ħaddiema impjegati.

## SEZZJONI 3

## KULTURA

### ARTIKOLU III-280

1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi ta' l-Istati Membri, waqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess ħin tirriżalta l-patrimonju kulturali komuni.

2. L-azzjoni mill-Unjoni għandha tkun immirata biex tħeġġeġ koperazzjoni bejn Stati Membri u, jekk ikun meħtieġ, biex tappoġġa u biex tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom fl-oqsma li ġejjin:

a) it-titjib ta' l-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej;

b) il-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-patrimonju kulturali ta' importanza Ewropea;

ċ) l-iskambji kulturali mhux kummerċjali;

d) il-ħolqien artistiku u litterarju, inkluż is-settur awdjoviżiv.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kultura, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa.

4. L-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-aspetti kulturali fl-azzjoni tagħha taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha.

5. Sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu:

a) Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri ta' inċentiv, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni;

b) il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.

SEZZJONI 4

TURIŻMU

ARTIKOLU III-281

1. L-Unjoni għandha tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-turiżmu, b'mod partikolari billi tippromwovi l-kompetittività ta' l-impriżi ta' l-Unjoni f'dak is-settur.

Għal dan il-għan, l-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:

a) tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' impriżi f'dan is-settur;

b) tippromwovi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari bl-iskambju ta' prattika tajba.

2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri partikolari sabiex jikkumplimentaw l-azzjonijiet fl-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

SEZZJONI 5

EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, SPORT
U FORMAZZJONI PROFESSJONALI

ARTIKOLU III-282

1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn Stati Membri u, jekk meħtieġ, billi ssostni u tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom. Għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi edukattivi u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom.

L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' materji sportivi Ewropej, waqt li tieħu in kunsiderazzjoni n-natura speċjali tagħhom, l-istrutturi tagħhom bbażati fuq attività volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva tagħhom.

L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira għal:

a) l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim u t-tixrid tal-lingwi ta' l-Istati Membri;

b) l-inkoraġġiment tal-mobilità ta' studenti u għalliema, *inter alia* billi jiġi mħeġġeġ ir-rikonoxximent akkademiku ta' diplomi u perijodi ta' studju;

ċ) il-promozzjoni ta' koperazzjoni bejn stabbilimenti edukattivi;

d) l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi edukattivi ta' l-Istati Membri;

e) l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' skambji ta' żgħażagħ u ta' skambji ta' animaturi soċjo-edukattivi u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika Ewropea;

f) l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' edukazzjoni mill-bogħod;

g) l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, billi tkun promossa l-ekwità u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet sportivi u l-koperazzjoni bejn il-korpi responsabbli għall-isport, u billi tkun protetta l-integrità fiżika u morali ta' l-isportivi, speċjalment ta' l-isportivi żgħażagħ.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam ta' l-edukazzjoni u l-isport, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa.

3. Sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu:

a) liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri ta' inċentiv, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

b) il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.

ARTIKOLU III-283

1. L-Unjoni għandha timplimenta politika ta' formazzjoni professjonali li għandha ssostni u tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri, waqt li tirrispetta kompletament ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni ta' formazzjoni professjonali.

L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:

a) tiffaċilita l-adattament għall-bidla industrijali, b'mod partikolari permezz ta' formazzjoni professjonali u taħriġ mill-ġdid;

b) ittejjeb il-formazzjoni professjonali tal-bidu u li jkompli sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni professjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol;

ċ) tiffaċilita l-aċċess għall-formazzjoni professjonali u tinkoraġġixxi l-mobilità ta' min iħarreġ u dawk li qed jitħarrġu, partikolarment żgħażagħ;

d) tistimola koperazzjoni fuq it-taħriġ bejn stabbilimenti u intrapriżi ta' tagħlim u ta' formazzjoni professjonali;

e) tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' taħriġ ta' l-Istati Membri.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali fl-isfera tal-formazzjoni professjonali.

3. Sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu:

a) liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

b) il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.

## SEZZJONI 6

## PROTEZZJONI ĊIVILI

### ARTIKOLU III-284

1. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex ittejjeb l-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem u l-protezzjoni minnhom.

L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:

a) tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali fil-prevenzjoni ta' riskju, fil-preparazzjoni tal-persunal tagħhom tal-protezzjoni ċivili u fl-intervenzjoni f'każ ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem fl-Unjoni;

b) tippromwovi koperazzjoni operazzjonali svelta u effettiva fl-Unjoni bejn servizzi nazzjonali ta' protezzjoni ċivili;

ċ) tippromwovi l-koerenza fil-ħidma internazzjonali ta' protezzjoni ċivili.

2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri neċessarji li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri previsti fil-paragrafu 1, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

## SEZZJONI 7

## KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

### ARTIKOLU III-285

1. L-implimentazzjoni effikaċi nazzjonali tad-dritt ta' l-Unjoni mill-Istati Membri, li hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb ta' l-Unjoni, għandha titqies bħala kwistjoni ta' interess komuni.

2. L-Unjoni tista' ssostni l-isforzi ta' l-Istati Membri biex ittejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom fl-implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni. Din l-azzjoni tista' tinkludi li l-iskambju ta' informazzjoni u tal-impjegati fis-servizz ċivili jkun faċilitat kif ukoll skemi ta' appoġġ għal taħriġ. L-ebda Stat Membru ma hu marbut li jagħmel użu minn dan l-appoġġ. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għal dan l-iskop, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni jew għall-prerogattivi u d-dmirijiet tal-Kummissjoni. Għandu wkoll ikun mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni li jipprovdu għal koperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri u bejnhom u l-Unjoni.

## TITOLU IV

## ASSOĊJAZZJONI TAL-PAJJIŻI U T-TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ

### ARTIKOLU III-286

1. Il-pajjiżi u t-territorji mhux Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mad-Danimarka, Franza, l-Olanda u r-Renju Unit għandhom ikunu assoċjati ma' l-Unjoni. Dawn il-pajjiżi u t-territorji (minn hawn il-quddiem imsejħa "l-pajjiżi u t-territorji") huma elenkati fl-Anness II.

Dan it-titolu għandu japplika għall-Groenlandja, bla ħsara għad-disposizzjonijiet partikolari tal-Protokoll dwar arranġamenti speċjali għall-Groenlandja.

2. L-iskop ta' assoċjazzjoni għandu jkun li jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u t-territorji u sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejniethom u l-Unjoni.

L-assoċjazzjoni għandha sservi primarjament sabiex tiffavorixxi l-interessi ta' l-abitanti ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji u l-prosperità tagħhom sabiex twassalhom għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali li jaspiraw għalih.

## ARTIKOLU III-287

L-assoċjazzjoni għandha l-miri li ġejjin:

a) Stati Membri għandhom japplikaw għall-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi u territorji l-istess trattament li jagħtu lil xulxin skond il-Kostituzzjoni;

b) kull pajjiż jew territorju għandu japplika għall-kummerċ tiegħu ma' Stati Membri u mal-pajjiżi u t-territorji l-oħrajn l-istess trattament bħal dak li japplika għall-Istat Ewropew li miegħu għandu relazzjonijiet speċjali;

ċ) Stati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-investimenti meħtieġa għall-iżvilupp progressiv ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji;

d) għal investimenti ffinanzjati mill-Unjoni, parteċipazzjoni f'offerti u provvisti għandha tkun miftuħa fuq kondizzjonijiet ugwali għall-persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi li huma ċittadini ta' Stat Membru jew ta' wieħed mill-pajjiżi u t-territorji;

e) fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi u t-territorji, d-dritt ta' stabbiliment ta' ċittadini u kumpanniji jew ditti għandu jkun irregolat skond id-disposizzjonijiet tas-Subsezzjoni 2 tas-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III dwar id-dritt ta' stabbiliment u billi jiġu applikati l-proċeduri previsti f'dik is-Subsezzjoni, kif ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja, bla ħsara għal kwalunkwe att adottat skond l-Artikolu III-291.

ARTIKOLU III-288

1. Dazji doganali fuq importazzjonijiet fl-Istati Membri ta' merkanzija li toriġina fil-pajjiżi u t-territorji għandhom jiġu pprojbiti bi qbil mal-projbizzjoni ta' dazji doganali bejn l-Istati Membri previsti mill-Kostituzzjoni.

2. Dazji doganali fuq importazzjonijiet f'kull pajjiż jew territorju mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi jew it-territorji oħra għandhom jiġu pprojbiti skond l-Artikolu III-151(4).

3. Il-pajjiżi u t-territorji jistgħu, madanakollu, jimponu dazji doganali li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-iżvilupp u l-industrijalizzazzjoni tagħhom jew li jipproduċu dħul għall-*budgets* tagħhom.

Id-dazji previsti fl-ewwel subparagrafu ma jistgħux jeċċedu l-livell ta' dawk imposti fuq importazzjonijiet ta' prodotti mill-Istat Membru li miegħu kull pajjiż jew territorju għandu relazzjonijiet speċjali.

4. Il-paragrafu 2 m' għandux japplika għal pajjiżi u territorji li, għar-raġuni ta' l-obbligi internazzjonali partikolari li huma marbuta bihom, diġà japplikaw tariffa doganali mhux diskriminatorja.

5. L-introduzzjoni ta' jew kull bidla fid-dazji doganali imposti fuq merkanzija importata fil-pajjiżi u t-territorji m'għandhiex, jew fil-liġi jew bil-fatt, toħloq xi diskriminazzjoni diretta jew indiretta bejn importazzjonijiet mid-diversi Stati Membri.

ARTIKOLU III-289

Jekk il-livell tad-dazji applikabbli fuq merkanzija minn pajjiż terz mad-dħul f'pajjiż jew territorju, huwa ta' natura tali li, meta jiġi applikat l-Artikolu III-288(1), jipprovoka devjazzjoni tal-kummerċ għad-detriment ta' xi Stat Membru, dan ta' l-aħħar jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi lill-Istati Membri l-oħra li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni.

ARTIKOLU III-290

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet rigward is-saħħa pubblika, s-sigurtà pubblika jew l-ordni pubbliku, l-libertà ta' moviment fl-Istati Membri ta' ħaddiema mill-pajjiżi u t-territorji, u fil-pajjiżi u t-territorji ta' ħaddiema minn Stati Membri, għandha tiġi regolata b'atti adottati skond l-Artikolu III-291.

ARTIKOLU III-291

Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta b'mod unanimu, fuq bażi ta' l-esperjenza miksuba taħt l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ma' l-Unjoni, liġijiet**,** liġijiet kwadru, regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej fir-rigward tar-regoli dettaljati u l-proċedura għall-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ma' l-Unjoni. Dawn il-liġijiet u l-liġijiet kwadru għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

# TITOLU V

# AZZJONI ESTERNA TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

### ARTIKOLU III-292

1. L-azzjoni ta' l-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li jispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha u li tfittex li tavvanza fil-bqija tad-dinja: d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji ta' l-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.

L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija ma' pajjiżi terzi, u organizzazzjonijiet reġjonali jew globali internazzjonali, li jaqsmu l-prinċipji previsti fl-ewwel subparagrafu. Għandha tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. L-Unjoni għandha tiddefinixxi u twettaq politika u azzjonijiet komuni, u għandha taħdem għal grad għoli ta' koperazzjoni fl-oqsma kollha ta' relazzjonijiet internazzjonali, sabiex:

a) tissalvagwardja l-valuri tagħha, l-interessi fundamentali, s-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità;

b) tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali;

ċ) tippreserva l-paċi, tipprevjeni kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skond l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mal-prinċipji ta' l-Att Finali ta' Helsinki u ma' l-għanijiet tal-Karta ta' Pariġi, inklużi dawk li jirrigwardaw il-fruntieri esterni;

d) tagħti appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli ekonomiku, soċjali u ambjentali ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-iskop primarju li jinqered il-faqar;

e) tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluża t-tneħħija progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali;

f) tgħin biex jiġu żviluppati miżuri internazzjonali sabiex tiġi ppreservata u titjieb il-kwalità ta' l-ambjent u l-amministrazzjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali globali, sabiex jiġi assigurat żvilupp sostenibbli;

g) tassisti popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni kkonfrontati b'diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem; u

h) tippromwovi sistema internazzjonali bbażata fuq il-koperazzjoni multilaterali msaħħa u t-tmexxija globali tajba.

3. L-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipji u twettaq il-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni koperti b'dan it-Titolu u l-aspetti esterni ta' politika oħra ta' l-Unjoni.

L-Unjoni għandha tassigura koerenza bejn l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politika l-oħra tagħha. Il-Kunsill u l-Kummissjoni, assistiti mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, għandhom jassiguraw dik il-koerenza u għandhom jikkoperaw għal dan il-għan.

ARTIKOLU III-293

1. Fuq bażi tal-prinċipji u l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-292, il-Kunsill Ewropew għandu jidentifika l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni.

Deċiżjonijiet Ewropej tal-Kunsill Ewropew dwar l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni għandhom jirrelataw għall-politika estera u ta' sigurtà komuni u għal oqsma oħra ta' azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jikkonċernaw ir-relazzjonijiet ta' l-Unjoni ma' pajjiż jew reġjun speċifiku jew jistgħu jkunu tematiċi fl-approċċ. Għandhom jiddefinixxu d-dewmien tagħhom, u l-mezzi li għandhom isiru disponibbli mill-Unjoni u l-Istati Membri.

Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, adottata minn dan ta' l-aħħar taħt l-arranġamenti stabbiliti għal kull qasam. Deċiżjonijiet Ewropej tal-Kunsill Ewropew għandhom jiġu implimentati skond il-proċeduri previsti mill-Kostituzzjoni.

2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, għall-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, u l-Kummissjoni, għal oqsma oħra ta' azzjoni esterna, jistgħu jissottomettu proposti konġunti lill-Kunsill.

# KAPITOLU II

# POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

## SEZZJONI 1

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

### ARTIKOLU III-294

1. Fil-kuntest tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna, l-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika estera u ta' sigurtà komuni li tkopri l-oqsma kollha ta' politika estera u ta' sigurtà.

2. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni attivament u mingħajr riservi fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka.

L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejjbu u jiżviluppaw is-solidarjetà politika reċiproka tagħhom. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li hi kuntrarja għall-interessi ta' l-Unjoni jew li x'aktarx tkun ta' impediment għall-effikaċja tagħha bħala forza koeżiva f'relazzjonijiet internazzjonali.

Il-Kunsill u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom jassiguraw li dawn il-prinċipji huma mħarsa.

3. L-Unjoni għandha tmexxi l-politika estera u ta' sigurtà komuni billi:

a) tiddefinixxi l-linji gwida ġenerali;

b) tadotta deċiżjonijiet Ewropej li jiddefinixxu:

i) l-azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-Unjoni;

ii) il-posizzjonijiet li jridu jittieħdu mill-Unjoni;

iii) l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-punti (i) u (ii);

ċ) issaħħaħ il-koperazzjoni sistematika bejn l-Istati Membri fit-tmexxija tal-politika.

ARTIKOLU III-295

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi l-linji gwida ġenerali għall-politika estera u ta' sigurtà komuni, inklużi dawk għal kwistjonijiet b'implikazzjonijiet għad-difiża.

Jekk żviluppi internazzjonali jeħtieġu hekk, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew sabiex jiddefinixxi l-linji strateġiċi tal-politika ta' l-Unjoni quddiem biex jieħdu in kunsiderazzjoni l-iżviluppi.

2. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji għad-definizjoni u l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni fuq bażi tal-linji gwida ġenerali u l-linji strateġiċi definiti mill-Kunsill Ewropew.

## ARTIKOLU III-296

1. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li għandu jippresjedi l-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin, għandu jikkontribwixxi permezz tal-proposti tiegħu għall-preparazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni u għandu jassigura l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill.

2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin għandu jirrappreżenta lill-Unjoni f'materji li għandhom x'jaqsmu mal-politika estera u ta'sigurtà komuni. Għandu jmexxi djalogu politiku ma' partijiet terzi għan-nom ta' l-Unjoni u għandu jesprimi l-posizzjoni ta' l-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali.

3. Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jiġi mgħejjun minn Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna. Dan is-servizz għandu jaħdem f'koperazzjoni mas-servizzi diplomatiċi ta' l-Istati Membri u għandu jinkludi uffiċjali mid-dipartimenti rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kif ukoll persunal issekondat mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali ta' l-Istati Membri. L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna għandu jiġi stabbilit b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

## ARTIKOLU III-297

1. Meta s-sitwazzjoni internazzjonali teħtieġ azzjoni operattiva mill-Unjoni, l-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jistabbilixxu l-miri, l-kamp ta' l-applikazzjoni, l-mezzi li għandhom ikunu disponibbli għall-Unjoni, jekk neċessarju t-tul ta' żmien, u l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.

Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li jkollha effett sostanzjali fuq kwistjoni soġġetta għal deċiżjoni Ewropea, l-Kunsill għandu jirrevedi l-prinċipju u l-miri ta' dik id-deċiżjoni u jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.

2. Id-deċiżjonijiet Ewropej msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jorbtu lill-Istati Membri fil-posizzjonijiet li jadottaw u fil-ġestjoni ta' l-azzjoni tagħhom.

3. Kull darba li jkun hemm pjan li tittieħed posizzjoni nazzjonali jew azzjoni nazzjonali skond id-deċiżjoni Ewropea, kif previst fil-paragrafu 1, għandu jingħata tagħrif mill-Istat Membru konċernat fi żmien biżżejjed li jippermetti, jekk ikun neċessarju, li jsiru konsultazzjonijiet minn qabel fil-Kunsill. L-obbligu li tkun provduta informazzjoni minn qabel m'għandux japplika għall-miżuri li huma sempliċiment trasposizzjoni nazzjonali ta' din id-deċiżjonijiet.

4. F'każ ta' bżonn imperattiv ikkawżat minn mill-iżvilupp ta' sitwazzjoni u fin-nuqqas ta' reviżjoni tad-deċiżjoni prevista fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji bħala kwistjoni ta' urġenza, billi jitqiesu l-miri ġenerali ta' dik id-deċiżjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Kunsill immedjatament b'kull miżura ta' dan it-tip.

5. Jekk ikun hemm diffikultajiet maġġuri fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni Ewropea kif previsti f'dan l-Artikolu, Stat Membru għandu jirreferihom lill-Kunsill li għandu jiddiskutihom u jfittex soluzzjonijiet xierqa. Dawn is-soluzzjonijiet m'għandhomx ikunu kontra l-miri ta' l-azzjoni prevista fil-paragrafu 1 jew inaqqsu l-effikaċja tagħha.

## ARTIKOLU III-298

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li għandhom jiddefinixxu l-posizzjoni ta' l-Unjoni fuq kwistjoni partikolari ta' natura ġeografika jew tematika. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-politika nazzjonali tagħhom tkun konformi mal-posizzjonijiet ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU III-299

1. Kull Stat Membru, l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, jew dak il-Ministru bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jistgħu jirreferu kwalunkwe kwistjoni li tirrelata mal-politika estera u ta' sigurtà komuni lill-Kunsill u jistgħu jissottomettulu inizjattivi jew proposti skond il-każ.

2. F'każijiet li jeħtieġu deċiżjoni rapida, l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, fuq mozzjoni tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru, għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill fi żmien tmienja u erbgħin siegħa jew, f'emerġenza, f'perijodu iqsar.

ARTIKOLU III-300

1. Id-deċiżjonijiet Ewropej previsti f'dan il-Kapitolu għandhom jiġu adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu.

Kwalunkwe membru tal-Kunsill li jastjeni mill-vot jista' jikkwalifika l-astensjoni tiegħu billi jagħmel dikjarazzjoni formali. F'dak il-każ, m'għandux ikun obbligat li japplika d-deċiżjoni Ewropea, imma għandu jaċċetta li d-deċiżjoni torbot lill-Unjoni. Fi spirtu ta' solidarjetà reċiproka, l-Istat Membru konċernat għandu jastjeni milli jieħu kull azzjoni li x' aktarx tidħol f'kunflitt ma' jew timpedixxi azzjoni ta' l-Unjoni bbażata fuq dik id-deċiżjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jirrispettaw il-posizzjoni tiegħu. Jekk il-membri tal-Kunsill li jikkwalifikaw l-astensjoni tagħhom b'dan il-mod jirrappreżentaw mill-inqas terz ta' l-Istati Membri li jinkludu mill-inqas terz tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni, d-deċiżjoni m'għandhiex tiġi adottata.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata:

a) meta jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jiddefinixxu azzjoni jew posizzjoni ta' l-Unjoni fuq bażi ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew dwar l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni, kif prevista fl-Artikolu III-293(1);

b) meta jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi azzjoni jew posizzjoni ta' l-Unjoni, fuq proposta li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jkun ressaqlu wara talba speċifika lilu mill-Kunsill Ewropew li ssir fuq inizjattiva ta' dan stess jew fuq dik tal-Ministru;

ċ) meta jadotta deċiżjoni Ewropea li timplimenta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi xi azzjoni jew posizzjoni ta'l-Unjoni;

d) meta jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonċerna l-ħatra ta' rappreżentant speċjali skond l-Artikolu III-302.

Jekk membru tal-Kunsill jiddikjara li, għal raġunijiet importanti u dikjarati ta' politika nazzjonali, bi ħsiebu jopponi l-adozzjoni ta' deċiżjoni Ewropea li għandha tiġi adottata b'maġġoranza kwalifikata, m'għandux jittieħed vot. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-Istat Membru involut, ifittex soluzzjoni aċċettabbli għal dan ta' l-aħħar. Jekk hu ma jirnexxielux, il-Kunsill jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jitlob li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Kunsill Ewropew għal deċiżjoni Ewropea b'mod unanimu.

3. Skond l-Artikolu I-40(7) il-Kunsill Ewropew jista' b'mod unanimu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li l-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fil-każijiet barra minn dawk previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Paragrafi 2 u 3 m'għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

ARTIKOLU III-301

1. Meta l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill ikun iddefinixxa approċċ komuni ta' l-Unjoni fis-sens ta' l-Artikolu I-48(5), il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fil-Kunsill.

2. Il-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jikkoperaw u għandhom jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' l-approċċ komuni previst fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU III-302

Il-Kunsill jista' jaħtar, fuq inizjattiva tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, rappreżentant speċjali b'mandat fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika partikolari. Ir-rappreżentant speċjali għandu jwettaq il-mandat tiegħu taħt l-awtorità tal-Ministru.

ARTIKOLU III-303

L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' Stat wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali f'oqsma koperti b'dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU III-304

1. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u jinfurmah skond l-Artikolu I-40(8) u l-Artikolu I-41(8). Hu għandu jassigura li l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew jiġu kkunsidrati kif dovut. Rappreżentanti speċjali jistgħu jkunu involuti fl-għotja ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jistaqsi mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew jagħmel rakkomandazzjonijiet lilhom. Darbtejn fis-sena għandu jżomm dibattitu dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, inkluża l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.

ARTIKOLU III-305

1. L-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali. Għandhom jiddefendu l-posizzjonijiet ta' l-Unjoni f'dawn il-laqgħat. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jorganizza din il-kordinazzjoni.

F'organizzazzjonijiet internazzjonali u konferenzi internazzjonali li fihom ma jipparteċipawx l-Istati Membri kollha, dawk li jieħdu sehem għandhom jiddefendu l-posizzjonijiet ta' l-Unjoni.

2. Skond l-Artikolu I-16(2), l-Istati Membri rappreżentati f'organizzazzjonijiet internazzjonali jew konferenzi internazzjonali li fihom ma jipparteċipawx l-Istati Membri kollha għandhom iżommu lil ta' l-aħħar, kif ukoll lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, infurmati b'kull kwistjoni ta' interess komuni.

L-Istati Membri li huma wkoll membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom jikkonċertaw u jżommu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni infurmati għalkollox. L-Istati Membri li huma membri tal-Kunsill tas-Sigurtà għandhom, fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom jiddefendu l-posizzjonijiet u l-interessi ta' l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tagħhom taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

Meta l-Unjoni tkun iddefiniet posizzjoni dwar tema li hi fuq l-aġenda tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk l-Istati Membri li huma membri tal-Kunsill tas-Sigurtà għandhom jitolbu li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jkun mistieden jippreżenta l-posizzjoni ta' l-Unjoni.

## ARTIKOLU III-306

Il-missjonijiet diplomatiċi u konsulari ta' l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'konferenzi internazzjonali, u r-rappreżentanzi tagħhom għal organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jikkoperaw biex jiżguraw li jiġu rispettati u implimentati d-deċiżjonijiet Ewropej li jiddefinixxu l-posizzjonijiet u l-azzjonijiet ta' l-Unjoni adottati taħt dan il-Kapitolu. Għandhom isaħħu l-koperazzjoni billi jiskambjaw informazzjoni u jwettqu stimi konġunti.

Għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jkollhom protezzjoni fit-territorju ta' pajjiżi terzi kif previst fl-Artikolu I-10(2)(ċ) u l-miżuri adottati skond l-Artikolu III-127.

ARTIKOLU III-307

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, Kumitat ta' Politika u ta' Sigurtà għandu jsegwi s-sitwazzjoni internazzjonali fl-oqsma koperti mill-politika estera u ta' sigurtà komuni u jikkontribwixxi għad-definizjoni ta' politika billi jagħti opinjonijiet lill-Kunsill fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar, jew tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Għandu wkoll jagħmel kontroll ta' l-implimentazzjoni ta' politika miftiehma, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, l-Kumitat ta' Politika u ta' Sigurtà għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjonijiet ta' immaniġġjar ta' kriżi previsti fl-Artikolu III-309.

Il-Kunsill tal-Ministri jista' jawtorizza l-Kumitat, għall-iskop u għat-tul ta' operazzjoni ta' immaniġġjar ta' kriżi, kif determinat mill-Kunsill tal-Ministri, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti li jikkonċernaw il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjoni.

ARTIKOLU III-308

L-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa tal-poteri ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti bil-Kostituzzjoni għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni previsti fl-Artikolu I-13 sa I-15 u l-Artikolu I-17.

Bl-istess mod, l-implimentazzjoni tal-politika prevista f'dawk l-Artikoli m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa tal-poteri ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti bil-Kostituzzjoni għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni taħt dan il-Kapitolu.

## SEZZJONI 2

## POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

### ARTIKOLU III-309

1. Il-kompiti previsti fl-Artikolu I-41(1), li matulhom l-Unjoni tista' tuża mezzi ċivili u militari, għandhom jinkludu operazzjonijiet konġunti ta' diżarm, kompiti umanitarji u ta' salvataġġ, kompiti ta' għoti ta' pariri u ta' assistenza fi kwistjonijiet militari, kompiti ta' prevenzjoni ta' kunflitti u taż-żamma tal-paċi, kompiti ta' forzi ta' kumbattiment fl-immaniġġjar ta' kriżi, inklużi l-missjonijiet għall-istabbiliment tal-paċi u għall-istabbilizzazzjoni wara l-kunflitt. Dawn il-kompiti kollha jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż l-appoġġ għal pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fit-territorji tagħhom.

2. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-kompiti previsti fil-paragrafu 1, li jiddefinixxu l-miri u l-kamp ta' l-applikazzjoni u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tal-Kunsill u f'kuntatt mill-qrib u kostanti mal-Kumitat ta' Politika u ta' Sigurtà, għandu jassigura kordinazzjoni ta' l-aspetti ċivili u militari ta' dawn il-kompiti.

### ARTIKOLU III-310

1. Fil-qafas tad-deċiżjonijiet Ewropej adottati skond l-Artikolu III-309, il-Kunsill jista' jafda l-implimentazzjoni ta' kompitu lil grupp ta' Stati Membri li għandhom r-rieda meħtieġa u l-ħila neċessarja għal dan il-kompitu. Dawk l-Istati Membri f'assoċjazzjoni mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom jiftehmu bejniethom dwar l-amministrazzjoni tal-kompitu.

2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kompitu għandhom iżommu lill-Kunsill regolarment infurmat bil-progress fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq it-talba ta' Stat Membru ieħor. Dawk l-Istati għandhom jinfurmaw lill-Kunsill immedjatament jekk it-twettiq tal-kompitu jkollu konsegwenzi maġġuri jew jeħtieġ emenda tal-mira, tal-kamp ta' l-applikazzjoni u tal-kondizzjonijiet stabbiliti għall-kompitu fid-deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafu 1. F'każijiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.

ARTIKOLU III-311

1. L-Aġenzija fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża, tar-riċerka, ta' l-akkwist u ta' l-armamenti (l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea) stabbilita bl-Artikolu I-41(3) u soġġetta għall-awtorità tal-Kunsill, għandha bħala l-kompitu tagħha li:

a) tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-miri ta' kapaċità militari ta' l-Istati Membri u l-valutazzjoni ta' l-osservanza ta' l-impenni ta' kapaċità mogħtija mill-Istati Membri;

b) tippromwovi l-armonizzazzjoni ta' bżonnijiet operazzjonali u l-adozzjoni ta' metodi ta' akkwist li huma effettivi u kompatibbli;

ċ) tipproponi proġetti multilaterali sabiex jiġu sodisfatti l-miri f'termini ta' kapaċitajiet militari, u tassigura kordinazzjoni tal-programmi implimentati mill-Istati Membri u l-amministrazzjoni ta' programmi speċifiċi ta' koperazzjoni;

d) issostni riċerka dwar it-teknoloġija tad-difiża, u tikkordina u tippjana attivitajiet ta' riċerka konġunta u l-istudju ta' soluzzjonijiet tekniċi li jissodisfaw bżonnijiet operattivi futuri;

e) tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u, jekk neċessarju, l-implimentazzjoni ta' kull miżura utli għat-tisħiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża u għat-titjib ta' l-effettività ta' l-infiq militari.

2. L-Aġenzija tad-Difiża Ewropea għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jkunu parti minnha. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operattivi ta' l-Aġenzija. Dik id-deċiżjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-livell ta' parteċipazzjoni effettiva fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Għandhom jiġu stabbiliti fl-Aġenzija gruppi speċifiċi li jinkludu Stati Membri involuti fi proġetti konġunti. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha flimkien mal-Kummissjoni meta neċessarju.

ARTIKOLU III-312

1. Dawk l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fil-koperazzjoni strutturata permanenti prevista fl-Artikolu I-41(6), li jissodisfaw il-kriterji u li taw l-impenji tagħhom dwar il-kapaċitajiet militari previsti fil-Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti għandhom jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom lill-Kunsill u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

2. Fi żmien tliet xhur min-notifika prevista fil-paragrafu 1, l-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi koperazzjoni strutturata permanenti, u li tiddetermina l-lista ta' l-Istati Membri partecipanti. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata wara li jikkonsulta lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

3. Kull Stat Membri li, aktar tard, jixtieq jieħu sehem fil-koperazzjoni strutturata permanenti għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonferma l-parteċipazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat li jissodisfa l-kriterji u ta' l-impenji previsti fl-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata wara li jikkonsulta l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti biss jistgħu jivvutaw.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

4. Jekk Stat Membru parteċipant ma jibqax jissodisfa l-kriterji jew ma jkunx jista' jibqa' jwettaq l-impenji, previsti fl-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti, l-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi l-parteċipazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat.

Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata. Il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, bl-eċċezzjoni ta' l-Istat Membru konċernat, biss jistgħu jivvutaw.

Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

5. Kull Stat Membru parteċipant li jixtieq jirtira mill-koperazzjoni strutturata permanenti għandu jgħarraf l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill, li għandu jinnota li l-Istat Membru in kwistjoni waqaf milli jipparteċipa.

6. Id-deċiżjonijiet Ewropej u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-qafas ta' koperazzjoni strutturata permanenti, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5, għandhom jiġu adottati b'mod unanimu. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-unanimità għandha tkun magħmula biss mill-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw.

## SEZZJONI 3

## DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

### ARTIKOLU III-313

1. L-ispiża amminstrattiva li l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu tinvolvi għall-istituzzjonijiet għandha tkun addebitata lill-*budget* ta' l-Unjoni.

2. L-ispiża operattiva li tinħoloq mill-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu għandha wkoll tiġi addebitata lill-*budget* ta' l-Unjoni, ħlief għal dik l-ispiża li tinħoloq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża u każijiet fejn il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor.

F'każijiet fejn l-ispiża ma tkunx addebitata lill-*budget* ta' l-Unjoni għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri skond l-iskala tal-prodott gross nazzjonali, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidiex mod ieħor. Għall-ispiża li tinħoloq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, l-Istati Membri li r-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill ikunu għamlu dikjarazzjoni formali taħt l-Artikolu III-300(1), it-tieni subparagrafu, m'għandhomx ikunu obbligati jikkontribwixxu għall-finanzjament tagħha.

3. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-proċeduri speċifiċi sabiex jiggarantixxi aċċess ta' malajr għal approprjazzjonijiet fil-*budget* ta' l-Unjoni għal finanzjament urġenti ta' inizjattivi fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, u b'mod partikolari għal attivitajiet preparatorji għall-kompiti kif previsti fl-Artikolu I-41(1) u l-Artikolu III-309. Hu għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

Attivitajiet preparatorji għal kompiti kif previsti fl-Artikoli I-41(1) u l-Artikolu III-309 li mhumiex addebitati għall-*budget* ta' l-Unjoni għandhom jiġu ffinanzjati minn fond ta' dotazzjoni magħmul mill-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri.

Il-Kunsill għandu jadotta, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu:

a) il-proċeduri għall-istabbiliment u l-finanzjament tal-fond ta' dotazzjoni, b'mod partikolari l-ammonti allokati lill-fond;

b) il-proċeduri għall-amministrazzjoni tal-fond ta' dotazzjoni;

ċ) il-proċeduri tal-kontroll finanzjarju.

Meta l-kompitu, kif ippjanat skond l-Artikoli I-41(1) u l-Artikolu III-309, ma jistax jiġi addebitat lill-*budget* ta' l-Unjoni, l-Kunsill għandu jawtorizza lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni biex juża l-fond. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirrapporta lill-Kunsill bl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat.

## KAPITOLU III

## POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

### ARTIKOLU III-314

Permezz ta' l-istabbiliment ta' unjoni doganali skond l-Artikolu III-151, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi, fl-interess komuni, għall-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji, għall-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali u fuq l-investiment barrani dirett, kif ukoll għat-tnaqqis fl-ostakoli doganali u oħrajn.

### ARTIKOLU III-315

1. Il-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' bidliet fir-rati tariffarji, l-konklużjoni ta' ftehim dwar tariffi u dawk kummerċjali rigward il-kummerċ ta' prodotti u ta' servizzi, u l-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, l-investiment barrani dirett, il-kisba ta' l-uniformità fil-miżuri ta' liberalizzazzjoni, l-politika dwar l-esportazzjoni kif ukoll il-miżuri għall-protezzjoni tal-kummerċ bħal dawk li għandhom jittieħdu fil-każ ta' *dumping* jew sussidji. Il-politika kummerċjali komuni għandha titmexxa fil-kuntest tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni.

2. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri li jiddefinixxu l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.

3. Fejn ikun meħtieġ li jiġu negozjati u konklużi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, l-Artikolu III-325 għandu japplika bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali ta' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, li għandu jawtorizzaha biex tiftaħ in-negozjati meħtieġa. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw li l-ftehim negozjat huwa kompatibbli mal-politika u r-regoli interni ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tmexxi dawn in-negozjati b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill biex jgħin lill-Kummissjoni f'dan ix-xogħol u fil-qafas tad-direttivi li l-Kunsill jista' jindirizza lilha. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-kumitat speċjali u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tan-negozjati.

4. Għan-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehim previst fil-paragrafu 3, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Għan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehim fl-oqsma tal-kummerċ f'servizzi u l-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, kif ukoll l-investiment barrani dirett**,** il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fejn ftehim bħal dan jinkludi disposizzjonijiet li għalihom l-unanimità hi meħtieġa għall-adozzjoni ta' regoli nterni.

Il-Kunsill għandu wkoll jaġixxi b'mod unanimu għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' ftehim:

a) fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi kulturali u awdjoviżivi, fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim jippreġudika d-diversità kulturali u lingwistika;

b) fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi soċjali, ta' l-edukazzjoni u tas-saħħa, fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim jikkawża disturb serju għall-organizzazzjoni nazzjonali ta' dawn is-servizzi u jippreġudika r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri biex joffruhom.

5. In-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali fil-qasam tat-trasport għandhom ikunu soġġetti għas-Sezzjoni 7 tal-Kapitolu III tat-Titolu III u għall-Artikolu III-325.

6. L-eżerċizzju tal-kompetenzi konferiti b'dan l-Artikolu fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni m'għandux jolqot d-delimitazzjoni ta' kompetenzi interni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u m'għandux iwassal għal armonizzazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi jew regolatorju ta' l-Istati Membri fejn il-Kostituzzjoni teskludi din l-armonizzazzjoni.

## KAPITOLU IV

## KOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI U GĦAJNUNA UMANITARJA

### SEZZJONI 1

### KOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

#### ARTIKOLU III-316

1. Il-politika ta' l-Unjoni fl-isfera ta' koperazzjoni għall-iżvilupp għandha tkun kondotta fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.

Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni għandha bħala l-mira primarja tagħha t-tnaqqis u, biż-żmien, il-qerda tal-faqar. L-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-miri ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fil-politika li timplimenta li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iħarsu l-impenji u jieħdu in kunsiderazzjoni l-miri li jkunu approvaw fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn.

ARTIKOLU III-317

1. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, li tista' tirrelata għall-programmi ta' koperazzjoni pluriennali ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw jew programmi li jkollhom approċċ tematiku.

2. L-Unjoni tista' tikkonkludi ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti kull ftehim li jgħin biex jintlaħqu l-miri previsti fl-Artikoli III-292 u III-316.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u biex jikkonkludu ftehim.

3. Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jikkontribwixxi, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istatut tiegħu, għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU III-318

1. Sabiex tiġi promossa l-kumplimentarità u l-effikaċja ta' l-azzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw il-politika tagħhom fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u għandhom jikkonsultaw ma' xulxin dwar il-programmi ta' l-għajnuna tagħhom, inklużi f'organizzazzjonijiet internazzjonali u waqt konferenzi internazzjonali. Jistgħu jidħlu għal azzjonijiet konġunti. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu jekk neċessarju għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna ta' l-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi l-kordinazzjoni prevista fil-paragrafu 1.

3. Fil-qafas tal-kompetenza rispettiva tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti.

SEZZJONI 2

KOPERAZZJONI EKONOMIKA, FINANZJARJA U TEKNIKA
MA' PAJJIŻI TERZI

ARTIKOLU III-319

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari dawk ta' l-Artikoli III-316 sa III-318, l-Unjoni għandha twettaq miżuri ta' koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika, inkluża għajnuna, b'mod partikolari għajnuna finanzjarja, ma' pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dawn il-miżuri għandhom ikunu koerenti mal-politika ta' l-iżvilupp ta' l-Unjoni u għandhom jitwettqu fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna tagħha. Il-miżuri ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.

2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1.

3. Fil-qafas tal-kompetenza rispettiva tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. L-arranġamenti għall-koperazzjoni ta' l-Unjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-partijiet terzi konċernati.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u biex jikkonkludu ftehim.

## ARTIKOLU III-320

Meta s-sitwazzjoni f'pajjiż terz teħtieġ għajnuna finanzjarja urġenti mill-Unjoni, l-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji fuq proposta mill-Kummissjoni.

## SEZZJONI 3

## GĦAJNUNA UMANITARJA

### ARTIKOLU III-321

1. L-azzjonijiet ta' l-Unjoni fil-qasam ta' għajnuna umanitarja għandhom jitmexxew fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Dawn l-operazzjonijiet għandhom ikunu maħsuba biex jipprovdu assistenza u għajnuna mingħajr dewmien għal nies f'pajjiżi terzi li huma vittmi ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, u biex jipproteġuhom, sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet umanitarji li jirriżultaw minn dawn is-sitwazzjonijiet differenti. L-operazzjonijiet ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.

2. L-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja għandhom jitmexxew skond il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-prinċipji ta' l-imparzjalità, in-newtralità u nuqqas ta' diskriminazzjoni.

3. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri li jiddefinixxu l-qafas li fih l-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni għandhom jiġu implimentati.

4. L-Unjoni tista' tikkonkludi ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti kull ftehim li jgħin biex jintlaħqu l-miri previsti fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu III-292.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim.

5. Sabiex jiġi stabbilit qafas għal kontribuzzjonijiet konġunti minn żgħażagħ Ewropej għall-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni, għandu jkun stabbilit Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. Il-liġi Ewropea għandha tiffissa r-regoli u l-proċeduri għall-funzjonament tal-Korp.

6. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi l-kordinazzjoni bejn azzjonijiet ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri, sabiex ittejjeb l-effikaċja u l-komplimentarità ta' miżuri ta' għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni u dawk nazzjonali.

7. L-Unjoni għandha tassigura li l-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja tagħha huma kordinati u koerenti ma' dawk ta' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, b'mod partikolari dawk li jiffurmaw parti mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.

## KAPITOLU V

## MIŻURI RESTRITTIVI

### ARTIKOLU III-322

1. Meta deċiżjoni Ewropea, li tiġi adottata skond il-Kapitolu II, tipprovdi għall-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta konġunta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa. Għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bihom.

2. Meta deċiżjoni Ewropea li tkun adottata skond il-Kapitolu II tipprovdi hekk, il-Kunsill jista' jadotta miżuri restrittivi taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 1 kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, kontra gruppi jew kontra entitajiet mhux Statali.

3. L-atti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu disposizzjonijiet meħtieġa dwar salvagwardji legali.

## KAPITOLU VI

## FTEHIM INTERNAZZJONALI

### ARTIKOLU III-323

1. L-Unjoni tista' tikkonkludi xi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew iktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk jew meta l-konklużjoni ta' ftehim hija jew meħtieġa sabiex tinkiseb, fil-qafas tal-politika ta' l-Unjoni, waħda mill-miri ffissati mill-Kostituzzjoni, jew inkella hija prevista f'att ta' l-Unjoni li jorbot legalment jew inkella x'aktarx tolqot regoli komuni jew li jbiddel il-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom.

2. Ftehim konkluż mill-Unjoni jorbot lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u lill-Istati Membri.

ARTIKOLU III-324

L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ta'assoċjazzjoni ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tistabbilixxi assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjonijiet komuni u proċeduri speċjali.

ARTIKOLU III-325

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli III-315, ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jiġu nnegozjati u konklużi skond il-proċedura li ġejja.

2. Il-Kunsill għandu jawtorizza l-ftuħ tan-negozjati, jadotta direttivi ta' negozjati, jawtorizza l-iffirmar ta' ftehim u jikkonkludihom.

3. Il-Kummissjoni, jew il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni meta l-ftehim maħsub għandu x'jaqsam esklużivament jew prinċipalment mal-politika estera u ta' sigurtà komuni, għandhom jissottomettu rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, li għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u, skond is-suġġett tal-ftehim maħsub, li jinnominaw in-negozjatur ta' l-Unjoni jew il-kap tal-grupp ta' negozjaturi ta' l-Unjoni.

4. Il-Kunsill jista' jindirizza direttivi lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali li f'konsultazzjoni miegħu għandhom isiru n-negozjati.

5. Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel il-bidu fis-seħħ.

6. Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonkludi l-ftehim.

Ħlief meta ftehim għandu x'jaqsam esklussivament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni, l-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonkludi l-ftehim:

a) wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-każijiet li ġejjin:

i) ftehim ta' assoċjazzjoni;

ii) adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;

iii) ftehim li jistabbilixxi qafas istituzzjonali speċifiku permezz ta' l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' koperazzjoni;

iv) ftehim b'implikazzjonijiet importanti għall-*budget* għall-Unjoni;

v) ftehim li jkopri l-oqsma li għalihom tapplika jew il-proċedura leġislattiva ordinarja, jew il-proċedura leġislattiva speċjali meta jkun meħtieġ il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, f'sitwazzjoni urġenti, jiftehmu fuq limitu ta' żmien għal kunsens.

b) wara l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew f'każijiet oħra. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-opinjoni tiegħu f'terminu li l-Kunsill jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni. Fl-assenza ta' opinjoni f'dak it-terminu, l-Kunsill jista' jaġixxi.

7. Meta jikkonkludi ftehim, il-Kunsill jista', b'deroga mill-paragrafi 5, 6 u 9, jawtorizza lin-negozjatur biex japprova għan-nom ta' l-Unjoni modifiki għall-ftehim meta dawn jipprovdu li dawn il-modifiki għandhom jiġu adottati skond proċedura simplifikata jew minn grupp stabbilit mill-ftehim. Il-Kunsill jista' jehmeż kondizzjonijiet speċifiċi ma' awtorizzazzjoni bħal din.

8. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata tul il-proċedura.

Mandankollu, għandu jaġixxi b'mod unanimu meta l-ftehim ikopri qasam li għalih hija meħtieġa l-unamità għall-adozzjoni ta' att ta' l-Unjoni kif ukoll għal ftehim ta' assoċjazzjoni u l-ftehim previsti fl-Artikolu III-319 ma' l-Istati li huma kandidati għall-adeżjoni.

9. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi l-applikazzjoni ta' ftehim u li tistabbilixxi l-posizzjonijiet li għandhom jiġu adottati għan-nom ta' l-Unjoni minn grupp stabbilit bi ftehim, meta dak il-grupp jissejjaħ biex jadotta atti li jkollhom effetti legali, ħlief atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.

10. Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat immedjatament u għal kollox fl-istadji kollha tal-proċedura.

11. Stat Membru, l-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, jistgħu jiksbu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-ftehim maħsub huwiex kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Meta l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija kuntrarja, l-ftehim maħsub ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat jew il-Kostituzzjoni ma tiġix riveduta.

ARTIKOLU III-326

1. B'deroga mill-Artikolu III-325, il-Kunsill jista', jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew bl-iskop li jintlaħaq qbil bejn kulħadd li huwa koerenti mal-mira ta' stabbilità tal-prezzijiet, jikkonkludi ftehim formali dwar is-sistema tar-rata tal-kambju għall-euro fir-rigward tal-muniti ta' Stati terzi. Il Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u skond il-proċedura stipulata fil-paragrafu 3.

Il-Kunsill jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew bl-iskop li jintlaħaq qbil bejn kulħadd koerenti mal-mira ta' stabbilità tal-prezzijiet, jista' jadotta, jaġġusta jew jabbanduna r-rati ċentrali tal-euro fis-sistema tar-rata tal-kambju. Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni, l-aġġustament jew l-abbandun tar-rati ċentrali tal-euro.

2. Fl-assenza ta' sistema ta' rata tal-kambju fir-rigward ta' munita waħda jew iktar ta' Stati terzi kif previst fil-paragrafu 1, il-Kunsill, li jaġixxi jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, jista' jifformula orjentazzjonijiet ġenerali għall-politika tar-rata tal-kambju fir-rigward ta' dawn il-muniti. Dawn l-orjentazzjonijiet ġenerali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-mira primarja tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, li tinżamm l-istabbilità tal-prezzijiet.

3. B'deroga mill-Artikolu III-325, meta ftehim dwar materji li għandhom x'jaqsmu mas-sistema monetarja jew tal-kambju għandhom ikunu s-suġġett ta' negozjati bejn l-Unjoni u Stat terz wieħed jew aktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali, l-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, għandu jiddeċiedi l-arranġamenti għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' dawn il-ftehim. Dawn l-arranġamenti għandhom jassiguraw li l-Unjoni tesprimi posizzjoni waħda. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata għal kollox man-negozjati.

4. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Unjoni u l-ftehim ta' l-Unjoni fir-rigward ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, l-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw fi gruppi internazzjonali u jikkonkludu ftehim.

KAPITOLU VII

RELAZZJONIJIET TA' L-UNJONI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U MA' PAJJIŻI TERZI U DELEGAZZJONIJIET TA' L-UNJONI

ARTIKOLU III-327

1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi l-forom kollha xierqa ta' koperazzjoni ma' l-organi tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, mal-Kunsill ta' l-Ewropa, ma' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa u ma' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku.

L-Unjoni għandha wkoll iżżomm dawk ir-relazzjonijiet li jkunu opportuni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Kummissjoni għandhom huma inkarigati biex jimplimentaw dan l-Artikolu.

ARTIKOLU III-328

1. Id-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jirrappreżentaw l-Unjoni.

2. Id-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom jitqiegħdu taħt l-awtorità tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Huma għandhom jaġixxu f'koperazzjoni stretta mal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari ta' l-Istati Membri.

KAPITOLU VIII

IMPLIMENTAZZJONI TAL-KLAWŻOLA TA' SOLIDARJETÀ

ARTIKOLU III-329

1. Jekk Stat Membru jkun vittma ta' attakk terroristiku jew ta' diżastru naturali jew li jkun kaġunat mill-bniedem, l-Istati Membri l-oħra għandhom jgħinuh fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jikkordinaw bejniethom fil-Kunsill.

2. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawsola tas-solidarjetà prevista fl-Artikolu I-43 għandha tiġi definita b'deċiżjoni Ewropea adottata mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta konġunta tal-Kummissjoni u tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi skond l-Artikolu III-300(1) fejn din id-deċiżjoni jkollha implikazzjonijiet ta' difiża. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi nfurmat.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, il-Kunsill għandu jiġi assistit mill-Kumitat tal-Politika u tas-Sigurtà bl-appoġġ ta' l-istrutturi żviluppati fil-kuntest tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, u mill-Kumitat previst fl-Artikolu III-261; iż-żewġ kumitati għandhom, jekk meħtieġ, jissottomettu opinjonijiet konġunti.

3. Il-Kunsill Ewropew għandu jivvaluta regolarment it-theddid kontra l-Unjoni sabiex hi u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jieħdu azzjoni effettiva.

# TITOLU VI

# IL-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

### SEZZJONI 1

### L-ISTITUZZJONIJIET

#### Subsezzjoni 1

#### Il-Parlament Ewropew

##### ARTIKOLU III-330

1. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali skond proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skond il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha.

Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq inizjattiva mill-Parlament Ewropew u wara li jikseb l-approvazzjoni tiegħu, li għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu. Din il-liġi jew liġi kwadru għandha tidħol fis-seħħ wara li tkun ġiet approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

2. Liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew, għandha tistabbilixxi r-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-kompiti tal-Membri tiegħu. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess wara li jfittex opinjoni mill-Kummissjoni u wara l-approvazzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq ir-regoli jew il-kondizzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tassazzjoni tal-membri jew tal-Membri preċedenti.

ARTIKOLU III-331

Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi r-regolamenti dwar il-partiti politiċi fuq livell Ewropew previsti fl-Artikolu I-46(4) u b'mod partikolari regoli li jirrigwardaw il-fondi għalihom.

ARTIKOLU III-332

Il-Parlament Ewropew jista', b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu, jitlob lill-Kummissjoni tissottometti kull proposta xierqa dwar materji fejn hu jikkunsidra li hu meħtieġ att ta' l-Unjoni sabiex il-Kostituzzjoni tkun implimentata. Jekk il-Kummissjoni ma tissottomettix proposta, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew bir-raġunijiet.

## ARTIKOLU III-333

Fil-kompiti tiegħu, l-Parlament Ewropew jista' fuq talba ta' kwart tal-Membri komponenti tiegħu, jistabbilixxi kumitat temporanju ta' inkjesta sabiex jinvestiga, mingħajr preġudizzju għall-poteri konferiti mill-Kostituzzjoni lil istituzzjonijiet jew korpi oħrajn, kontravenzjonijiet allegati jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni, ħlief meta l-fatti allegati jkunu qed jiġu eżaminati quddiem qorti u sakemm l-każ ikun għadu suġġett għall-proċedimenti legali.

Il-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jispiċċa mas-sottomissjoni tar-rapport tiegħu.

Liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess wara li jiskeb l-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

## ARTIKOLU III-334

Skond l-Artikolu I-10(2)(d), kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru, għandha d-dritt li tindirizza, individwalment jew f'assoċjazzjoni ma' persuni oħra, petizzjoni lill-Parlament Ewropew dwar materja li taqa' fl-oqsma ta' attività ta' l-Unjoni u li tolqot lilu jew lilha direttament.

ARTIKOLU III-335

1. Il-Parlament Ewropew għandu jeleġġi Ombudsman Ewropew. Skond l-Artikoli I-10(2)(d) u I-49, hu għandu s-setgħa jirċievi ilmenti minn kull ċittadin ta' l-Unjoni jew kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċju reġistrat tagħha fi Stat Membru dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fl-eżerċizzju tar-rwol ġudizzjarju tagħha.

Skond il-kompiti tiegħu, l-Ombudsman, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq bażi ta' ilmenti sottomessi lilu direttament jew permezz ta' Membru tal-Parlament Ewropew, jipproċedi bl-inkjesti li dwarhom isib bażi, ħlief meta l-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċedimenti legali. Meta l-Ombudsman jistabbilixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina, għandu jirreferi l-kwistjoni lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-aġenzija konċernati, li għandhom perijodu ta' tliet xhur biex fih jinfurmawh bl-opinjonijiet tagħhom. L-Ombudsman Ewropew għandu mbagħad jgħaddi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-aġenzija konċernati. Il-persuna li tippreżenta l-ilment għandha tiġi informata bir-riżultat ta' dawn l-inkjesti.

L-Ombudsman għandu jissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultat ta' l-inkjesti tiegħu.

2. L-Ombudsman għandu jinħatar wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul tal-mandat tiegħu. L-Ombudsman għandu jkun eleġibbli għall-ħatra mill-ġdid.

L-Ombudsman jista' jitkeċċa mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq talba tal-Parlament Ewropew jekk ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi tad-dmirijietu jew jekk ikun ħati ta' miskondotta serja.

3. L-Ombudsman għandu jkun kompletament indipendenti fil-qadi ta' dmirijietu. Fil-qadi ta' dawk id-dmirijiet la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe istituzzjoni, korp jew aġenzija. L-Ombudsman ma jistax, tul il-mandat tiegħu, jinvolvi ruħu f'xi xogħol ieħor, kemm jekk bi qligħ u kemm jekk le.

4. Liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew għandha tistabbilixxi r-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess wara li jfittex opinjoni mill-Kummissjoni u bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

ARTIKOLU III-336

Il-Parlament Ewropew għandu sessjoni annwali. Għandu jiltaqa', mingħajr ma jeħtieġ li jiġi msejjaħ, nhar ta' Tlieta fit-tieni ġimgħa tax-xahar ta' Marzu.

Il-Parlament Ewropew jista' jiltaqa' f'sessjoni parzjali straordinarja fuq talba ta' maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu jew fuq it-talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.

ARTIKOLU III-337

1. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandhom jinstemgħu mill-Parlament Ewropew skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew u f'dawk tal-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni tista' tattendi għal-laqgħat kollha tal-Parlament Ewropew, u għandha tinstema' fuq talba tagħha. Għandha twieġeb oralment jew bil-miktub għall-mistoqsijiet li jagħmlulha l-Parlament Ewropew jew il-Membri tiegħu.

3. Il-Parlament Ewropew għandu jiddiskuti f'sessjoni miftuħa ir-rapport annwali ġenerali sottomess lilu mill-Kummissjoni.

ARTIKOLU III-338

Ħlief kif provdut xort'oħra fil-Kostituzzjoni, l-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-voti espressi. Ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandhom jiddeterminaw il-*quorum*.

ARTIKOLU III-339

Il-Parlament Ewropew għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu.

Il-proċeduri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu ppubblikati bil-mod kif stabbilit fil-Kostituzzjoni u fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

ARTIKOLU III-340

Jekk mozzjoni ta' ċensura fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni titressaq quddiemu, l-Parlament Ewropew m'għandux jivvota fuqha sa mill-inqas tlett ijiem wara li l-mozzjoni tkun tressqet, u għandu jagħmel hekk b'vot miftuħ biss.

Jekk il-mozzjoni ta' ċensura tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti espressi, li jirrappreżentaw maġġoranza tal-membri komponenti tal-Parlament Ewropew, il-membri tal-Kummissjoni għandhom jirriżenjaw kollettivament mill-kariga tagħhom u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirreżenja mid-dmirijiet li jaqdi fil-Kummissjoni. Huma għandhom jibqgħu fil-kariga u jkomplu jwettqu x-xogħol kurrenti tagħhom sakemm jiġu sostitwiti skond l-Artikoli I-26 u I-27. F'dan il-każ, il-mandat tal-membri tal-Kummissjoni maħtura biex jissostitwuhom għandu jiskadi fid-data li kellu jiskadi l-mandat tal-membri tal-Kummissjoni li kienu obbligati jirriżenjaw kollettivament.

## Subsezzjoni 2

## Il-Kunsill Ewropew

### ARTIKOLU III-341

1. Meta jittieħed vot, kwalunkwe membru tal-Kunsill Ewropew jista' wkoll jaġixxi għan-nom ta' mhux iktar minn membru wieħed ieħor.

Astensjonijiet minn membri preżenti in persona jew rappreżentati m'għandhomx iżommu l-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' atti li jeħtieġu l-unanimità.

2. Il-President tal-Parlament Ewropew jista' jiġi mistieden biex jinstema' mill-Kunsill Ewropew.

3. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi għal kwistjonijiet proċedurali u għall-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

4. Il-Kunsill Ewropew għandu jkun assistit mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Subsezzjoni 3

Il-Kunsill tal-Ministri

ARTIKOLU III-342

Il-Kunsill għandu jiltaqa' meta jissejjaħ mill-President tiegħu fuq l-inizjattiva ta' dan ta' l-aħħar jew fuq it-talba ta' wieħed mill-membri tiegħu jew tal-Kummissjoni.

ARTIKOLU III-343

1. Meta jittieħed vot, kwalunkwe membru tal-Kunsill jista' jaġixxi għan-nom ta' mhux iktar minn membru wieħed ieħor.

2. Meta hu meħtieġ jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, l-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu.

3. L-astensjonijiet minn membri preżenti jew rappreżentati m'għandhomx iżommu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' azzjonijiet li jeħtieġu l-unanimità.

ARTIKOLU III-344

1. Kumitat li jikkonsisti mir-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandu jkun responsabbli għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill u biex iwettaq il-kompiti mogħtija lilu minn dan ta' l-aħħar. Il-Kumitat jista' jadotta deċiżjonijiet proċedurali f'każijiet previsti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

2. Il-Kunsill għandu jkun assistit minn Segretarjat Ġenerali, taħt ir-responsabbiltà ta' Segretarju Ġenerali maħtur mill-Kunsill.

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali b'maġġoranza sempliċi.

3. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi għal kwistjonijiet proċedurali u għall-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

ARTIKOLU III-345

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel kwalunkwe studju li l-Kunsill jikkunsidra mixtieqa biex jintlaħqu l-miri komuni, u biex tissottometti kwalunkwe proposti xierqa lilu. Jekk il-Kummissjoni ma tissottomettix proposta, għandha tinforma lill-Kunsill bir-raġunijiet.

ARTIKOLU III-346

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu r-regoli li jirregolaw il-kumitati previsti fil-Kostituzzjoni. Għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

Subsezzjoni 4

Il-Kummissjoni Ewropea

ARTIKOLU III-347

Il-membri tal-Kummissjoni għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li hija inkompatibbli ma' dmirijiethom. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-indipendenza tagħhom u m'għandhomx ifittxu li jinfluenzawhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

Il-membri tal-Kummissjoni ma jistgħux, matul il-mandat tagħhom, jeżerċitaw xi professjoni oħra, kemm bi qligħ kif ukoll jekk le. Meta jidħlu għal dmirijiethom għandhom jagħtu kelma solenni li, kemm tul kif ukoll wara l-mandat tagħhom, se jirrispettaw l-obbligi li joriġinaw mill-kariga u b'mod partikolari d-dmir tagħhom li jġibu ruħhom b'integrità u diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni, wara li jkunu waqfu mill-mandat tagħhom, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji. Fil-każ ta' xi ksur ta' dawn l-obbligi, l-Qorti tal-Ġustizzja tista', fuq applikazzjoni mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jew mill-Kummissjoni, tiddeċiedi li l-persuna konċernata tiġi, skond iċ-ċirkostanzi, jew irtirata b'mod obbligatorju kif previst fl-Artikolu III-349 jew tiġi mċaħħda mid-dritt tagħha għal pensjoni jew benefiċċji oħra minflokha.

ARTIKOLU III-348

1. Barra minn b'sostituzzjoni regolari, jew bil-mewt, il-funzjonijiet ta' membru tal-Kummissjoni jintemmu individwalment meta dan jirriżenja minn jeddu jew għax jiġi mġiegħel.

2. Post battal ikkawżat b'riżenja, b'irtirar obbligatorju jew b'mewt għandu jimtela għall-bqija tal-mandat tal-membru minn membru ġdid ta' l-istess nazzjonalità maħtur mill-Kunsill, bi ftehim komuni mal-President tal-Kummissjoni, wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu I-26(4).

Il-Kunsill jista', billi jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-President tal-Kummissjoni, jiddeċiedi li dan il-post battal m'hemmx bżonn li jimtela, b'mod partikolari meta ż-żmien li fadal għall-mandat tal-Membru hu qasir.

3. Fil-każ ta' riżenja, irtirar obbligatorju jew mewt, il-President għandu jiġi sostitwit għall-bqija tal-mandat tiegħu, skond l-Artikolu I-27(1).

4. Fil-każ ta' riżenja, irtirar obbligatorju jew mewt, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jiġi sostitwit, għall-bqija tal-mandat tiegħu, skond l-Artikolu I-28(1).

5. Fil-każ tar-riżenja tal-Membri kollha tal-Kummissjoni, huma għandhom jibqgħu fil-kariga u jkomplu jwettqu ix-xogħol kurrenti tagħhom sakemm jiġu sostitwiti, għall-bqija tal-mandat tagħhom, skond l-Artikoli I-26 u I-27.

ARTIKOLU III-349

Jekk kwalunkwe membru tal-Kummissjoni ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew jekk jinstab ħati ta' kondotta ħażina serja, l-Qorti tal-Ġustizzja tista' fuq applikazzjoni mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jew mill-Kummissjoni, tkeċċih.

ARTIKOLU III-350

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu I-28(4), ir-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq il-Kummissjoni għandhom ikunu mfassla u allokati fost il-membri tagħha mill-President tagħha, skond l-Artikolu I-27(3). Il-President jista' jqalleb l-allokazzjoni ta' dawk ir-responsabbiltajiet matul iż-żmien li l-Kummissjoni tkun fil-kariga. Il-Membri tal-Kummissjoni għandhom jaqdu d-dmirjiet mogħtija lilhom mill-President taħt l-awtorità tiegħu.

ARTIKOLU III-351

Il-Kummissjoni għandha taġixxi bil-maġġoranza tal-membri tagħha. Ir-Regoli ta' Proċedura tagħha għandhom jiddeterminaw il-*quorum*.

ARTIKOLU III-352

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha sabiex tassigura kemm il-ħidma tagħha kif ukoll dik tad-dipartimenti tagħha. Għandha tassigura li dawn ir-regoli jiġu ppubblikati.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika annwalment, mhux iktar tard minn xahar qabel il-ftuħ tas-sessjoni tal-Parlament Ewropew, rapport ġenerali dwar l-attivitajiet ta' l-Unjoni.

## Subsezzjoni 5

## Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea

### ARTIKOLU III-353

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiltaqa' f'awli, bħala Awla Manja jew f'sessjoni plenarja, skond l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

### ARTIKOLU III-354

Il-Qorti tal-Ġustizzja tkun mgħejjuna minn tmien Avukati Ġenerali. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja titlob hekk, il-Kunsill jista', b'mod unanimu, jadotta deċiżjoni biex iżid in-numru ta' Avukati Ġenerali.

L-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li, b'imparzjalità u b'indipendenza kompleta, jagħmel, fil-qorti bil-miftuħ, opinjonijiet motivati dwar każijiet li, skond l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-involviment tiegħu.

### ARTIKOLU III-355

L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jintgħażlu minn fost persunalitajiet li dwar l-indipendenza tagħhom ma jkunx hemm dubju u li għandhom il-kwalifiki kollha meħtieġa biex jeżerċitaw, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, l-ogħla funzjonijiet ġudizzjarji, jew li huma ġuriskonsulti ta' kompetenza magħrufa. Huma għandhom jinħatru bi ftehim komuni mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri wara konsultazzjoni mal-*panel* stabbilit fl-Artikolu III-357.

Kull tliet snin għandu jkun hemm sostituzzjoni parzjali ta' l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Imħallfin għandhom jaħtru minn fosthom il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja għal tliet snin. Hu jista' jerga' jiġi elett.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha. Dawk ir-Regoli jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill.

ARTIKOLU III-356

In-numru ta' Imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandu jiġi stabbilit mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. L-Istatut jista' jipprovdi li l-Qorti Ġenerali tkun assistita minn Avukati Ġenerali.

Il-membri tal-Qorti Ġenerali għandhom jintgħażlu minn fost persuni li dwar l-indipendenza tagħhom ma jkunx hemm dubju u li għandhom l-abiltà meħtieġa biex jeżerċitaw kariga ġudizzjarja għolja. Huma għandhom jinħatru bil-qbil komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri wara l-konsultazzjoni tal-*panel* previst fl-Artikolu III-357.

Kull tliet snin għandu jkun hemm tibdila parzjali fil-Qorti Ġenerali.

L-Imħallfin għandhom jaħtru l-President tal-Qorti Ġenerali minn fosthom għal terminu ta' tliet snin. Hu jista' jerga' jiġi elett.

Il-Qorti Ġenerali għandha tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tagħha bi ftehim mal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-Regoli għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Sakemm l-Istatut ma jipprovdix mod ieħor, id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar il-Qorti tal-Ġustizzja għandhom japplikaw għall-Qorti Ġenerali.

ARTIKOLU III-357

Għandu jiġi stabbilit *panel* sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Imħallef u Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jieħdu d-deċiżjonijiet previsti fl-Artikoli III-355 u III-356.

Il-*panel* għandu jinkludi seba' persunalitajiet magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-*panel* u deċiżjoni Ewropea għall-ħatra tal-membri tiegħu. Għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

ARTIKOLU III-358

1. Il-Qorti Ġenerali tkun kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi fl-ewwel istanza r-rikorsi previsti fl-Artikoli III-365, III-367, III-370, III-372 u III-374, ħlief għal dawk assenjati lil qorti speċjalizzata stabbilita skond l-Artikolu III-359 u dawk li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jirreserva għall-Qorti tal-Ġustizzja. L-Istatut jista' jipprovdi li l-Qorti Ġenerali tkun kompetenti għal kategoriji oħrajn ta' rikorsi.

Deċiżjonijiet mogħtija mil-Qorti Ġenerali taħt dan il-paragrafu jistgħu jkunu suġġetti għal dritt ta' appell lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq punti ta' liġi biss, taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut.

2. Il-Qorti Ġenerali tkun kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi rikorsi miġjuba kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati speċjalizzati.

Deċiżjonijiet mogħtija mil-Qorti Ġenerali taħt dan il-paragrafu jistgħu jkunu suġġetti eċċezzjonalment għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, fejn ikun hemm riskju serju li ser tintlaqat l-unità jew il-konsistenza tad-dritt ta' l-Unjoni.

3. Il-Qorti Ġenerali tkun kompetenti biex tisma' u tiddetermina kwistjonijiet riferiti għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu III-369, f'oqsma speċifiċi stabbiliti mill-Istatut.

Meta l-Qorti Ġenerali tikkunsidra li l-każ jeħtieġ deċiżjoni ta' prinċipju li x'aktarx tolqot l-unità jew il-konsistenza tad-dritt ta' l-Unjoni tista' tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni.

Deċiżjonijiet mogħtija mil-Qorti Ġenerali fuq kwistjonijiet riferiti għal deċiżjoni preliminari jistgħu jkunu suġġetti eċċezzjonalment għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut, fejn ikun hemm riskju serju li ser tinlaqat l-unità jew il-konsistenza tad-dritt ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU III-359

1. Il-liġi Ewropea tista' tistabbilixxi qrati speċjalizzati annessi mal-Qorti Ġenerali biex jisimgħu u jiddeterminaw fl-ewwel istanza ċerti klassijiet ta' rikorsi f'oqsma speċifiċi. Għandha tiġi adottata jew fuq proposta mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

2. Il-liġi Ewropea li tistabbilixxi qorti speċjalizzata għandha tistabbilixxi r-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-qorti u l-limitu tal-kompetenza mogħtija lilha.

3. Id-deċiżjonijiet mogħtija minn qrati speċjalizzati jistgħu jkunu suġġetti għal dritt ta' appell fuq punti tal-liġi Ewropea biss jew, meta previsti fil-liġi li tistabbilixxi l-qorti speċjalizzata, dritt ta' appell ukoll fuq kwistjonijiet ta' fatt, quddiem il-Qorti Ġenerali.

4. Il-membri tal-qrati speċjalizzati għandhom jintgħażlu minn fost persuni li dwar l-indipendenza tagħhom ma jkunx hemm dubju u li għandhom l-abiltà meħtieġa biex jeżerċitaw kariga ġudizzjarja. Huma għandhom jiġu maħtura mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu.

5. Il-qrati speċjalizzati għandhom jistabbilixxu r-Regoli ta' Proċedura tagħhom bi ftehim mal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawk ir-Regoli jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill.

6. Sakemm il-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-qorti speċjalizzata ma tipprovdix xort'oħra, d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u d-disposizzjonijiet ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għall-qrati speċjalizzati. It-Titolu I ta' l-Istatut u l-Artikolu 64 tiegħu għandhom japplikaw fi kwalunkwe każ għall-qrati speċjalizzati.

## ARTIKOLU III-360

Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li Stat Membru ikun naqas li jissodisfa obbligu taħt il-Kostituzzjoni, hija għandha tagħti opinjoni motivata dwar il-kwistjoni wara li tagħti lill-Istat konċernat l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

Jekk l-Istat konċernat ma jħarisx l-opinjoni fil-perijodu stabbilit mill-Kummissjoni, din ta' l-aħħar tista' ġġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU III-361

Kull Stat Membru li jikkunsidra li Stat Membru ieħor ikun naqas li jissodisfa obbligu skond il-Kostituzzjoni jista' jġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

Qabel ma Stat Membru jagħmel rikors kontra Stat Membru ieħor għal ksur allegat ta' obbligu taħt il-Kostituzzjoni, għandu jressaq il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni motivata wara li kull wieħed mill-Istati konċernati jkun ingħata l-opportunità li jissottometti l-każ kontra tiegħu u l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-każ tal-parti l-oħra kemm bil-fomm u kemm bil-miktub.

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx tat opinjoni fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-kwistjoni tkun ġiet imressqa quddiemha, l-assenza ta' din l-opinjoni m'għandhiex tipprekludi l-kwistjoni milli titressaq quddiem il-Qorti.

ARTIKOLU III-362

1. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ssib li Stat Membru jkun naqas milli jissodisfa xi obbligu taħt il-Kostituzzjoni, dak l-Istat għandu jintalab jieħu l-miżuri meħtieġa biex iħares is-sentenza tal-Qorti.

2. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istat Membru konċernat ma jkunx ħa l-miżuri neċessarji biex josserva s-sentenza prevista fl-ewwel paragrafu, tista' ġġib il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea wara li tagħti lil dak l-Istat l-opportunità li jissottometti l-oservazzjonijiet tiegħu. Hi għandha tispeċifika l-ammont ta' ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali li għandu jitħallas mill-Istat Membru konċernat li hi tikkunsidra xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Jekk il-Qorti ssib li l-Istat Membru konċernat ma jkunx ħares is-sentenza tista' timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali.

Din il-proċedura għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-361.

3. Meta l-Kummissjoni tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea skond l-Artikolu III-360 fuq il-bażi li l-Istat Membru konċernat naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu liġi kwadru Ewropea, hi tista', meta jidhrilha xieraq, tispeċifika l-ammont ta' ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali li trid titħallas mill-Istat Membru konċernat u li hi tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Jekk il-Qorti ssib li hemm ksur ta' liġi tista' timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penalità fuq l-Istat Membru konċernat, li ma tkunx taqbeż l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni. L-obbligu tal-ħlas jibda jseħħ fid-data stabbilita mill-Qorti fis-sentenza tagħha.

## ARTIKOLU III-363

Il-liġijiet u r-regolamenti Ewropej tal-Kunsill jistgħu jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea kompetenza illimitata fir-rigward tas-sanzjonijiet previsti fihom.

## ARTIKOLU III-364

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, liġi Ewropea tista' tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, sal-limitu li għandha tiddetermina hi, kompetenza li tisma' tilwim dwar l-applikazzjoni ta' atti adottati fuq bażi tal-Kostituzzjoni li joħolqu drittijiet Ewropej ta' proprjetà intellettwali.

ARTIKOLU III-365

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tirrevedi l-legalità tal-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej, ta' l-atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew, li ma jkunux rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet, u ta' l-atti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew maħsuba biex jipproduċu effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi. Hija għandha wkoll tirrevedi l-legalità ta' l-atti ta' korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni maħsuba biex jipproduċu effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti f'rikorsi magħmula minn Stat Membru, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fuq bażi ta' nuqqas ta' kompetenza, ksur ta' ħtieġa proċedurali essenzjali, ksur tal-Kostituzzjoni jew ta' xi regola tad-dritt dwar l-applikazzjoni tagħha, jew l-użu ħażin tal-poteri.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha ġurisidizzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 f'rikorsi magħmula mill-Qorti ta'l-Awdituri, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Kumitat tar-Reġjuni għall-fini tal-protezzjoni tal-prerogattivi tagħhom.

4. Kull persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt l-istess kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, tistitwixxi proċeduri kontra att indirizzat lil dik il-persuna jew li hu ta' interess dirett u individwali għaliha, u kontra att regolatorju li hu ta' interess dirett għaliha u li ma jinvolvix miżuri ta' eżekuzzjoni.

5. Atti li jistabbilixxu korpi u aġenziji ta' l-Unjoni jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet u arranġamenti partikolari li jikkonċernaw rikorsi magħmula minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi kontra atti ta' dawn il-korpi jew aġenziji maħsuba biex jipproduċu effetti legali fir-rigward tagħhom.

6. Il-proċeduri previsti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu istitwiti fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni ta' l-att, jew tan-notifika tiegħu lill-attur, jew fin-nuqqas ta' dawn, fil-jum li fih l-attur sar jaf bih, skond il-każ.

ARTIKOLU III-366

Jekk l-azzjoni tkun fondata l-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tiddikjara li l-att konċernat huwa null u mingħajr effett.

Madankollu, l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk tikkunsidra dan neċessarju, tiddikjara liema mill-effetti ta' l-att li hi ddikjarat null għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi.

ARTIKOLU III-367

Jekk il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew, bi ksur tal-Kostituzzjoni, jonqsu milli jaġixxu, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet l-oħrajn ta' l-Unjoni jistgħu jagħmlu rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jiġi stabbilit il-ksur. Dan l-Artikolu għandu japplika taħt l-istess kondizzjonijiet, għal korpi u aġenziji ta' l-Unjoni li jonqsu milli jaġixxu.

L-azzjoni għandha tkun ammissibbli biss jekk l-istituzzjoni, l-korp jew l-aġenzija konċernata jkunu l-ewwel ġew imsejħa biex jaġixxu. Jekk, fi żmien xahrejn minn meta jissejjħu, l-istituzzjoni, l-korp jew l-aġenzija ma jkunux ħadu l-posizzjoni tagħhom, l-azzjoni tista' tinġieb fi żmien perijodu ulterjuri ta' xahrejn.

Kull persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni paragrafi, tilmenta lill-Qorti tal-Ġustizzja li istituzzjoni, korp jew aġenzija ta' l-Unjoni jkunu naqsu milli joħorġulha kwalunkwe att li ma jkunx rakkomandazzjoni jew opinjoni.

ARTIKOLU III-368

L-istituzzjoni, l-korp jew l-aġenzija li l-att tagħhom ġie ddikjarat null, jew li n-nuqqas tagħhom li jaġixxu ġie ddikjarat kontra l-Kostituzzjoni, għandhom ikunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex josservaw is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan l-obbligu m'għandu jippreġudika l-ebda obbligu li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-431.

ARTIKOLU III-369

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti li tagħti deċiżjonijiet preliminari dwar:

a) l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni;

b) il-validità u l-interpretazzjoni ta' atti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni.

Meta kwistjoni bħal din titqajjem quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal ta' Stat Membru, dik il-qorti jew dak it-tribunal jistgħu, jekk iqisu li tkun meħtieġa deċiżjoni fuq il-kwistjoni sabiex ikunu jistgħu jagħtu sentenza, jitolbu lill-Qorti biex tiddeċiedi fuqha.

Meta kwalunkwe kwistjoni ta' dan it-tip titqajjem f'każ pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-Qorti.

Jekk din il-kwistjoni titressaq f'każ pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna detenuta, l-Qorti tal-Ġustizzja għandha taġixxi bil-minimu ta' dewmien.

## ARTIKOLU III-370

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti li tisma' tilwim dwar kumpens għad-danni previsti fit-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu III-431.

## ARTIKOLU III-371

Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx kompetenti li tiddeċiedi dwar il-legalità ta' att adottat mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill skond l-Artikolu I-59 ħlief fuq talba ta' l-Istat Membru konċernat minn determinazzjoni tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill u ħlief fir-rigward tad-disposizzjonijiet proċedurali li jinsabu f'dak l-Artikolu.

Din it-talba għandha ssir fi żmien xahar mid-data ta' tali determinazzjoni. Il-Qorti għandha tiddeċiedi fi żmien xahar mid-data ta' dik it-talba.

ARTIKOLU III-372

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti f'kull tilwima bejn l-Unjoni u l-impjegati tagħha fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-oħra ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU III-373

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti, fil-limiti stabbiliti hawn taħt, biex tieħu konjizzjoni f'tilwim dwar:

a) it-twettiq minn Stati Membri ta' obbligi taħt l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. F'dan ir-rigward, il-Bord tad-Diretturi tal-Bank għandu jgawdi l-poteri mogħtija mill-Kummissjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu III-360;

b) miżuri meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. F'dan ir-rigward, kull Stat Membru, l-Kummissjoni jew il-Bord tad-Diretturi tal-Bank jistgħu jagħmlu rikors skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-365;

ċ) miżuri meħuda mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. Rikors kontra dawn il-miżuri jista' jsir biss minn Stati Membri jew mill-Kummissjoni, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-365, u fuq bażi biss ta' nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19(2), (5), (6) u (7) ta' l-Istatut tal-Bank;

d) it-twettiq minn banek ċentrali nazzjonali ta' obbligi taħt il-Kostituzzjoni u ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew. F'dan ir-rigward il-poteri tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, fir-rigward ta' banek ċentrali nazzjonali, għandhom jkunu l-istess bħal dawk mogħtija lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-Istati Membri bl-Artikolu III-360. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ssib li bank ċentrali nazzjonali jkun naqas milli jwettaq xi obbligu taħt din il-Kostituzzjoni, dak il-bank hu marbut li jieħu l-miżuri neċessarji biex josserva s-sentenza tal-Qorti.

ARTIKOLU III-374

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti li tagħti sentenza skond kull klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt konkluż minn jew għan-nom ta' l-Unjoni, kemm jekk dak il-kuntratt ikun irregolat bid-dritt pubbliku jew bid-dritt privat.

ARTIKOLU III-375

1. Ħlief meta l-ġurisidizzjoni tingħata lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea mill-Kostituzzjoni, t-tilwim li fih l-Unjoni hija parti m'għandux fuq dik il-bażi jiġi eskluż mill-kompetenza tal-ġurisdizzjoni nazzjonali.

2. L-Istati Membri jintrabtu li ma jissottomettux nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni għal kwalunkwe metodu ta' soluzzjoni barra minn dawk previsti hemmhekk.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja tkun kompetenti li tisma kull nuqqas ta' qbil bejn Stati Membri marbuta mas-suġġett tal-Kostituzzjoni jekk in-nuqqas ta' qbil jiġi sottomess lilha taħt ftehim speċjali bejn il-partijiet.

ARTIKOLU III-376

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx kompetenti fir-rigward ta' l-Artikoli I-40 u I-41 u d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V li jikkonċernaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-Artikolu III-293 safejn tikkonċerna l-politika estera u ta' sigurtà komuni.

Madanakollu, l-Qorti tkun kompetenti sabiex tissorvelja l-ħarsien ma' l-Artikolu III-308 u sabiex tiddeċiedi dwar rikorsi, magħmula skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-365(4), dwar il-legalità ta' deċiżjonijiet li jipprovdu għal miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Kapitolu II tat-Titolu V.

ARTIKOLU III-377

Fl-eżerċizzju tal-poteri tagħha li jirrigwardaw is-Sezzjonijiet 4 u 5 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III dwar iż-żona tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, l-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx kompetenti biex tivverifika l-validità jew il-proporzjonalità ta' operazzjonijiet imwettqa mill-pulizija jew minn kull servizz ieħor ta' l-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru jew l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-manteniment ta' l-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna.

ARTIKOLU III-378

Minkejja l-iskadenza tal-perijodu stabbilit fl-Artikolu III-365(6), kwalunkwe parti tista', f'rikorsi li fihom ikun hemm involut att ta' applikazzjoni ġenerali adottata minn istituzzjoni, korp jew aġenzija ta' l-Unjoni, tibbaża ruħha fuq l-Artikolu III-365(2) sabiex tinvoka quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea l-inapplikabilità ta' dik il-miżura.

## ARTIKOLU III-379

1. Ir-rikorsi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea m'għandhomx ikollhom effett ta' sospensjoni. Il-Qorti tista' madanakollu, jekk tikkunsidra li ċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk, tordna li l-applikazzjoni ta' l-att ikkontestat tiġi sospiża.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tista' f'kull każ quddiemha tippreskrivi kwalunkwe miżuri proviżorja meħtieġa.

## ARTIKOLU III-380

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandhom forza eżekuttiva taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu III-401.

## ARTIKOLU III-381

L-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi stabbilit fi Protokoll.

Il-liġi Ewropea tista' temenda d-disposizzjonijiet ta' l-Istatut, bl-eċċezzjoni tat-Titolu I u l-Artikolu 64. Għandha tkun adottata jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja.

Subsezzjoni 6

Il-Bank Ċentrali Ewropew

ARTIKOLU III-382

1. Il-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun kompost mill-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li m'għandhomx deroga kif previst fl-Artikolu III-197.

2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun kompost mill-President, mill-Viċi-President u minn erba' membri oħra.

Il-President, il-Viċi-President u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, minn fost persuni li r-reputazzjoni u l-esperjenza professjonali fil-qasam monetarju jew bankarju huma rikonoxxuti.

Il-mandat tagħhom għandu jkun għal tmien snin u ma jistax jiġġedded.

Ċittadini ta' l-Istati Membri biss jistgħu jkunu membri tal-Bord Eżekuttiv.

ARTIKOLU III-383

1. Il-President tal-Kunsill u membru tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw, mingħajr ma jkollhom id-dritt għall-vot, f'laqgħat tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-President tal-Kunsill jista' jissottometti mozzjoni għad-deliberazzjoni lill-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun mistieden jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill meta jkun qed jiddiskuti materji li jirrelataw għall-miri u d-dmirijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jibgħat rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u dwar il-politika monetarja kemm tas-sena preċedenti kif ukoll dik kurrenti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, li jista' jkollu dibattitu ġenerali fuq dik il-bażi, u lill-Kunsill.

Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess, jinstemgħu mill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew.

### Subsezzjoni 7

### Il-Qorti ta' l-Awdituri

## ARTIKOLU III-384

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-ħruġ kollu ta' l-Unjoni. Għandha wkoll teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-ħruġ kollu ta' kwalunkwe korp jew aġenzija stabbilita mill-Unjoni sa fejn l-istrument li jistabbilixxi tali korp jew aġenzija ma jipprekludix dan l-eżami.

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, li għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi supplimentata bi stimi speċifiċi għal kull qasam maġġuri ta' l-attività ta' l-Unjoni.

2. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżamina jekk id-dħul kollu ġiex riċevut u jekk il-ħruġ kollu sarx b'mod legali u regolari u jekk l-amministrazzjoni finanzjarja kienitx korretta. B'hekk, għandha tirrapporta b'mod partikolari dwar każijiet ta' irregolarità.

Il-verifika tad-dħul għandha titwettaq fuq bażi ta' l-ammonti stabbiliti bħala dovuti u l-ammonti fil-fatt imħallsa lill-Unjoni.

Il-verifika tal-ħruġ għandha ssir fuq bażi ta' l-impenji u tal-pagamenti magħmula.

Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu qabel l-egħluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja in kwistjoni.

3. Il-verifika għandha tkun ibbażata fuq reġistri u, jekk meħtieġ, titwettaq fuq il-post fl-istituzzjonijiet l-oħra, jew fl-istabbilimenti ta' kull korp jew aġenzija li jamministra d-dħul jew il-ħruġ għan-nom ta' l-Unjoni u fl-Istati Membri, inkluż l-istabbilimenti ta' kull persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-*budget*. Fl-Istati Membri l-verifika għandha titwettaq flimkien ma' korpi nazzjonali ta' verifika, jew jekk dawn ma jkollhomx il-poteri neċessarji, mad-dipartimenti nazzjonali kompetenti. Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-korpi nazzjonali tal-verifika ta' l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fi spirtu ta' fiduċja filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom. Dawn il-korpi jew dipartimenti għandhom jinfurmaw lill-Qorti ta' l-Awdituri jekk ikollhomx il-ħsieb li jieħdu parti fil-verifika.

L-istituzzjonijiet l-oħra, kull korp jew aġenzija li jamministraw d-dħul jew il-ħruġ għan-nom ta' l-Unjoni, kull persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-*budget*, u l-korpi nazzjonali ta' verifika jew, jekk dawn ma jkollhomx il-poteri meħtieġa, d-dipartimenti nazzjonali kompetenti, għandhom jgħaddu lill-Qorti ta' l-Awdituri, fuq it-talba tagħha, kull dokument jew informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-ħidma tagħha.

Fir-rigward ta' l-attività tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment fl-amministrazzjoni tad-dħul u l-ħruġ ta' l-Unjoni, d-drittijiet ta' aċċess mill-Qorti ta' l-Awdituri għal informazzjoni miżmuma mill-Bank għandhom ikunu regolati bi ftehim bejn il-Qorti ta' l-Awdituri, l-Bank u l-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-Qorti ta' l-Awdituri għandha madanakollu jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja għall-verifika tal-ħruġ u d-dħul ta' l-Unjoni amministrati mill-Bank.

4. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tagħmel rapport annwali wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja. Dan għandu jintbagħat lill-istituzzjonijiet l-oħra u għandu jiġi ppubblikat, flimkien mat-tweġibiet ta' dawn l-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Hija tista' wkoll, fi kwalunkwe ħin, tissottometti osservazzjonijiet, b'mod partikolari fil-forma ta' rapporti speċjali, dwar mistoqsijiet speċifiċi u tagħti opinjonijiet fuq it-talba ta' waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra.

Hija għandha tadotta r-rapporti annwali, rapporti speċjali jew opinjonijiet b'maġġoranza tal-Membri tagħha. Madankollu, tista' tistabbilixxi fi ħdanha awli bl-iskop li tadotta ċerti kategoriji ta' rapporti jew ta' opinjonijiet taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tagħha.

Hija tassisti l-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-eżerċizzju tal-poteri tagħhom ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-*budget*.

Hija għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha. Dawk ir-regoli jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill.

ARTIKOLU III-385

1. Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jintgħażlu minn fost persuni li jappartjenu jew kienu jappartjenu fl-Istati rispettivi tagħhom għal korpi esterni ta' verifika jew li huma speċjalment ikkwalifikati għal din il-kariga. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom.

2. Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jinħatru għal perijodu ta' sitt snin. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-lista tal-Membri mfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jeleġġu l-President tagħhom minn fosthom għal mandat ta' tliet snin. Hu jista' jerga' jiġi elett.

3. Fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri m'għandhom la jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi korp ieħor. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li tkun inkompatibbli mal-funzjonijiet tagħhom.

4. Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri ma jistgħux, matul il-mandat tagħhom, iwettqu xi attività professjonali oħra, kemm jekk bi qligħ u kemm jekk le. Meta jidħlu għal kariga għandhom jagħtu kelma solenni li, kemm tul u kemm wara l-kariga tagħhom, jirrispettaw l-obbligi li joriġinaw mill-kariga u b'mod partikolari d-dmir tagħhom li jġibu ruħhom b'integrità u diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni, wara li jkunu spiċċaw il-kariga tagħhom, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji.

5. Barra minn sostituzzjoni normali, jew mewt, il-funzjonijiet ta' membru tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jispiċċaw meta jirriżenja, jew ikun imġiegħel b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skond il-paragrafu 6.

Il-post battal ikkawżat b'dan il-mod għandu jimtela għall-bqija tal-mandat tal-membru.

Ħlief fil-każ ta' rtirar obbligatorju, l-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti.

6. Membru tal-Qorti ta' l-Awdituri jista' jitneħħa mill-kariga jew mid-dritt għal pensjoni jew għal benefiċċji oħra minflokha biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq it-talba tal-Qorti ta' l-Awdituri, ssib li ma baqax jissodisfaa l-kondizzjonijiet meħtieġa jew ma baqax jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mill-kariga tiegħu.

## SEZZJONI 2

## KORPI KONSULTATTIVI TA' L-UNJONI

### Subsezzjoni 1

### Il-Kumitat tar-Reġjuni

### ARTIKOLU III-386

In-numru ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni m'għandux ikun aktar minn 350. Il-Kunsill, b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-komposizzjoni tal-Kumitat.

Il-membri tal-Kumitat u numru ugwali ta' membri supplenti għandhom jinħatru għal ħames snin. Il-perijodu tal-mandat tagħhom jista' jiġġedded. Ebda membru jew membru supplenti tal-Kumitat ma jista' jkun fl-istess waqt membru tal-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-lista ta' membri u membri supplenti mfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.

Meta l-mandat previst fl-Artikolu I-32(2), li abbażi tiegħu kienu proposti jasal fi tmiemu, l-mandat tal-membri tal-Kumitat għandu jintemm awtomatikament u huma għandhom imbagħad jiġu sostitwiti, skond l-istess proċedura, għall-bqija tal-mandat.

ARTIKOLU III-387

Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jaħtar il-president u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal mandat ta' sentejn u nofs.

Hu għandu jissejjaħ mill-president tiegħu fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. Jista' wkoll jiltaqa' fuq inizjattiva tiegħu stess.

Hu għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

ARTIKOLU III-388

Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiġi kkonsultat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk u fil-każijiet l-oħra kollha li fihom waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tqis xierqa, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-koperazzjoni trans-konfini.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni għandu, jekk jikkunsidrawh meħtieġ, jistabbilixxi għas-sottomissjoni mill-Kumitat ta' l-opinjoni tiegħu, terminu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn xahar mid-data li fiha l-president jirċievi notifika għal dan l-iskop. Ma' l-iskadenza tat-terminu taż-żmien, in-nuqqas ta' opinjoni m'għandux iżomm milli tittieħed azzjoni ulterjuri.

Meta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jiġi kkonsultat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiġi informat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni bit-talba għal opinjoni. Meta jqis illi huma involuti interessi reġjonali speċifiċi, l-Kumitat tar-Reġjuni jista' jesprimi opinjoni fuq il-kwistjoni. Jista' wkoll jissottometti opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

L-opinjoni tal-Kumitat, flimkien ma' reġistru tal-proċeduri tiegħu, għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Subsezzjoni 2

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

ARTIKOLU III-389

In-numru ta' membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m'għandux ikun aktar minn 350. Il-Kunsill, b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina l-komposizzjoni tal-Kumitat.

## ARTIKOLU III-390

Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom jinħatru għal ħames snin. Il-perijodu tal-mandat tagħhom jista' jiġġedded.

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-lista tal-Membri imfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.

Il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Jista' jiskeb l-opinjoni tal-korpi Ewropej li huma rappreżentanti tas-setturi ekonomiċi u soċjali diversi, u tas-soċjetà ċivili, interessati mill-attivitajiet ta' l-Unjoni.

## ARTIKOLU III-391

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jaħtar il-president u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal mandat ta' sentejn u nofs.

Għandu jitlaqqa' mill-president tiegħu fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. Jista' wkoll jiltaqa' fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

Hu għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

ARTIKOLU III-392

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jiġi kkonsultat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk. Jista' jiġi kkonsultat ukoll minn dawn l-istituzzjonijiet fil-każijiet kollha li huma jikkunsidraw xierqa. Jista' wkoll jissottometti opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni għandu, jekk jikkunsidrawh meħtieġ, jistabbilixxi għas-sottomissjoni mill-Kumitat ta' l-opinjoni tiegħu, terminu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn xahar mid-data li fiha l-president jirċievi notifika għal dan l-iskop. Ma' l-iskadenza tat-terminu taż-żmien, in-nuqqas ta' opinjoni m'għandux iżomm milli tittieħed azzjoni ulterjuri.

L-opinjoni tal-Kumitat, flimkien ma' reġistru tal-proċeduri tiegħu, għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

SEZZJONI 3

IL-BANK EWROPEW TA' L-INVESTIMENT

ARTIKOLU III-393

Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu personalità ġuridika.

Il-membri tiegħu għandhom ikunu l-Istati Membri.

L-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment huwa stabbilit fi Protokoll.

Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' temenda l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu, kemm fuq talba tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, kif ukoll fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment.

ARTIKOLU III-394

Il-kompitu tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jkun li jikkontribwixxi, billi jkollu rikors għas-suq kapitali u billi juża r-riżorsi tiegħu, għall-iżvilupp bilanċjat u kostanti tas-suq intern fl-interess ta' l-Unjoni. Għal dan l-iskop il-Bank Ewropew ta' l-Investiment, mingħajr ma jfittex skop ta' profitt, għandu jiffaċilita, b'mod partikolari billi jagħti self u jagħti garanziji, l-iffinanzjar tal-proġetti li ġejjin fis-setturi kollha ta' l-ekonomija:

a) proġetti għall-iżvilupp ta' reġjuni inqas żviluppati;

b) proġetti għall-immodernizzar jew il-konverżjoni ta' impriżi jew għall-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda meħtieġa mill-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, meta dawn il-proġetti huma ta' daqs jew natura tali li ma jistgħux jiġu kompletament iffinanzjati mill-mezzi varji disponibbli fl-Istati Membri individwali;

ċ) proġetti ta' interess komuni għal diversi Stati Membri li huma ta' daqs jew natura tali li ma jistgħux jiġu kompletament iffinanzjati mill-mezzi varji disponibbli fl-Istati Membri individwali.

Fit-twettiq tal-kompitu tiegħu, l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jiffaċilita l-iffinanzjar ta' programmi ta' investiment flimkien ma' assistenza mill-Fondi Strutturali u mill-istrumenti finanzjarji oħrajn ta' l-Unjoni.

## SEZZJONI 4

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET, IL-KORPI U L-AĠENZIJI TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU III-395

1. Meta, skond il-Kostituzzjoni, l-Kunsill jadotta att fuq proposta mill-Kummissjoni, ma jistax jemenda dik il-proposta sakemm ma jiddeċiedix b'mod unanimu, ħlief fil-każijiet previsti fl-Artikoli I-55 u I-56, l-Artikolu III-396(10) u (13), l-Artikolu III-404 u l-Artikolu III-405(2).

2. Sakemm il-Kunsill ma jkunx aġixxa, l-Kummissjoni tista' tbiddel l-proposta tagħha f'kull ħin tul il-proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni ta' att ta' l-Unjoni.

### ARTIKOLU III-396

1. Meta, skond il-Kostituzzjoni, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej huma adottati taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin.

2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

L-ewwel qari

3. Il-Parlament Ewropew għandu jadotta l-posizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Kunsill.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-posizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att in kwistjoni għandu jiġi adottat fil-formulazzjoni li tkun tikkorrispondi mal-posizzjoni tal-Parlament.

5. Jekk il-Kunsill ma japprovax il-posizzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-posizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Parlament Ewropew.

6. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bir-raġunijiet li wassluh biex jadotta l-posizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bil-posizzjoni tagħha.

It-tieni qari

7. Jekk, fi żmien tliet xhur minn din il-komunikazzjoni, l-Parlament Ewropew:

a) japprova l-posizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jew ikun għadu ma ħax deċiżjoni, l-att konċernat għandu jiġik kunsidrat adottat fil-formulazzjoni li tkun tikkorrispondi mal-posizzjoni tal-Kunsill;

b) jirrifjuta, b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, l-posizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, l-att propost għandu jitqies li ma ġiex adottat;

ċ) jipproponi, b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, emendi għall-posizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, t-test hekk emendat għandu jintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, li għandhom jagħtu opinjoni dwar dawk l-emendi.

8. Jekk, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi l-emendi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata,

a) japprova dawk l-emendi kollha, l-att in kwistjoni għandu jitqies li ġie adottat;

b) ma japprovax l-emendi kollha, l-President tal-Kunsill, bi ftehim mal-President tal-Parlament Ewropew, għandu fi żmien sitt ġimgħat isejjaħ laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

9. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq l-emendi li fuqhom il-Kummissjoni tkun tat opinjoni negattiva.

Konċiljazzjoni

10. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandu jkun kompost mill-membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom, u numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew, għandu l-kompitu li jilħaq ftehim dwar test konġunt, b'maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom u b'maġġoranza tal-membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew fi żmien sitt ġimgħat minn meta jissejjaħ, fuq bażi tal-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fit-tieni qari.

11. Il-Kummissjoni għandha tieħu parti fix-xogħol tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bl-iskop li tirrikonċilja l-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

12. Jekk, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jissejjaħ, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma japprovax it-test konġunt, l-att propost għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.

It-tielet qari

13. Jekk, f'dak il-perijodu, l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni japprova test konġunt, il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-voti espressi, u l-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandhom kull wieħed ikollhom perijodu ta' sitt ġimgħat minn din l-approvazzjoni biex fih jadottaw l-att in kwistjoni skond dan it-test. Jekk jonqsu li jagħmlu dan, l-att propost għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.

14. Il-perijodi ta' tliet xhur u sitt gimgħat previsti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mtawwla b'massimu ta' xahar u ġimgħatejn rispettivament fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Disposizzjonijiet speċjali

15. Meta, fil-każijiet previsti mill-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tkun sottomessa għall-proċedura ordinarja leġislattiva dwar l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew, jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-paragrafu 2, it-tieni sentenza tal-paragrafu 6 u l-paragrafu 9 m'għandhomx japplikaw.

F'dawn il-każijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jikkomunikaw l-att propost lill-Kummissjoni flimkien mal-posizzjonijiet tagħhom fl-ewwel u fit-tieni qari. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni tul il-proċedura kollha, liema opinjoni tista' tingħata wkoll mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess. Tista' wkoll, jekk tqis meħtieġ, tieħu parti fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni skond il-paragrafu 11.

ARTIKOLU III-397

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin u bi ftehim komuni jagħmlu arranġamenti għall-koperazzjoni ta' bejniethom. Għal dak l-iskop, jistgħu, bi qbil mal-Kostituzzjoni, jikkonkludu ftehim interistituzzjonali li jista' jkun ta' natura li jorbot.

ARTIKOLU III-398

1. Fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u ndipendenti.

2. Skond ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg adottati fuq bażi ta' l-Artikolu III-427, liġi Ewropea għandha tistabbilixxi disposizzjonijiet għal dak il-għan.

ARTIKOLU III-399

1. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom jassiguraw it-trasparenza fix-xogħol tagħhom u għandhom, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu I-50, jistabbilixxu fir-regoli ta' proċedura tagħhom id-disposizzjonijiet speċifiċi għall-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, l-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu I-50(3) u għall-Artikolu preżenti meta jeżerċitaw il-kompiti amministrattivi tagħhom biss.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jassiguraw il-pubblikazzjoni tad-dokumenti dwar il-proċeduri leġislattivi skond it-termini stipulati mil-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu I-50(3).

ARTIKOLU III-400

1. Il-Kunsill għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu:

a) is-salarji, l-*allowances* u l-pensjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew, tal-President tal-Kummissjoni, tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, tal-membri tal-Kummissjoni Ewropea, l-Presidenti, l-membri u r-Reġistraturi tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill;

b) il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, b'mod partikolari is-salarji, l-*allowances* u l-pensjonijiet tal-President u tal-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri;

ċ) kwalunkwe ħlas li għandu jsir flok remunerazzjoni lill-persuni previsti fil-punti (a) u (b).

2. Il-Kunsill għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jiddeterminaw l-*allowances* tal-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

ARTIKOLU III-401

L-atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponu obbligu ta' flus fuq persuni li mhumiex Stati Membri għandhom ikunu eżegwibbli.

L-eżekuzzjoni forzata hi regolata mir-regoli ta' proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu titwettaq. L-ordni għall-eżekuzzjoni għandha tiġi mehmuża mad-deċiżjoni, mingħajr ebda formalità oħra għajr il-verifika ta' l-awtentiċità tad-deċiżjoni, mill-awtorità nazzjonali li l-gvern ta' kull Stat Membru għandu jaħtar għal dan l-iskop u li għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

Meta dawn il-formalitajiet ikunu ġew ikkompletati fuq applikazzjoni mill-parti konċernata, din ta' l-aħħar tista' tipproċedi għall-eżekuzzjoni forzata, billi ġġib il-kwistjoni direttament quddiem l-awtorità kompetenti, skond il-liġi nazzjonali.

L-eżekuzzjoni forzata tista' tiġi sospiża biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Madanakollu, l-qrati tal-pajjiż konċernat għandhom ġurisidizzjoni fuq ilmenti li l-eżekuzzjoni tkun qed titwettaq b'mod irregolari.

# KAPITOLU II

# DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

## SEZZJONI 1

## IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

### ARTIKOLU III-402

1. Il-qafas finanzjarju pluriennali għandu jiġi stabbilit għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin skond l-Artikolu I-55.

2. Il-qafas finanzjarju għandu jistabbilixxi l-ammonti tal-limiti massimi annwali fuq approprjazzjonijiet ta' impenn skond il-kategorija tal-ħruġ u tal-limitu massimu annwali fuq approprjazzjonijiet ta' pagament. Il-kategoriji tal-ħruġ, li huma limitati, għandhom jikkorrispondu għas-setturi maġġuri ta' attività ta' l-Unjoni.

3. Il-qafas finanzjarju għandu jistabbilixxi kull disposizzjoni oħra meħtieġa biex il-proċedura annwali tal-*budget* topera mingħajr xkiel.

4. Meta ebda liġi Ewropea tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas finanzjarju ġdid ma tkun ġiet adottata sa l-aħħar tal-qafas finanzjarju preċedenti, l-limiti massimi u disposizzjonijiet oħrajn li jikkorrispondu għall-aħħar sena ta' dak il-qafas għandhom jiġu estiżi sa dak iż-żmien meta dik il-liġi tiġi adottata.

5. Tul il-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-qafas finanzjarju, l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex tiffaċilita t-tmiem b'suċċess tal-proċedura.

SEZZJONI 2

IL-*BUDGET* ANNWALI TA' L-UNJONI

ARTIKOLU III-403

Is-sena finanzjarja għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru.

ARTIKOLU III-404

Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-*budget* annwali ta' l-Unjoni skond id-disposizzjonijiet li ġejjin:

1. Kull Istituzzjoni għandha, qabel l-1 ta' Lulju, tfassal estimi tal-ħruġ tagħha għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tikkonsolida dawn l-estimi f'abbozz tal-*budget* li jista' jkun fih stimi differenti.

L-abbozz tal-*budget* għandu jkun fih stima tad-dħul u stima tal-ħruġ.

2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta li tinkludi l-abbozz tal-*budget* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena ta' qabel dik li fiha l-*budget* għandu jiġi implimentat.

Il-Kummissjoni tista' temenda l-abbozz ta' l-*budget* tul il-proċedura sa meta l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, previst fil-paragrafu 5 hawn taħt, jiġi mlaqqa'.

3. Il-Kunsill għandu jadotta l-posizzjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-*budget* u jgħaddih lill-Parlament Ewropew sa mhux iktar tard mill-1 ta' Ottubru tas-sena qabel dik li fiha l-*budget* għandu jiġi implimentat. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'mod sħiħ bir-raġunijiet li wassluh biex jadotta l-posizzjoni tiegħu.

4. Jekk, fi żmien tnejn u erbgħin jum minn din il-komunikazzjoni, l-Parlament Ewropew:

a) japprova l-posizzjoni tal-Kunsill, il-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* tkun adottata;

b) ma jkunx għadu ħa deċiżjoni, l-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* tkun titqies li ġiet adottata;

ċ) jadotta emendi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, l-abbozz emendat għandu jintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-President tal-Parlament Ewropew, bi ftehim mal-President tal-Kunsill, għandu immedjatament isejjaħ laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Madanakollu, jekk fi żmien għaxart ijiem minn meta jintbagħat l-abbozz, il-Kunsill tal-Ministri jinforma lill-Parlament Ewropew li jkun approva l-emendi kollha tiegħu, l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni m'għandux jiltaqa'.

5. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandu jkun kompost mill-membri tal-Kunsill jew mir-rappreżentanti tagħhom u numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew, għandu l-kompitu li jilħaq qbil fuq test konġunt, b'maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill jew tar-rappreżentanti tagħhom u b'maġġoranza tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew fi żmien wieħed u għoxrin jum minn meta jissejjaħ, fuq bażi tal-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni għandha tieħu parti fil-proċeduri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bl-iskop li tirrikonċilja l-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

6. Jekk, fi żmien il-wieħed u għoxrin jum previsti fil-paragrafu 5, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jilħaq qbil fuq test konġunt, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom kull wieħed ikollhom perijodu ta' erbatax-il jum mid-data ta' dak il-ftehim biex jadottaw it-test konġunt.

7. Jekk fil-perijodu ta' erbatax-il jum previst fil-paragrafu 6:

a) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn japprovaw it-test konġunt jew jonqsu milli jieħdu deċiżjoni, jew jekk waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tapprova it-test konġunt filwaqt li l-oħra tonqos milli tieħu deċiżjoni, l-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* għandha tiġi meqjusa li hi adottata b'mod definittiv skond it-test konġunt, jew

b) kemm il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, kif ukoll il-Kunsill jirrifjutaw it-test konġunt, jew jekk waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tirrifjuta t-test konġunt filwaqt li l-oħra tonqos milli tieħu deċiżjoni, t-tnejn jistgħu jitolbu li jiġi sottomess abozz ta' *budget* ġdid mill-Kummissjoni, jew

ċ) il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, jirrifjuta t-test konġunt filwaqt li l-Kunsill japprovah, abbozz ġdid tal-*budget* għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni, jew

d) il-Parlament Ewropew japprova t-test konġunt, filwaqt li l-Kunsill jirrifjutah, il-Parlament Ewropew jista', fi żmien erbatax-il jum mid-data tar-rifjut tal-Kunsill u billi jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu u tlieta minn kull ħamsa tal-voti espressi, jiddeċiedi li jikkonferma l-emendi kollha li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4(ċ) jew parti minnhom. Jekk emenda tal-Parlament Ewropew ma tiġix konfermata, l-posizzjoni miftehma fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni dwar l-intestatura tal-*budget* li hi suġġetta għall-emenda għandha tkun approvata. Il-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* għandha tkun meqjusa bħala adottata b'mod definittiv fuq din il-bażi.

8. Jekk, fi żmien il-wieħed u għoxrin jum li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 5, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma jaqbilx fuq test konġunt, abbozz ġdid ta' *budget* għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni.

9. Meta l-proċedura prevista f'dan l-Artikolu tkun tlestiet, il-President tal-Parlament Ewropew għandu jiddikjara li l-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* tkun ġiet adottata b'mod definittiv.

10. Kull istituzzjoni għandha teżerċita l-poteri konferiti lilha bis-saħħa ta' dan l-Artikolu skond il-Kostituzzjoni u l-atti adottati taħtha, b'rigward partikolari għar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni u l-bilanċ bejn id-dħul u l-ħruġ.

ARTIKOLU III-405

1. Jekk fil-bidu tas-sena finanzjarja l-ebda liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* ma tkun ġiet adottata b'mod definittiv, somma ekwivalenti għal mhux iktar minn wieħed minn kull tnax ta' l-approprjazzjonijiet tal-*budget* iskritti fil-kapitolu in kwistjoni tal-*budget* għas-sena finanzjarja preċedenti tista' tintnefaq kull xahar fir-rigward ta' kull kapitolu tal-*budget* skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-412; dik is-somma ma tistax, madankollu, tkun iktar minn wieħed minn kull tnax ta' l-approprjazzjonijiet stabbiliti fl-istess kapitolu ta' l-abbozz tal-*budget*.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, u bi qbil mal-kondizzjonijiet l-oħra previsti fil-paragrafu 1, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza ħruġ li jkun akbar minn wieħed minn kull tnax, skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-412. Il-Kunsill għandu jgħaddi d-deċiżjoni immedjatament lill-Parlament Ewropew.

Id-deċiżjoni Ewropea għandha tistipula l-miżuri meħtieġa fir-rigward tar-riżorsi sabiex tiżgura l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, skond il-liġijiet Ewropej previsti fl-Artikolu I-54(3) u (4).

Għandha tibda sseħħ tletin jum wara l-adozzjoni tagħha jekk il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, ma jkunx iddeċieda li jnaqqas dan il-ħruġ f'dak it-terminu ta' żmien.

## ARTIKOLU III-406

Skond il-kondizzjonijiet previsti fil-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-412, kwalunkwe approprjazzjoni, barra minn dawk assenjati għall-ispejjeż tal-persunal, li ma tkunx ġiet użata fl-aħħar tas-sena finanzjarja tista' tiġi mgħoddija għas-sena finanzjarja li jmiss biss.

L-approprjazzjonijiet għandhom jiġu kklassifikati taħt kapitoli differenti li jiġbru partiti ta' ħruġ skond in-natura jew l-iskop tagħhom u jiġu suddiviżi skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412.

L-infiq:

- tal-Parlament Ewropew,
- tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill,
- tal-Kummissjoni, kif ukoll
- tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea

għandu jitniżżel f'sezzjonijiet separati tal-*budget*, mingħajr preġudizzju għal xi arranġamenti speċjali għal ċerti partiti ta' nfiq li huma komuni.

## SEZZJONI 3

## IMPLIMENTAZZJONI TAL-*BUDGET* U KWITTANZA

### ARTIKOLU III-407

Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-*budget* f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412, fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet allokati, filwaqt li tqis il-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni sabiex jassiguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw skond dawk il-prinċipji.

Il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-318 għandha tistabbilixxi l-obbligi ta' kontroll u ta' verifika ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-*budget* u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw minnhom. Hi għandha tistabbilixxi r-responsabbilitajiet u r-regoli dettaljati għal kull istituzzjoni dwar il-parti li tolqot il-ħruġ tagħha.

Fi ħdan il-*budget,* il-Kummissjoni tista', bla ħsara għal-limiti u l-kondizzjonijiet previsti fil-liġijiet Ewropej imsemmija fl-Artikolu III-412, tagħmel trasferimenti ta' approprjazzjonijiet minn kapitolu għal ieħor jew minn suddiviżjoni għal oħra.

### ARTIKOLU III-408

Il-Kummissjoni għandha tissottometti annwalment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-kontijiet tas-sena finanzjarja preċedenti li għandhom x'jaqsmu mat-tħaddim tal-*budget*. Il-Kummissjoni għandha wkoll tgħaddilhom dikjarazzjoni finanzjarja ta' l-assi u r-responsabbiltajiet ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' valutazzjoni dwar il-finanzi ta' l-Unjoni bbażati fuq ir-riżultati miksuba, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skond l-Artikolu III-409.

ARTIKOLU III-409

1. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, għandu jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*. Għal dan l-iskop, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew warajh għandhom jeżaminaw il-kontijiet, id-dikjarazzjoni finazjarja u r-rapport ta' valutazzjoni previsti fl-Artikolu III-408, kif ukoll ir-rapport annwali mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mat-tweġibiet ta' l-istituzzjonijiet taħt verifika għall-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni prevista fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu III-384(1) u kull rapport speċjali rilevanti mill-Qorti ta' l-Awdituri.

2. Qabel ma jagħti kwittanza lill-Kummissjoni, jew għal kull skop ieħor in konnessjoni ma' l-eżerċizzju tal-poteri tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-*budget*, il-Parlament Ewropew jista' jitlob biex jisma' lill-Kummissjoni tagħti prova fir-rigward ta' l-eżekuzzjoni tal-ħruġ jew ta' l-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll finanzjarju. Il-Kummissjoni għandha tissottometti kull informazzjoni meħtieġa lill-Parlament Ewropew fuq talba ta' dan ta' l-aħħar.

3. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi kollha xierqa sabiex taġixxi fuq l-osservazzjonijiet fid-deċiżjonijiet li jagħtu kwittanza u fuq kwalunkwe osservazzjoni oħra mill-Parlament Ewropew rigward l-eżekuzzjoni tal-ħruġ, kif ukoll fuq kummenti li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-kwittanza adottati mill-Kunsill.

4. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u l-kummenti u b'mod partikolari dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lid-dipartimenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-*budget*. Dawn ir-rapporti għandhom ukoll jintbagħtu lill-Qorti ta' l-Awdituri.

SEZZJONI 4

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

ARTIKOLU III-410

Il-qafas finanzjarju pluriennali u l-*budget* annwali għandhom jitfasslu f'euro.

ARTIKOLU III-411

Il-Kummissjoni tista', bil-kondizzjoni li tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati, tittrasferixxi fil-munita ta' wieħed mill-Istati Membri l-assi monetarji tagħha fil-munita ta' Stati Membru ieħor, sal-limitu neċessarju għall-użu ta' dawn l-assi monetarji għall-għanijietprevisti mill-Kostituzzjoni. Il-Kummissjoni għandha sa fejn possibbli tevita li tagħmel dawn it-trasferimenti jekk tippossjedi flus jew assi likwidi fil-muniti li għandha bżonn.

Il-Kummissjoni għandha tittratta ma' kull Stat Membru konċernat permezz ta' l-awtorità maħtura mill-Istat. Fit-twettiq ta' l-operazzjonijiet finanzjarji l-Kummissjoni għandha timpjega s-servizzi tal-bank tal-ħruġ ta' l-Istat Membru konċernat jew ta' kull istituzzjoni finanzjarja oħra approvata minn dak l-Istat.

ARTIKOLU III-412

1. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi:

a) r-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-*budget* u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet;

b) regoli li jorganizzaw il-kontroll tar-responsabbiltà ta' persuni involuti fil-finanzi, b'mod partikolari uffiċjali li jawtorizzaw u uffiċjali tal-kontijiet.

Il-liġi Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri.

2. Il-Kunsill għandu fuq proposta mill-Kummissjoni jadotta regolament Ewropew li jistabbilixxi l-metodi u l-proċeduri li permezz tagħhom id-dħul tal-*budget* previst taħt l-arranġamenti li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni għandhom isiru disponibbli għall-Kummissjoni, u l-miżuri li għandhom jiġu applikati, jekk ikun meħtieġ, biex jilħqu l-ħtiġiet ta' flus kontanti. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu sal-31 ta' Diċembru 2006 fil-każijiet kollha previsti f'dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU III-413

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li l-mezzi finanzjarji jkunu disponibbli biex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi.

## ARTIKOLU III-414

Laqgħat regolari bejn il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jissejjħu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni taħt il-proċeduri tal-*budget* previsti f'dan il-Kapitolu. Il-Presidenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jippromwovu konsultazzjoni kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni tal-posizzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet li jippresjedu fuqhom sabiex l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu tiġi ffaċilitata.

SEZZJONI 5

ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

ARTIKOLU III-415

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiġġieldu kontra l-frodi u kull attività oħra illegali li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni permezz ta' miżuri meħuda skond dan l-Artikolu. Dawn il-miżuri għandhom iservu bħala deterrent u jkunu tali li joffru protezzjoni effettiva fl-Istati Membri kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha ta' l-Unjoni.

2. Biex jiġġieldu kontra frodi li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-istess miżuri li jieħdu biex jiġgieldu kontra frodi li tolqot l-interessi finanzjarji tagħhom stess.

3. Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom immirata lejn il-protezzjoni ta' l-interessi finazjarji ta' l-Unjoni kontra l-frodi. Għal dan l-iskop għandhom jorganizzaw, flimkien mal-Kummissjoni, koperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti.

4. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-frodi li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni bl-iskop li tingħata protezzjoni effettiva u ekwivalenti fl-Istati Membri kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha ta' l-Unjoni. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri.

5. Il-Kummissjoni, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha kull sena tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

# KAPITOLU III

# KOPERAZZJONI MSAĦĦA

## ARTIKOLU III-416

Kull koperazzjoni msaħħa għandha tħares il-Kostituzzjoni u d-dritt ta' l-Unjoni.

Din il-koperazzjoni m'għandha tikkomprometti la s-suq intern u lanqas il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. M'għandha tikkostitwixxi la ostakolu għal u lanqas diskriminazzjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, u lanqas m'għandha tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni bejniethom.

## ARTIKOLU III-417

Kull koperazzjoni msaħħa għandha tirrispetta l-kompetenzi, d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fiha. Dawk l-Istati Membri m'għandhomx jimpedixxu l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri parteċipanti.

## ARTIKOLU III-418

1. Meta koperazzjoni msaħħa tkun qed tiġi stabbilita, għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha basta li kwalunkwe kondizzjoni ta' parteċipazzjoni stabbilita mid-deċiżjoni Ewropea ta' awtorizzazzjoni tkun imħarsa. Għandha tkun ukoll miftuħa għalihom fi kwalunkwe ħin ieħor, sakemm kull kondizzjoni ta' dan it-tip u l-atti diġà adottati fi ħdan dak il-qafas, ikunu mħarsa.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri parteċipanti f'koperazzjoni msaħħa għandhom jassiguraw li jippromwovu l-parteċipazzjoni mill-ikbar għadd possibbli ta' Stati Membri.

2. Il-Kummissjoni u, meta xieraq, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom iżommu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill regolarment infurmati bl-iżviluppi li jirrigwardaw il-koperazzjoni msaħħa.

ARTIKOLU III-419

1. L-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa bejniethom f'wieħed mill-oqsma koperti mill-Kostituzzjoni, bl-eċċezzjoni ta' l-oqsma ta' kompetenza esklużiva u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, għandhom jindirizzaw talba lill-Kummissjoni, li fiha jispeċifikaw il-kamp ta' l-applikazzjoni u l-miri tal-koperazzjoni msaħħa proposti. Il-Kummissjoni tista' tissottometti proposta lill-Kunsill għal dak il-għan. Jekk ma tagħmilx proposta, l-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri konċernati dwar ir-raġunijiet għala ma tkunx għamlet hekk.

Awtorizzazzjoni għal koperazzjoni msaħħa għandha tingħata b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill, li għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jiskeb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

2. It-talba ta' l-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qafas tal-politika estera u tas-sigurtà komuni, għandha tkun indirizzata lill-Kunsill. Għandha tintbagħat lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li għandu jagħti opinjoni dwar jekk il-koperazzjoni msaħħa kontemplata hijiex konsistenti mal-politika estera u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni, u lill-Kummissjoni, li għandha tagħti l-opinjoni tagħha b'mod partikolari dwar jekk il-koperazzjoni msaħħa proposta hijiex konsistenti mal-politika l-oħra ta' l-Unjoni. Għandha wkoll tintbagħat lill-Parlament Ewropew għal tagħrif.

L-awtorizzazzjoni għal koperazzjoni msaħħa għandha tingħata b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu.

ARTIKOLU III-420

1. Kull Stat Membru li jixtieq jipparteċipa f'koperazzjoni msaħħa li tkun għaddejja f'waħda mill-oqsma previsti fl-Artikolu III-419(1) għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien erba' xhur mid-data li tirċievi n-notifika, tikkonferma l-parteċipazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat. Għandha tieħu nota meta neċessarju li l-kondizzjonijiet kollha ta' parteċipazzjoni ġew sodisfatti u għandha tadotta kull miżura transitorja meqjusa neċessarja rigward l-applikazzjoni ta' l-atti diġà adottati fil-qafas ta' koperazzjoni msaħħa.

Madanakollu, jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni ma ġewx sodisfatti, għandha tindika l-arranġamenti li għandhom jiġu adottati biex jiġu sodisfatti dawk il-kondizzjonijiet u għandha tistabbilixxi żmien perentorju biex terġa' tiġi eżaminata mill-ġdid it-talba. Meta jiskadi dak iż-żmien perentorju, għandha terġa' teżamina t-talba skond il-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li xi kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni jkunu għadhom ma ġewx sodisfatti, l-Istat Membru konċernat jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill, li għandu jiddeċiedi fuq dik it-talba. Il-Kunsill għandu jaġixxi skond l-Artikolu I-44(3). Jista' wkoll jadotta l-miżuri transitorji previsti fit-tieni subparagrafu fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru li jixtieq jipparteċipa f'koperazzjoni msaħħa li tkun għaddejja fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u lill-Kummissjoni.

Il-Kunsill għandu jikkonferma l-parteċipazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat, wara li jikkonsulta l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u wara li jinnota fejn meħtieġ li l-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni jkunu ġew sodisfatti. Il-Kunsill fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jista' wkoll jadotta kwalunkwe miżura transitorja li tkun meħtieġa fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-atti diġà adottati fil-qafas ta' koperazzjoni msaħħa. Madanakollu, jekk il-Kunsill jikkunsidra li l-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni ma jkunux ġew sodisfatti, hu għandu jindika l-arranġamenti li għandhom jiġu adottati biex jiġu sodisfatti dawk il-kondizzjonijiet u għandu jistabbilixxi terminu perentorju biex terġa' tiġi eżaminata t-talba għal parteċipazzjoni.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu u skond l-Artikolu I-43(3).

ARTIKOLU III-421

Il-ħruġ li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' koperazzjoni msaħħa, minbarra l-ispejjeż amministrattivi miagħmula mill-istituzzjonijiet, għandu jkun addebitat lill-Istati Membri parteċipanti, sakemm il-membri kollha tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu wara li jkunu kkonsulta lill-Parlament Ewropew, ma jiddeċiedux mod ieħor.

ARTIKOLU III-422

1. Fejn disposizzjoni tal-Kostituzzjoni li tista' tiġi applikata fil-kuntest ta' koperazzjoni msaħħa tistipula li l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu, l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu I-44(3), jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li se jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

2. Fejn disposizzjoni tal-Kostituzzjoni li tista' tiġi applikata fil-kuntest ta' koperazzjoni msaħħa tistipula li l-Kunsill għandu jadotta liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej skond proċedura leġislattiva speċjali, l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu I-44(3), jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li se jaġixxi skond il-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

3. Il-Paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

ARTIKOLU III-423

Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw il-koerenza ta' attivitajiet meħuda fil-kuntest ta' koperazzjoni msaħħa u l-koerenza ta' dawn l-attivitajiet mal-politika ta' l-Unjoni, u għandhom jikkoperaw għal dak il-għan.

TITOLU VII

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

ARTIKOLU III-424

Kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali strutturali tal-Gwadalupa, l-Gujana Franċiża, Martinique, Réunion**,** l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji, li hija ggravata minħabba li huma remoti, insulari, żgħar, b'topografija u klima diffiċli, ekonomikament dipendenti fuq numru żgħir ta' prodotti, u li l-permanenza u l-kombinazzjoni ta' dawn il-fatturi tolqot ħażin ħafna l-iżvilupp tagħhom, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta liġijiet, liġijiet kwadru**,** regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej immirati, b'mod partikolari, sabiex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Kostituzzjoni għal dawk ir-reġjuni, inkluża l-politika komuni. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

L-atti previsti fl-ewwel paragrafu jikkonċernaw b'mod partikolari oqsma bħall-politika doganali u kummerċjali, l-politika fiskali, iż-żoni liberi, l-politika ta' l-agrikoltura u tas-sajd, il-kondizzjonijiet għall-provvista ta' materja prima u ta' prodotti essenzjali għall-konsumaturi, l-għajnuna mill-Istat u l-kondizzjonijiet ta' aċċess għal fondi strutturali u programmi orizzontali ta' l-Unjoni.

Il-Kunsill għandu jadotta l-atti previsti fl-ewwel paragrafu waqt li jqis l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet tar-reġjuni l-iktar 'il barra mingħajr ma jikkomprometti l-integrità u l-koerenza ta' l-ordinament ġuridiku ta' l-Unjoni, inkluż is-suq intern u l-politika komuni.

## ARTIKOLU III-425

Il-Kostituzzjoni m'għandha bl-ebda mod tippreġudika r-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sidien ta' proprjetà.

## ARTIKOLU III-426

F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Unjoni għandha tgawdi mill-kapaċità ġuridika l-iktar wiesgħa mogħtija lil persuni ġuridiċi bil-liġijiet nazzjonali. B'mod partikolari, hija tista' takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tkun parti fi proċedimenti legali. Għal dan l-iskop, l-Unjoni għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni. Madanakollu, għandha tkun rappreżentata minn kull waħda mill-istituzzjonijiet, permezz ta' l-awtonomija amministrattiva tagħhom, fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-operat rispettiv tagħhom.

## ARTIKOLU III-427

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra ta' l-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' liġi Ewropea. Għandhom jkunu adottati wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet konċernati.

ARTIKOLU III-428

Il-Kummissjoni tista', fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet previsti b'regolament Ewropew jew b'deċiżjoni Ewropea adottati b'maġġoranza sempliċi mill-Kunsill, tiġbor kull tagħrif u twettaq kull kontroll meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti fdati lilha.

ARTIKOLU III-429

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, miżuri għall-produzzjoni ta' statistiċi għandhom jiġu stabbiliti b'liġi jew liġi kwadru Ewropea fejn dawn huma meħtieġa għat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' l-Unjoni.

2. Il-produzzjoni ta' l-istatistiċi għandha tirrispetta l-imparzjalità, l-affidabilità, l-oġġettività, l-indipendenza xjentifika, l-effikaċja fl-infiq u l-kunfidenzjalità dwar l-istatistika ta' l-informazzjoni. M'għandhiex toħloq piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi.

ARTIKOLU III-430

Il-membri ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, l-membri tal-kumitati kif ukoll l-uffiċjali u aġenti oħra ta' l-Unjoni għandhom ikunu meħtieġa, ukoll wara li l-kompiti tagħhom ikunu waqqfu, li ma jiżvelawx informazzjoni tat-tip kopert bl-obbligu tas-sigriet professjonali, b'mod partikolari informazzjoni dwar impriżi, r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew l-elementi ta' l-ispejjeż tagħhom.

ARTIKOLU III-431

Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' l-Unjoni għandha tkun irregolata bil-liġi applikabbli għall-kuntratt in kwistjoni.

Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Unjoni għandha, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kull ħsara kkawżata mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-aġenti tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom.

Minkejja d-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kull dannu li jikkawża jew li jiġi kkawżat mill-aġenti tiegħu fit-twettiq ta' dmirijiethom.

Ir-responsabbiltà personali ta' l-aġenti ta' l-Unjoni lejn din ta' l-aħħar għandha tkun regolata bid-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal jew fil-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg li japplikaw għalihom.

ARTIKOLU III-432

Is-sede ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandha tkun determinata bi ftehim komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

ARTIKOLU III-433

Il-Kunsill għandu jadotta b'mod unanimu regolament Ewropew li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-lingwi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-434

L-Unjoni għandha tgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tagħha, taħt il-kondizzjonijiet previsti fil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-435

Id-drittijiet u l-obbligi li joriġinaw minn xi ftehim konkluż qabel l-1 ta' Jannar 1958 jew, għall-Istati aderenti, qabel id-data ta' l-adeżjoni tagħhom, bejn Stat Membru wieħed jew iktar min-naħa l-waħda, u pajjiż terz wieħed jew iktar min-naħa l-oħra, m'għandhomx ikunu milquta mill-Kostituzzjoni.

Sakemm ftehim bħal dan ma jkunx inkompatibbli mal-Kostituzzjoni, l-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jiġu eliminati l-inkompatibilitajiet stabbiliti. L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jassistu lil xulxin għal dan l-iskop u għandhom, fejn ikun xieraq, jadottaw attitudni komuni.

Fl-applikazzjoni tal-ftehim previst fl-ewwel paragrafu, l-Istati Membri għandhom jqisu l-fatt li l-vantaġġi mogħtija skond il-Kostituzzjoni minn kull Stat Membru jiffurmaw parti integrali ta' l-Unjoni u huma b'hekk marbuta inseparabbilment mal-ħolqien ta' istituzzjonijiet li fuqhom ġew konferiti setgħat permezz tal-Kostituzzjoni u ma' l-għoti ta' vantaġġi identiċi mill-Istati Membri l-oħra kollha.

## ARTIKOLU III-436

1. Il-Kostituzzjoni m'għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tar-regoli li ġejjin:

a) ebda Stat Membru m'għandu jkun obbligat jagħtu informazzjoni li jikkunsidra li l-iżvelar tagħha tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu;

b) kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li jikkunsidra meħtieġa biex jipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu, u li jkollhom x'jaqsmu mal-manifattura jew il-kummerċ ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra; dawn il-miżuri m'għandhomx jolqtu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern dwar prodotti li ma jkunux intiżi għall-skopijiet speċifikament militari.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista', b'mod unanimu jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħmel bidliet għal-lista tal-15 ta' April 1958, tal-prodotti li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(b).

# PARTI IV

# DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

## ARTIKOLU IV-437

### Tħassir ta' Trattati preċedenti

1. Dan it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa għandu jħassar it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll dwar l-atti u t-trattati li ssupplimentaw jew emendaw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-atti u t-trattati li ssupplimentawhom u emendawhom, bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. It-Trattati ta' l-Adeżjoni:

a) tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

b) tar-Repubblika Ellenika,

ċ) tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża,

d) tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja,

e) tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika tal-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka,

għandhom jiġu mħassra.

Madanakollu:

- id-disposizzjonijiet tat-Trattati li hemm referenza għalihom fil-punti (a) sa (d) u li huma stabbiliti jew previsti fil-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja għandhom jibqgħu fis-seħħ u l-effetti legali tagħhom għandhom ikunu preservati skond dak il-Protokoll;

- id-disposizzjonijiet tat-Trattati li hemm referenza għalihom fil-punt (e) u li huma stabbiliti jew previsti fil-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka għandhom jibqgħu fis-seħħ u l-effetti legali tagħhom għandhom ikunu preservati skond dak il-Protokoll.

ARTIKOLU IV-438

Suċċessjoni u kontinwità ġuridika

1. L-Unjoni Ewropea stabbilita b'dan it-Trattat għandha tkun il-werrieta ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u tal-Komunità Ewropea.

2. Sakemm jiġu adottati disposizzjonijiet ġodda li jimplementaw dan it-Trattat, jew sa tmiem il-mandat tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji eżistenti fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan it-Trattat għandhom, bla ħsara għall-Artikolu IV-439, jeżerċitaw il-poteri tagħhom fis-sens ta' dan it-Trattat fil-komposizzjoni tagħhom f'dik id-data.

3. L-atti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji adottati fuq bażi tat-trattati, protokolli u atti mħassra permezz ta' l-Artikolu IV-437 għandhom jibqgħu fis-seħħ. L-effetti legali tagħhom għandhom jiġu ppreservati sakemm dawk l-atti jiġu mħassra, isiru nulli jew jiġu emendati fl-implementazzjoni ta' dan it-Trattat. L-istess għandu japplika għal kull ftehim konkluż bejn l-Istati Membri fuq bażi tat-trattati u atti mħassra permezz ta' l-Artikolu IV-437.

L-elementi l-oħra ta' *l-acquis* tal-Komunità, u ta' l-Unjoni li jeżistu fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ dan it-Trattat, b'mod partikolari l-ftehim interistituzzjonali, d-deċiżjonijiet u l-ftehim milħuqa mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, mlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, il-ftehim konklużi mill-Istati Membri dwar il-ħidma ta' l-Unjoni jew tal-Komunità jew marbut ma' azzjoni ta' l-Unjoni jew tal-Komunità, d-dikjarazzjonijiet, inklużi dawk magħmulin fil-qafas ta' konferenzi governattivi, r-risoluzzjonijiet jew il-posizzjonijiet oħra adottati mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill kif ukoll dawk dwar l-Unjoni jew il-Komunità adottati bi ftehim komuni mill-Istati Membri, għandhom ukoll jiġu ppreservati sakemm jiġu mħassra jew emendati.

4. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Prim' Istanza dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-trattati u l-atti mħassra permezz ta' l-Artikolu IV-437, kif ukoll ta' l-atti u l-konvenzjonijiet adottati għall-applikazzjoni tagħhom, għandhom jibqgħu, *mutatis mutandis,* il-fonti ta' interpretazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni u b'mod partikolari tad-disposizzjonijiet kumparabbli tal-Kostituzzjoni.

5. Il-kontinwità fil-proċeduri amministrattivi u ġuridiċi mibdija qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan it-Trattat għandha tkun assigurata skond il-Kostituzzjoni. L-istituzzjonijiet u l-korpi responsabbli minn dawk il-proċeduri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa għal dak il-għan.

ARTIKOLU IV-439

Disposizzjonijiet transitorji dwar ċerti istituzzjonijiet

Id-disposizzjonijiet transitorji dwar il-komposizzjoni tal-Parlament Ewropew, dwar id-definizzjoni ta' maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill, inkluż dawk il-każijiet fejn mhux il-membri kollha tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill jivvutaw, u dwar il-komposizzjoni tal-Kummissjoni, inkluż il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, jinsabu fil-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji rigward l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU IV-440

Kamp ta' l-Applikazzjoni

1. Dan it-Trattat għandu japplika għar-Renju tal-Belġju, r-Repubblika Ċeka, r-Renju tad-Danimarka, r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika Ellenika, r-Renju ta' Spanja, r-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, r-Repubblika Taljana, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Renju ta' l-Olanda, r-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika Portugiża, r-Repubblika tas-Slovenja, r-Repubblika Slovakka, r-Repubblika tal-Finlandja**,** r-Renju ta' l-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

2. Dan it-Trattat għandu japplika għall-Gwadalupa, l-Gujana Franċiża, Martinique, Réunion, l-Azores, l-Madeira u l-Gżejjer Kanarji skond l-Artikolu III-424.

3. L-arranġamenti speċjali għall-assoċjazzjoni stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti III ta' dan it-Trattat għandhom japplikaw għall-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej elenkati fl-Anness II.

Dan it-Trattat m'għandux japplika għal pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li mhumiex inklużi f'dik il-lista.

4. Dan t-Trattat għandu japplika għat-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom hu responsabbli xi Stat Membru.

5. Dan it-Trattat għandu japplika għall-Gżejjer Åland bid-derogi li oriġinarjament dehru fit-Trattat previst fl-Artikolu IV-437(2)(d) tal-Kostituzzjoni u li ġew riprodotti fis-Sezzjoni V tat-Titolu V tal-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja.

6. Minkejja l-paragrafi 1 sa 5 preċedenti:

a) dan it-Trattat m'għandux japplika għall-Gżejjer *Faeroe*;

b) dan it-Trattat għandu japplika għal Akrotiri u Dhekelia**,** iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru, biss sa fejn hu meħtieġ biex jassigura l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti oriġinarjament previsti fil-Protokoll dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru, anness ma' l-Att ta' l-Adeżjoni li hu parti integrali tat-Trattat previst fl-Artikolu IV-437(2)(e) tal-Kostituzzjoni, u li ġie riprodott fit-Titolu III tal-Parti II tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka;

ċ) dan it-Trattat għandu japplika għaċ-Channel Islands u l-Isle of Man biss sa fejn huwa meħtieg biex tiġi aċċertata l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti għal dawk il-gżejjer oriġinarjament previsti fit-Trattat imsemmi fl-Artikolu IV-437(2)(a), u li ġie riprodott fis-Sezzjoni 3 tat-Titolu II tal-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja, u r-Renju ta' l-Isvezja.

7. Il-Kunsill Ewropew, fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru konċernat, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li temenda l-istatus, fir-rigward ta' l-Unjoni, ta' pajjiż jew territorju Daniż, Franċiż jew Olandiż previst fil-paragrafi 2 u 3. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Kummissjoni.

ARTIKOLU IV-441

Unjonijiet reġjonali

Dan it-Trattat m'għandux jipprekludi l-eżistenza jew il-kisba ta' unjonijiet reġjonali bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, jew bejn il-Belġju, l-Lussemburgu u l-Olanda, sa fejn il-miri ta' dawk l-unjonijiet reġjonali ma jintlaħqux mill-applikazzjoni tat-Trattat imsemmi.

ARTIKOLU IV-442

Protokolli u Annessi

Il-Protokolli u l-Annessi ta' dan it-Trattat għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

## ARTIKOLU IV-443

### Proċedura ta' reviżjoni ordinarja

1. Il-gvern ta' kwalunkwe Stat Membru, l-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni jistgħu jissottomettu lill-Kunsill proposti għar-reviżjoni ta' dan it-Trattat. Dawn il-proposti għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill Ewropew mill-Kunsill u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu notifikati.

2. Jekk il-Kunsill Ewropew, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni, jadotta b'maġġoranza sempliċi deċiżjoni favur li jiġu eżaminati l-modifiki proposti, l-President tal-Kunsill Ewropew għandu jsejjaħ Konvenzjoni komposta minn rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali, tal-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern ta' l-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-Kusmmissjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu wkoll jiġi kkonsultat fil-każ ta' bidliet istituzzjonali fil-qasam monetarju. Il-Konvenzjoni għandha teżamina l-proposti għar-reviżjoni u għandha tadotta bi qbil ma' kulħadd rakkomandazzjoni lil konferenza ta' rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri kif stipulat fil-paragrafu 3.

Il-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi, wara li jiskeb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, biex ma jsejjaħx Konvenzjoni jekk dan ma jkunx ġustifikat mill-vastità tal-modifiki proposti. Fil-każ ta' l-aħħar, il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi l-mandat għal konferenza tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

3. Konferenza tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandha tissejjaħ mill-President tal-Kunsill biex jiġu determinati bi ftehim komuni l-emendi li jridu jsiru lil dan it-Trattat.

Il-modifiki għandhom jibdew iseħħu wara li jiġu ratifikati mill-Istati Membri kollha skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

4. Jekk, sentejn wara l-iffirmar tat-Trattat li jemenda dan it-Trattat, erbgħa minn ħamsa ta' l-Istati Membri jkunu rratifikawh u Stat Membru wieħed jew iktar ikun iltaqa' ma' diffikultajiet fil-proċeduri tar-ratifika, l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Kunsill Ewropew.

ARTIKOLU IV-444

Proċedura ta' reviżjoni simplifikata

1. Fejn il-Parti III tipprovdi li l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu f'qasam jew każ partikolari, l-Kunsill Ewropew jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza lill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata f'dak il-qasam jew każ.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

2. Fejn il-Parti III tipprovdi biex liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej jiġu adottati mill-Kunsill skond proċedura leġislattiva speċjali, l-Kunsill Ewropew jista' jadotta deciżjoni Ewropea li tippermetti biex dawk il-liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jiġu adottati skond il-proċedura leġislattiva ordinarja.

3. Kwalunkwe inizjattiva meħuda mill-Kunsill Ewropew fuq bażi tal-paragrafu 1 jew 2 għandha tkun notifikata lill-Parlamenti nazzjonali. Jekk Parlament nazzjonali juri l-opposizzjoni tiegħu fi żmien sitt xhur mid-data ta' dik in-notifika, d-deċiżjoni Ewropea prevista fil-paragrafu 1 jew 2 m'għandhiex tiġi adottata. Fejn ma ssirx opposizzjoni bħal din, l-Kunsill Ewropew jista' jadotta d-deċiżjoni.

Għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafi 1 u 2, il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li għandha tiġi mogħtija b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu.

## ARTIKOLU IV-445

### Proċedura ta' reviżjoni simplifikata rigward il-politika interna u l-azzjonijiet interni ta' l-Unjoni

1. Il-Gvern ta' kwalunkwe Stat Membru, l-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni jistgħu jissottomettu lill-Kunsill Ewropew proposti għar-reviżjoni sħiħa jew parzjali tad-disposizzjonijiet tat-Titolu III tal-Parti III dwar il-politika interna u l-azzjonijiet interni ta' l-Unjoni.

2. Il-Kunsill Ewropew jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li timmodifika b'mod sħiħ jew parzjalment id-disposizzjonijiet tat-Titolu III tal-Parti III. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni, kif ukoll tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-każ ta' tibdil istituzzjonali fil-qasam monetarju.

Tali deċiżjoni Ewropea m'għandhiex tibda sseħħ sakemm ma tkunx ġiet approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

3. Id-deċiżjoni Ewropea prevista fil-paragrafu 2 m'għandhiex iżżid il-kompetenzi konferiti lill-Unjoni f'dan it-Trattat.

## ARTIKOLU IV-446

### Tul ta' Żmien

Dan it-Trattat qiegħed isir għal żmien mhux limitat.

## ARTIKOLU IV-447

### Ratifika u bidu fis-seħħ

1. Dan it-Trattat jkun ratifikat mill-Partijiet Kontraenti Għolja skond ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati mal-Gvern tar-Repubblika Taljana.

2. Dan it-Trattat jibda jseħħ fl-1 ta' Novembru 2006, sakemm l-istrumenti ta' ratifika kollha jkunu ġew depożitati, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika mill-aħħar Stat firmatarju li jieħu dan il-pass.

ARTIKOLU IV-448

Testi Awtentiċi u Traduzzjonijiet

1. Dan it-Trattat, mfassal f'oriġinal wieħed bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, li t-test ta' kull wieħed minn dawn il-lingwi jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern tar-Repubblika Taljana, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-gvernijiet ta' l-Istati firmatarji l-oħra.

2. Dan it-Trattat jista' wkoll jiġi tradott fi kwalunkwe lingwa oħra kif determinat minn Stati Membri fost dawk li, skond l-ordni kostituzzjonali tagħhom, jgawdu status uffiċjali fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu. Kopja awtentikata ta' dawn it-traduzzjonijiet għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri konċernati li għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Kunsill.